# Għaqda Mużikali Imperial

## Festa Marija Bambina 2020

## Il-Mellieħa

IMPERIAL BAND CLUB MELLIEĦA

A.D. 1930





ROCS
BECAUSE SOME THINGS ARE NOT WORTH MISSING

# Government vouchers?

# We will double them.

**It pays to shop with ROCS!**

Spend your Government vouchers with us and get your money back in ROCS Retail vouchers.

ROCS retail INGLOT perfumes&more MINUSTHREE

2015 1515 | INFO@ROCSGRP.COM | WWW.ROCSGRP.COM

TERMS AND CONDITIONS APPLY

**VO/0841**

*Pubblikazzjoni:*
Għaqda Mużikali Imperial
Misraħ il-Parroċċa
Il-Mellieħa, Malta
Tel.: 21 520 536

*Korrispondenza:*
Il-Bord Editorjali
Leħen l-Imperial
Għaqda Mużikali Imperial
Misraħ il-Parroċċa
Il-Mellieħa, Malta
info@imperialbandclub.com
*webpage:*
www.imperialbandclub.com

*Bord Editorjali:*
Josef Borg, John Baptist Gauci, Anthony Borg, Carmen Schembri, Anthony Schembri

*Nota Editorjali:*
Il-Bord Editorjali jfakkar illi l-opinjonijiet u l-fehmiet espressi fl-artikli u fl-ittri ppubblikati f'dan il-magażin huma opinjonijiet u fehmiet tal-awturi nfushom, u m'għandhom qatt jinftehmu bħala l-fehma tal-Bord Editorjali jew tad-Direzzjoni tal-Għaqda Mużikali Imperila. Il-fehma tad-direzzjoni hija riflessa fil-messaġġi tal-uffiċjali u fl-editorjal.

*Typing:*
Carmen Schembri
John Baptist Gauci

*Disinn tal-Faċċata:*
Stephen Grima

*Ritratti tal-Faċċata:*
Norbert Vella Photography

*Ġbir tar-Riklami:*
Anthony Schembri
John Baptist Gauci

*Qari tal-Provi:*
Grazio Barbara, David Muscat

*Ritratt fin-naħa ta' fuq tal-paġni:*
Norbert Vella Photography

# Werrej

L-Għaqda Mużikali Imperial tul l-aħħar sena - Josef Borg - President ........ 4
Festa b'differenza- Dario Vella - Sindku ........ 7
Omm il-Ħniena, Omm it-Tama, Omm il-Migranti, itlob għalina - Kan. Dun Joe Caruana – Arċipriet ........ 9
Kemm huma reżiljenti l-għaqdiet volontarji - Dr John Baptist Gauci - Segretarju Ġenerali ........ 12
Fejn sejrin il-flus? - Anthony Schembri - Segretarju Finanzjarju ........ 15
Sena straordinarja - Clayton Vella - Direttur ........ 17
Riflessjonijiet - Mro Anthony Borg - Surmast Direttur ........ 20
Festa differenti - Ryan Micallef - Membru, Kummissjoni Banda u Kor ........ 23
Pjanijiet posposti - Damian Vella - Chairperson, Kummissjoni Żgħażagħ ........ 25
When will we sing together again? - Julie Thomas - Director of the Imperial Choir ........ 28
Wara l-maltemp, il-bnazzi - Philip Schembri - Għalliem ........ 31
The importance of family - Geoff Thomas - Music Teacher ........ 34
Messaġġ mill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda - Joseph C. Azzopardi - Segretarju Ġenerali, GħKB ........ 37
Djarju 2019 -- 2020 ........ 39
Nifirħu lil... ........ 43
Niftakru f'ħutna li ħallewna ........ 45
90 Sena Anniversarju tal-Għaqda Mużikali Imperial ........ 47
Għotjiet lill-Għaqda Mużikali Imperial 2019 ........ 48
Tislima lil Toni, Charlie u Carmen – Dr John Baptist Gauci ........ 51
Apprezzament: Mro Joseph N. Sammut (1941 -2020) – Mro Anthony Borg ........ 54
Wheelchair Dancing and COVID-19 – Pippa Roberts ........ 57
Il-volontarjat preġju soċjali fil-komunità Melleħija – Onorevoli Clayton Bartolo - Segretarju Parlamentari għas-Servizzi Finanzjarji u l-Ekonomija Diġitali ........ 59
L-għaqda – Onorevoli Evarist Bartolo - Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej ........ 61
Proġett - Restawr tal-istandard u tal-kopertini tal-mużika ........ 63
Summer of '61 – Joseph Felix Cachia ........ 65
L-Imqaddsa Verġni Marija Omm Alla fil-Misteru ta' Kristu u tal-Knisja mill-Konċilju Vatikan it-Tieni – Mons. Mosè Debono ... 69
Festa Li ser tibqa' mmarkata fl-istorja tagħna – Christopher Bartolo – Sagristan ........ 71
Human Security in Pandemic Times - Professor Stephen C. Calleya ........ 74
Il-Pesta, pandemiji u epidemiji oħra f'Malta matul iż-żmien – David Bartolo ........ 77
Jum Twelidek, Jum Ir-Rebħa – Ġanni Camilleri ........ 83
Akkomodazzjoni lil refuġjati Maltin fil-Mellieħa fl-ewwel ġranet u ġimgħat wara li faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija – Charles Debono ........ 85
Il-Bambin tal-Blat – Paul P. Borg ........ 90
Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni ........ 94

G3 GROUP

PERGOLA
HOTEL AND SPA

SOLANA
HOTEL AND SPA

2 HOTELS | 7 FOOD & BEVERAGE OUTLETS | 2 SPA & WELLNESS CENTRES



Discover more on **www.g3.com.mt**

CAVE BAR
BONAVENTURA DINING
Da Ciccio cucina
DA VINCI SPA
THE PRICKLY PEAR
tOsca
Topdeck
Bellini
NATARAYA day spa & wellness


REFLECTIONS
SPORTS PUB & GRILL
MELLIEHA


September
Discounts
Support local business
and benefit from our
discounts.
10% OFF
Cab service
drifter
21 52 35 35
20% OFF
Car hire bookings
*Discounts applicable for September 2020 only. Terms & Conditions apply.

# L-Għaqda Mużikali Imperial tul l-aħħar sena



**Josef Borg**
*President*

'Il-bniedem jipproponi u Alla jiddisponi', hekk niddeskrivi dak kollu li għadda matul din is-sena fil-ħajja tagħna ta' kuljum, iżda aktar u aktar fi ħdan l-Għaqda Mużikali Imperial.

Bħal-lum sena konna għaddejjin biċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa ad unur Marija Bambina. Kien ħsiebna nippjanaw sena oħra ta' ħidma biex matul din is-sena niċċelebraw id-disgħin sena mit-twaqqif tal-Banda Imperial. Hidma li tvarja minn proġetti ta' tisbiħ u restawr, u programmi u skemi li jkomplu jgħinu fil-ħidma tal-Għaqda u l-Banda Imperial. Iżda għal mument, fl-aħħar kwart tas-sena li għaddiet, il-Kumitat Direttiv ħa daqqa mhux mistennija meta tilef tliet membri attivi ferm fi ħdanu. L-ewwel telfa kienet tal-membru veteran Anthony Grech, persuna li matul ħajtu ta servizz fil-Banda Imperial u anke ġewwa l-każin. Il-Banda Imperial kien iħobbha bla qies u dan l-aħħar l-għaxqa tiegħu meta kien jara n-neputijiet idoqqu mal-Banda Imperial, il-Banda li ħadet sehem fil-funeral tiegħu. Il-mewt traġika tas-Sur Charles Borg ħasditna bil-kbir. Ma stajtx nemmen meta l-Ħadd filgħodu smajt leħen martu Anne mbikkma fuq it-telefown u qaltli, "Josef, I've got bad news, Charlie had a bad accident he was ran over and killed." Inħsadt, ksaħt u ġejt bla kliem. Konna qed nistennewh ġej lura wara btala qasira, iżda d-destin ried mod ieħor. Charlie, iż-żgħir konna nsibuh il-każin, kont dejjem issibu biex imidd idu għax-xoghol li jkun hemm bżonn, l-aktar fix-xogħol tal-elettriku u tal-ilma, fost affarijiet oħra. Ftit kliem u ħafna xogħol b'lealtà assoluta lejn il-każin. Il-Banda Imperial daqqet fil-funeral tiegħu fejn il-qraba u l-ħafna ħbieb tawh l-aħħar tislima.

Din it-telfa donnha ma kinitx biżżejjed. U propju ftit sigħat wara li attendejna l-funeral tas-Sur Charles Borg ġarrabna telfa oħra għal għarrieda, dik tas-Sinjura Carmen Cini. Wara l-funeral ta' Charles Borg iltqajna lkoll il-każin flimkien mal-familjari tiegħu. Kelma ġġib lill-oħra u għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija qomt biex flimkien ma' marti Catherine immorru lejn id-dar. Carmen staqsietni jekk tistax tirkeb magħna sad-dar. Wasalna quddiem id-dar tagħha sellimna lil xulxin, u tlaqt bil-mod lejn id-dar. Ftit aktar minn sagħtejn wara nirċievi telefonata mingħand is-Segretarju John Gauci fejn qalli, "Josef aħbar kerha, Carmen mietet". Jien ma stajtx nemmen li smajt iżda minn leħen John fhimt li kienet telfa oħra kbira. Ftehimna li mmorru d-dar tagħha biex inkunu ta' għajnuna għal Frans, Norbert u l-familjari f'dak il-mument diffiċli. Fi ftit minuti erġajt sibt ruħi l-Mellieħa, anqas temmen ir-realtà li tara b'għajnejk. Mara mimlija saħħa, wiċċ ruxxan u daħkan, u sagħtejn wara tara l-istess persuna bla ħajja fuq is-sodda. Waqt li qed nikteb emmnuni ngħid li dak li ktibt nixtieq li kienet xi telenovella u mhux r-realtà. Is-Sinjura Carmen Cini għal snin twal kienet tmexxi l-Kumitat Nisa fi ħdan l-Għaqda Mużikali Imperial u kienet l-ewwel membru femminili fil-Kumitat Direttiv. Hi u oħtha Vivie dejjem flimkien, kemm waqt l-attivitajiet tal-każin u anke matul il-ġurnata. Ghalihom jien kont mhux ħabib iżda wieħed minn tal-familja. Hbiberija u rispett inkondizzjonat, mhux lili biss iżda wkoll lil marti u daqstant ieħor lil uliedi. Toni, Charlie u Carmen nirringrazzjakom tal-ħidma tagħkom u mhux ser ninsewkom qatt sakemm nerġgħu niltaqgħu.

Ma kienx żmien faċli kemm għalija kif ukoll għal sħabi tal-kumitat b'mod speċjali. Jiġik il-ħsieb tgħid issa jmiss lil xi ħadd ieħor! Iżda l-ħajja trid tkompli u b'rieda soda saret ħidma biex ikun elett Kumitat Direttiv ġdid biex ikompli jmexxi lis-Soċjetà.

Dan il-Kumitat lanqas biss kien għadu beda jiffunzjona, li l-ħidma fil-każin kienet mwaqqfa minħabba l-pandemija COVID-19. Għall-ewwel darba fl-istorja tas-soċjetà, il-każin kellu jagħlaq il-bibien tiegħu, waħda mill-miżuri biex jitwaqqaf it-tixrid tal-virus. Wara kważi xahrejn erġajna ftaħna l-bibien u qegħdin noperaw

b'mod ristrett fejn qed nieħdu l-miżuri kollha li jordnaw l-Awtoritajiet tas-Saħħa ħalli nassiguraw li l-każin ikun post sigur għal kull min jattendi. Kburi li bħala banda u kor erġajna bdejna l-kunċerti regolari waqt li nosservaw il-protokolli kollha li joħorġu l-Awtoritajiet tas-Saħħa. Nirringrazzja lill-bandisti u lill-membri tal-Kor għall-kuraġġ u l-appoġġ tagħhom. Hekk nuru li lesti nkomplu fil-ħidma tagħna b'risq il-banda u l-kor.

Ħbieb, din il-pandemija mhux biss ġabet sfidi għas-saħħa tal-poplu inġenerali, iżda ġabet sfidi ġodda fil-ħajja ta' kuljum, mhux l-inqas fit-tmexxija tal-għaqdiet mużikali. Nifhem li mhuwiex żmien feliċi, huwa żmien ta' sfida, iżda dan mhux ser jaqtgħalna qalbna. Nagħmel appell biex kulħadd iqum għall-okkażjoni, naħdmu u nagħtu s-sehem tagħna ħalli l-Għaqda Mużikali Imperial ikollha futur aħjar u futur sabiħ. Grazzi lil kulħadd.

*Il-President u l-Kumitat tal-Għaqda Mużikali Imperial jixtiequ jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd*



# MANUEL'S GARAGE

Il-Mellieħa, Malta

**Taxi & Car Hire**
**Cars for Sale**
**Long Lease Apartments**



Tel: **(+356) 21523472**
Mob: **(+356) 99493462**
email: **manuelscarhire@hotmail.com**

# MARIO GAUCI

## *Fruit & Vegetable Seller*

***10, South Street, Mellieħa***

*Daily vendor selling at St. Paul's Bay and Mellieħa*




**Mob: 9945 5717**



# Festa b'differenza

**Dario Vella**
*Sindku*

Nixtieq nibda billi nirringrazzja minn qalbi lill-Għaqda Mużikali Imperial ta' din l-opportunità biex inwassal il-messaġġ tiegħi bħala Sindku tal-Mellieħa fil-ktejjeb li s-Soċjetà Mużikali Imperial tippubblika ta' kull sena fl-okkażjoni tal-festa.

Settembru ta' kull sena jġib entużjażmu kbir minħabba li fil-Mellieħa niċċelebraw il-festa ta' Marija Bambina (il-Vitorja). Din is-sena b'differenza minħabba ċ-ċirkustanzi relatati mal-COVID-19, fejn l-attivitajiet qed isiru limitati ħafna u anke hemm minnhom li ġew mħassra. Bħala Kunsill nagħtu l-kuraġġ lill-għaqdiet kollha lokali li naf kemm ikunu qed iħarsu 'l quddiem għall-festa, din is-sena b'differenza ħdejn is-snin ta' qabel, filwaqt li nirringrazzjawhom tal-impenn tagħhom matul is-sena. L-Għaqda Mużikali Imperial hija għaqda oħra fil-lokalità tal-Mellieħa li matul is-sena taħdem bla waqfien. Din is-sena qed ifakkru wkoll id-90 sena mit-twaqqif tagħhom. Disgħin sena ta' ħidma b'risq il-komunità Melleħija, u ta' dan grazzi tal-impenn tagħkom. Minn qalbi nawguralkom iżjed snin ta' suċċessi u ħidma.

Il-ħidma tal-Kunsill Lokali Mellieħa matul din l-ewwel sena ta' din il-leġiżlatura kienet waħda bla waqfien. Qed nagħmlu dak kollu possibbli biex inkomplu nagħmlu lir-residenti kburin li jgħixu ġo dan ir-raħal. Għalkemm mhux dejjem faċli, nirringrazzja lill-komunità kollha li dejjem insibuha ta' sapport. Waqt il-COVID-19 komplejna nagħtu servizz b'numru ta' direttivi min-naħa tal-awtoritajiet u anke inizjattivi. Grazzi lill-Għaqda Mużikali Imperial kif ukoll għaqdiet lokali oħra li dejjem ikunu ta' sapport kontinwu fil-ħidma tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

Nixtieq nagħlaq dan il-messaġġ billi, f'ismi u f'isem sħabi l-Kunsilliera kollha u l-istaff tal-Kunsill, nirringrazzja lill-President is-Sur Josef Borg u lil sħabu kollha tal-ħidma bla waqfien tagħhom matul is-sena kollha u lill-familjari tagħhom tas-sapport. Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.

Ħeġġu lil uliedkom jitgħallmu
l-Mużika mal-Banda Imperial




WE MANAGE IT
"At Eyetech we strive to offer the best IT services and solutions to suit our customer's needs, through a knowledgeable team that focus on the growth of the IT Technology"
CLOUD PRODUCTIVITY
MANAGED SERVICES
IT PROJECTS
EYETECH
we manage IT
www.eyetechltd.com
Microsoft Partner
Microsoft
Gold Cloud Productivity
Gold Cloud Platform
Gold Collaboration and Content
Gold Small and Midmarket Cloud Solutions
Silver Application Development


Feel the Nature... as we bring Life to your Surroundings
Vast range of natural stone cladding for feature walls and slate for your drive way!
Specialists in Concrete including Stencil, Stamped concrete and Powerflout Concrete for your garages, roof screeds, drive ways and much more
TRIQ SAN SILVESTRU, MOSTA
T. 21 423 662 M: 9952 6254 E. info@stoneage.com.mt W. www.stoneage.com.mt
STONEAGE
Decorative Concrete & Natural Stones
Find us on: facebook.

# Omm il-Ħniena, Omm it-Tama, Omm il-Migranti, itlob għalina



**Kan. Dun Joe Caruana**
*Arċipriet*

Din is-sena kollox differenti. Ma kinitx COVID-19 kemm ħawdet nies! Qallbet kollox ta' taħt fuq – inkwiet sħiħ meta tara tant mard u mwiet, ekonomiji għarkupptejhom, skejjel magħluqa u saħansitra l-quddies filknejjes tagħna kellu jieqaf. Anke l-istess festi tagħna sofrew.

Biss kultant anke mill-ħażin jaf joħroġ ittajjeb u allura din is-sena, meta ser ikollna festa ferm differenti mis-soltu, ejjew naħtfu l-opportunità biex nirriflettu fuq il-fatt li l-festa hi fuq kollox festa reliġjuża u għalhekk l-enfasi prinċipali għandha tkun fuq dak li hu pastorali u spiritwali.

F'dan id-dawl xtaqt li nirriflettu flimkien fuq tliet titli ġodda li l-Papa Franġisku, dan l-aħħar żied għal waqt il-Litanija tal-Madonna, jiġifieri:

*Omm il-Ħniena*, *Omm it-Tama*, *Omm il-Migranti*.

**Omm il-Ħniena.** It-tema tal-ħniena tispikka b'mod kostanti fit-tagħlim tal-Papa u jinsisti magħna li din għandha tkun il-pedament talimpenn u l-valuri li jmexxuna bħala Nsara. Il-Papa jfakkarna li Alla li nemmnu fih aħna hu Alla ta' ħniena bla tarf li jagħder u jaħfer d-dgħufijiet u n-nuqqasijiet kollha tagħna. Għalhekk il-Knisja li niffurmaw parti minnha trid tirrifletti dil-ħniena ta' Alla l-Missier jekk trid tkun awtentika għall-missjoni tagħha u tappella għall-bniedem tal-lum.

**Omm it-Tama**. Dan it-titlu neħtiġuh ħafna fid-dinja tal-lum, f'soċjetà fejn tant nies qed jersqu lejn il-vojt f'ħajjithom – ħajjithom hi bla sens – meta wkoll mhux lejn id-disperazzjoni. Minkejja li l-livell ta' għajxien għola u l-flus flidejn żdiedu, żdied ukoll il-qtigħ ta' qalb u d-dipressjoni. Din hi s-soċjetà li sfortunatament tilfet il-valur tat-tama u li għalhekk spiċċat tgħix negattività sfrenata u diżillużjoni kbira. Warrbet lil Alla għax tirraġuna li m'għandhiex bżonnu u kif wieħed seta' jobsor, postu ma mlieh ħadd. Apparti dal-vojt spiritwali, ħafna pajjiżi huma għaddejjin ukoll minn sfiduċja sħiħa filmakkinarju politiku sikwit miġjuba minn politikanti korrotti jew ineffikaċi li taħt il-velu ta' ħafna teoriji jippruvaw jaħbu nuqqas grass ta' governanza serja. F'din l-atmosfera neħtieġu injezzjoni qawwija ta' tama, allura l-Papa qed jipproponilna lil Marija; dik li tatna lill-Feddej, lis-Salvatur bħala l-kewkba ta' filgħodu, u hekk terġa' tagħtina dik it-tama li tlifna u li tant għandna bżonn: Omm it-Tama.

**Omm il-Migranti**. Fi żmienna qed naraw splużjoni f'dik li kienet realtà prattikament minn dejjem – il-mixja, kultant ħarba, ta' għadd ta' nies minn pajjiż twelidhom għal pajjiżi oħra. Dan x'aktarx minħabba diżgrazzji naturali, il-faqar, il-gwerra jew it-tama ta' ħajja aħjar. Pajjiżi li fuqhom jaslu bħala l-ewwel art, fosthom Malta, qed iħossuhom mgħarrqin finnumru ta' migranti. Dan qed joħloq f'xi wħud antagoniżmu jaħraq kontra dawn il-migranti u qed naraw f'diversi pajjiżi fl-Ewropa tgħolli rasha politika favur il-lemin estrem li fl-aħħar gwerra dinjija tatna l-Faxxiżmu u n-Naziżmu. Malta mhix meħlusa minn din il-pjaga. Dawn innies jinsew li minn pajjiżna stess telqu numru ta' migranti wkoll, uħud bis-sewwa u oħrajn bid-dnewwa lejn Lixandra fl-Eġittu, lejn Tuneż, lejn l-Ingilterra, lejn il-Kanada, l-Amerika u l-Awstralja. Tista' tgħid li kull familja fil-Mellieħa għandha xi qraba li kienu emigraw. Allura aħna għandna nkunu l-aħħar nies li messna nappoġġjaw politika ta' intolleranza, antagoniżmu u vjolenza kontra nies hekk vulnerabbli. Minflok għandna naħdmu bis-sħiħ biex infittxu soluzzjoni ġusta u dejjiema. Il-Papa Franġisku, hu stess iben ta' emigranti, jindirizza din ir-realtà kontinwament fid-diskorsi u t-tagħlim tiegħu u dan it-titlu ġdid fil-kullana ta' titli lil dik li hi stess kellha tkun migranta, taħrab mit-tiranija ta' Erodi, ser jibqa' monument għalih sakemm tibqa' tintalab it-talba tar-rużarju.

Jalla din is-sena, is-sena tal-COVID, ma nibqgħux narawha biss għal dak li tellfitna imma wkoll għal dak li tatna – tliet titli oħra li jixirqu lill-Patruna tagħna.

Il-festa t-tajba!


ROY THAI SPECIALIST
Massage & Beauty Centre
MASSAGE
WAXING
BEAUTY
PHYSIOTHERAPY
34, Francis Zahra Street, Mellieha
M: 77 222 113 | T: 2713 7513 | E: roythaispecialist@gmail.com | F: Roy Thai Specialist


Aalayah's
Stop & Shop
12, Main Street
Mellieħa.
FREE PACKET OF
WATER WITH
EVERY €33 SPENT
OPEN ALL DAY
FROM MONDAY TO SUNDAY
Find us on
Facebook
FREE DELIVERY TO
MELLIEĦA


IMPERIAL BAR
We give appetizers with drinks
For good Maltese food and genuine drinks the Imperial Bar is the place to be ...
Specialising in Malt, Whiskey & Gin
Pjazza tal-Parroċċa, Mellieħa
Tel: 79296738 (Alfred Xuereb)


Cash & Carry
Tel: 21524685
80A, Main Street, Mellieħa
Special Offers!
Phone Orders are accepted!
Vast range of top-brand products at super-saver prices!
Perfumes
Baby Products
Skin Care
Detergents
Toiletries
Cleaning Equipment
Car Care Products
Washing Liquids & Powders
... and much, much more!
Opening Hours: Mon - Fri: 09:00 - 13:00 & 16:00 - 19:00
Thursday: 09:00 - 19:00
Saturday: 09:00 - 14:00
Free Deliveries!

# Kemm huma reżiljenti l-għaqdiet volontarji



**Dr John Baptist Gauci**
*Segretarju Ġenerali*

Is-suġġett li kelli f'moħħi li nikteb dwaru din is-sena f'dawn il-faċċati oriġinarjament kien differenti minn dan li qbadt hawnhekk, imma wara li ħsibtha ftit għidt bejni u bejn ruħi li mhux se terġa' tiġini opportunità daqshekk f'waqtha biex naqbadha fuq hekk. Ovvjament qed nirreferi għall-COVID-19! Nittama li sas-sena d-dieħla dan il-famuż virus ikun biss memorja, waħda xejn sabiħa, imma ħaġa tal-passat. Fl-istess waqt, naħseb li bħala komunità tgħallimna ħafna minn din il-maltempata qalila, u nittama li s-settur tal-volontarjat ukoll ħa tagħlima jew tnejn minn din l-esperjenza, fosthom fuq ir-reżiljenza. Kollox ward u żahar meta l-affarijiet mexjin sew, imma xħin tiltaqa' mar-riħ jonfoħ kontra b'saħħtu kollha, kemm aħna kapaċi nibqgħu għaddejjin u ma negħrqux? U mbagħad, wara li jgħaddi kollox, kemm inkunu kapaċi li nqumu fuq saqajna malajr? Din hi r-reżiljenza li qed nagħmel referenza għaliha.

Bla dubju ta' xejn, is-settur tal-volontarjat, bħal tista' tgħid kwalunkwe settur ieħor fil-pajjiż, ħa daqqa ta' ħarta li mhux faċli li jqum minnha. Din il-pandemija ma konniex qed nistennewha u lanqas ma konna qed nippreparaw għaliha, imma ġiet f'salt. F'temp ta' ftit jiem minn mindu tfaċċa l-ewwel każ fil-gżejjer tagħna, ingħalqu l-istituzzjonijiet edukattivi kollha, u kull min hu involut f'xi każin, fil-fond ta' qalbna, anke jekk ma ridniex nammettu, konna nafu li l-każini kien se jmisshom l-istess xorti f'qasir żmien. Hsibna li se tkun diffiċli biex tagħlaq il-bibien u taqbad rutina differenti, imma fil-verità ftit konna nafu, jew forsi ma ridniex naċċettaw, li se tkun ferm iktar diffiċli biex terġa' tiftaħ wara li jgħaddi l-agħar.

Gerbbu l-ġranet, il-ġimgħat u saħansitra ix-xhur, u fl-aħħar kellna l-opportunità li l-każini jerġgħu jiftħu bil-mod. Bħala każin, aħna ftaħna mal-ewwel ġurnata li kienet tippermetti l-liġi, imma mhux la kemm tiftaħ il-bibien. In-nies kien għadhom beżgħana xi ftit. Il-bidu dejjem iebes. Sal-lum għadna ma ġejniex għan-normalità, allavolja wisq nibża' li lanqas jien ma naf x'inhi iktar din il-famuża "normalità ġdida". Imma għallinqas bdejna l-mixja, twila kemm hi twila, biex nerġgħu għal li konna ftit ilu.

Sadanittant, l-ispejjeż li għandu każin bħal tagħna jibqgħu hemm, forsi ħarira inqas minn qabel. Id-differenza l-kbira qiegħda fid-dħul li l-għaqda għandha. Ma' sħabi fil-każini, kemm fil-Mellieħa u kif ukoll f'lokalitajiet oħra, nitkellem u l-istess għafsa qed iħossu. L-għajnuna li ta u qed jagħti l-Gvern Ċentrali lill-każini tal-banda u lill-għaqdiet volontarji kienet u għadha vitali u essenzjali, u ta' dan ilkoll kemm aħna grati ħafna, imma żgur li mhux biżżejjed. Ma nixtieqx ninftiehem ħażin – m'iniex ngħid bl-ebda mod li qed nistenna iktar għajnuna diretta mill-gvern, xejn affattu. Li qed ngħid hu li hemm bżonn li kull għaqda tqum fuq saqajha mill-aktar fis possibbli sabiex terġa' tibda ddawwar ir-rota tagħha hi, mingħajr xkiel u mingħajr bsaten. Intenni li mas-saħħa tan-nies ma tistax tiċċajta, u dak hu prinċipju sagrosant, imma nibża' li f'ċirkostanzi bħal dawn ħafna jinsew, jew forsi jagħtu inqas importanza, lis-saħħa mentali tal-persuni. Personalment naf bil-wisq iktar nies li tul dawn ix-xhur batew bl-ansjetà u disturbi oħra mentali li jġibu magħhom l-iżolament u l-bidla mir-rutina, minn kemm naf nies li mardu bil-COVID. Ir-raġuni ta' dan probabilment hi li jien involut fil-każin, u naf nies li l-unika ħarġa tagħhom hi li f'xi ħin matul il-ġurnata jinżlu sal-każin jiltaqgħu ma' sħabhom biex jgħidu kelma, u dan hu l-unika żvog li għandhom. Wara kollox, il-każini għandhom dan ir-rwol ukoll, irwol li ħafna ma jagħtux kasu imma wieħed importanti, irwol soċjali.

Dan apparti r-rwol edukattiv tal-każini tal-banda, dak li jipprovdu tagħlim tal-mużika b'xejn f'ambjent sigur u b'dedikazzjoni liema bħalha. Permezz tal-edukazzjoni mużikali ma titgħallimx biss "iddoqq il-banda", imma tmur iktar 'il bogħod minn hekk. Għandek fost oħrajn it-tagħlim artistiku, id-dixxiplina, ir-ritmu, l-

opportunità li tisma' lil ta' madwarek, taħdem f'tim. B'xorti tajba, l-Għaqda tagħna mis-sena l-oħra kellha ppjanat għal din is-sena proġett sabiex nibdew nużaw ferm iktar it-teknoloġija fit-tagħlim mużikali; dan grazzi għal proġett fl-iskema "It-taħriġ mużikali taż-żgħażagħ fil-każini tal-Banda, 2020", amministrat mill-Aġenzija Żgħażagħ u mill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda. Qatt ma kien il-ħsieb tagħna li naqilbu kompletament it-tagħlim għall-mod virtwali, imma għallinqas kellna l-għodda biex stajna nagħmlu dan meta ġejna kostretti li nagħmlu hekk mingħajr wisq telf ta' żmien. Kemm it-tagħlim tat-teorija tal-mużika, kif ukoll it-tagħlim tal-prattika tal-istrument beda jsir online. Għad li naħseb li kien suċċess, xorta waħda, fl-opinjoni tiegħi, ma jistax jissostitwixxi għalkollox it-tagħlim tradizzjonali. Imma hu x'inhu, dan ukoll serva sabiex jagħti iktar reżiljenza lill-Għaqda tagħna u b'hekk ma waqafniex ħesrem.

Ir-reżiljenza ma tibbażax ruħha biss fuq kemm għandek finanzi fis-sod sabiex tkun tista' ma tfallix meta jinqala' l-għawġ. Hemm ukoll element qawwi ta' kemm l-għaqda volontarja tkun kapaċi tkun dinamika biex tilqa' għas-sitwazzjonijiet li jinbidlu kontinwament, f'qasir żmien, mingħajr ħafna avviżi jew daqq ta' trombi. Ma nistgħux nibqgħu nistennew li l-manna taqa' mis-sema, għallinqas mhux il-ħin kollu! Irridu nieħdu li nistgħu mis-sitwazzjoni bl-intelliġenza u l-ħidma tagħna, inħarsu 'l quddiem b'viżjoni, nibnu alleanzi ġodda ma' setturi varji tas-soċjetà, u naħdmu ħalli l-futur ikun aħjar mill-preżent u mill-passat. Irridu nagħmlu l-parti tagħna kollha kemm aħna, u fl-istess ħin ma nistgħux naslu li naċċettaw li jkun hawn min l-importanza u l-istess eżistenza tal-għaqdiet volontarji jagħtiha bis-sieq. Għax inkella jasal iż-żmien li ngħidu li darba f'pajjiżna kien hawn l-għaqdiet volontarji, imma dawn kellhom jagħlqu l-bibien tagħhom darba għal dejjem, jew minħabba l-COVID, jew minħabba xi ħaġa oħra, mietu u ntesew. Ikun għajb għalina u għal ta' warajna.

Għaqda tkun reżiljenti skont kemm tkun investiet fil-passat fir-riżorsi tagħha, kemm dawk tanġibbli, imma iktar importanti, ir-riżors uman. Naħseb li l-Għaqda Mużikali Imperial ilha għal diversi snin taħdem fuq dawn l-oqsma, u ninsab ċert li l-ħsieb huwa li tkompli fuq dawn il-passi. Ħaġa minn ewl id-dinja, il-metodi ta' kif tagħmel dan inbidlu matul is-snin, u allaħares ma kienx hekk. F'dawn l-aħħar snin l-Għaqda investiet ħafna ħin u riżorsi biex tibbenifika minn diversi skemi ta' fondi u twettaq proġetti li jolqtu diversi aspetti li jikkaratterizzaw il-ħajja f'każin tal-banda. Dan ma sarx mingħajr tbatija u mingħajr sagrifiċċji, imma b'ħafna dedikazzjoni u impenn. Għad baqa' xi jsir? Dażgur, u mhux ftit, imma dak li jagħmel l-Għaqda tagħna waħda reżiljenti u b'saħħitha sabiex tilqa' għall-ħalel fil-maltemp u twarrad meta jasal il-bnazzi.

Il-festa t-tajba lil kulħadd!




Ph Borg Ltd.
FUEL & LPG SUPPLIER
WE DELIVER FUEL AND LPG TO
Hotels Domestic Industrial Farms Yachts
WE FOCUS ON
Timely deliver
24/7 delivery service
Flexible credit terms
Excellent quality products
... all of which are offered by our trained staff and well equipped vehicles.
FUEL & L.P.G SUPPLIER
find us on facebook
Ph.Borg Ltd.
Joseph Yard, Triq Il-Prinjol, Wied Il-Ghasel, L/O Naxxar, NXR 6345
mob: 9949 1177 web: www.phborgltd.com email: info@phborgltd.com


Bayleaves
Restaurant and Pizzeria
Open From
Thursday to Monday
6pm Onwards
9, Triq il-Kbira
Mellieħa, MLH2310
Malta
Tel: 21521281



# Fejn sejrin il-flus?

**Anthony Schembri**
*Segretarju Finanzjarju*

Din is-sena qed nikteb dawn il-kelmtejn f'atmosfera kompletament differenti minn tas-snin ta' qabel. Hija sensazzjoni stramba li taf li ġejja l-festa li tant inkunu ilna nistennew, u qisu mhu ġej xejn. Attivitajiet ta' barra xejn, u l-attivitajiet reliġjużi kważi xejn ukoll. Jinħass in-nuqqas ta' xi ħaġa li timmarka l-kalendarju ta' kull sena. Kważi kważi tħossok mitluf, ħa nkunu dħalna f'Settembru u lanqas biss indunajna. Bħal dawn iż-żminijiet il-Mellieħa tkun qed tfur bl-attivitajiet mat-toroq tagħha u f il-pjazza ewlenija. Illum, baħħ!

L-attivitajiet li konna norganizzaw bi preparazzjoni għall-festa sparixxew mar-riħ. U dan ifisser ukoll li l-ftit dħul li għaqda bħal tagħna kien ikollha għeb fix-xejn. L-ebda introjtu mill-ikliet li jkunu organizzati fil-każin mill-kummissjonjiet, mill-*barbecue* tradizzjonali tal-festa, mill-ġbir bieb bieb għad-donazzjonijiet ġenerużi tal-poplu Mellieħi, mix-xalata tal-għada tal-festa. Trid tara kif tagħmel u tħabbel rasek sabiex tivvinta modi oħra biex il-but ma jitqaxqaxx. Għax, ngħiduha kif inhi, mhux faċli li tlaħħaq mal-ispejjeż ta' każin f'sitwazzjoni bħal din. Trid taħdem bil-għaqal u tara kif tista' tkompli għaddej.

Bħala għaqdiet mużikali kulħadd dar dawra sewwa madwaru u għamel eżami dettaljat ta' x'inhuma l-ispejjeż vera essenzjali u naqqas kemm seta' minn dawk l-ispejjeż li tista' tgħaddi mingħajrhom. Bħala għaqda, nista' nistqarr li aħna għamilna l-istess. Madanakollu, ma qtajniex il-fondi għall-affarijiet l-iktar essenzjali għal għaqda mużikali, jiġifieri t-tagħlim u l-prattika tal-mużika. Għad illi bil-każin magħluq, rajna kif nagħmlu biex inkomplu nagħtu t-tagħlim lill-aljievi tagħna mingħajr ħlas bħal dejjem. Malli kien se jerġa' jiftaħ il-każin, rajna x'kienu l-affarijiet li kellna nixtru sabiex inkunu konformi mal-protokolli kollha tas-saħħa li ġew introdotti sabiex inkomplu nikkumbattu din il-pandemija u fl-istess ħin niftħu l-każin għall-membri tagħna. Xħin l-awtoritajiet reġgħu taw il-permess biex jiltaqgħu gruppi żgħar, ħadna l-opportunità biex erġajna bdejna mingħajr telf ta' żmien bil-kunċerti ta' kull ġimgħa tal-banda u l-kor. Biex nagħmlu dan, kellna nadattaw għaċ-ċirkostanzi l-ġodda u għamilna li kien hemm bżonn biex nimxu mal-linji gwida hekk kif mibgħuta mill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda wara konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet tas-saħħa pubblika.

Dan kollu kien ifisser illi xi ftit jew wisq dħalna għal xi spejjeż żejda biex stajna nagħmlu hekk, imma ħassejna li dan kien kollu investiment u mhux telf. Wara kollox, jekk taqta' l-banda, il-mużika u l-membri minn każin tal-banda tkun qtajt biċċa kbira mill-iskop tal-istess każin. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja lill-Gvern li ħareġ idu biex jgħin finanzjarjament lill-għaqdiet volontarji permezz ta' diversi skemi li ħareġ għal dan il-għan. Min-naħa tagħna se nkomplu naħdmu sabiex il-Każin Imperial jibqa' jkun post sigur fejn il-membri jiltaqgħu biex jitgħallmu u jipprattikaw il-mużika u jqattgħu ftit ħin f'atmosfera rilassanti.

Nixtieq nawgura l-festa t-tajba lill-anzjani, lill-emigranti u lill-Melleħin kollha.

*Inħarsu l-ambjent naturali ta' pajjiżna*


BUSINESS
BOAT
HEALTH
TRAVEL
HOME
LIFE
MOTOR
PERSONAL ACCIDENT
Joseph Debono
Tied Insurance Intermediary for
MAPFRE
73, Karizia Office,Triq Gorg Borg Olivier,Mellieha, MLH 1032
T: 2152 0552-2752 0552 M: 9942 2894
E: insurance@jdebono.com
Joseph Debono is an enrolled Tied Insurance Intermediary under the Insurance Distribution Act, Cap 487 of the Laws of Malta for MAPFRE. MAPFRE refers to MAPFRE Middlesea p.l.c. (C-5553) and MAPFRE MSV Life p.l.c. (C-15722). Both entities are authorised under the Insurance Business Act, Cap 403 of the Laws of Malta. Both the TII and the entities are regulated by the MFSA.

# Sena Straordinarja



**Clayton Vella**
*Direttur*

Insellmilkom! Din hija l-ewwel sena tiegħi illi qed nikteb fil-kariga ta’ Direttur. Ma kinitx deċiżjoni faċli illi nidħol għal din il-kariga iżda wara li l-predeċessur tiegħi John Schembri ma kienx ser jerġa’ joħroġ għal din il-kariga minħabba raġunijiet ta’ saħħa, u wara l-mewta traġika ta’ seħibna Charles Borg li ġrat fil-bidu tas-sena, ħassejt illi għall-ġid tal-każin għandi nitfa’ n-nomina tiegħi għal Direttur. Din is-sena ma tantx kienet sena faċli għall-Għaqda tagħna għax minbarra t-telfa ta’ Charles Borg kellna t-telfa ta’ Carmen Cini, eżattament nhar il-jum tal-funeral ta’ Charles, u aktar kmieni t-telfa ta’ Anthony Grech, tliet ħasdiet kbar għall-Għaqda. U dan mhux biss, l-għaliex f’Marzu faqqgħet il-pandemija tal- COVID-19 li affettwat lil kull individwu u soċjetà!

F’dawn il-kelmtejn ser nkun qed nikteb fuq xi xogħlijiet illi saru ġewwa l-każin matul din is-sena.

Kien propju ftit wara li saret is-Seduta Ġenerali u ġejt maħtur direttur meta feġġet il-pandemija COVID-19 u għalhekk sfortunatament bħal kważi kull stabbiliment ieħor ġewwa Malta, il-Każin kellu jagħlaq. Kienet deċiżjoni ta’ diqa illi tara l-każin magħluq imma kienet direttiva maħruġa mid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika li kull soċjetà riedet issegwi. Din il-pandemija kienet esperjenza differenti minn kull ħaġa oħra, l-għaliex anke jekk tkun qed titkellem mal-anzjani jgħidulek illi lanqas fi żmien il-gwerra ma kien għalaq il-każin. Iżda kif jgħidu, mill-mitluf ħu li tista’ .

Xammarna jdejna u bdejna xi xogħlijiet ta’ manutenzjoni ġewwa l-każin li kien wasal iż-żmien li jsiru u li bil-każin magħluq, kien iż-żmien opportun biex isiru għax tkun tista’ taħdem iktar komdu. Flimkien ma’ xi membri tal-Kummissjoni Żgħażagħ ix-xogħol beda; dejjem rajna li waqt ix-xogħlijiet ma nkunux iżjed minn tliet persuni fl-istess ħin biex xorta żammejna mal-protokolli maħruġa mid-Dipartiment tas-Saħħa. Għall-ewwel bdejna bl-arblu fejn dan ġie xkatlat kompletament u miżbugħ mill-ġdid. Komplejna s-sala tat-tieni sular fejn din ġiet miżbugħa kollha mill-ġdid u partijiet minnha reġa’ sar kisi mill-ġdid. Ħaġa taqla’ lill-oħra u komplejna biż-żbigħ tat-tromba tat-taraġ u tat-tromba ta’ fuq, kif ukoll ix-xaftijiet u l-faċċata tat-tromba. Il-ħadid tal-gallarija ta’ wara kellu bżonn wkoll naqra żebgħa u għalhekk sar ukoll.

Apparti xogħlijiet fuq il-binja nnifisha, kien hemm il-ħtieġa wkoll illi l-leġijiet li jintużaw għall-banda jiġu miżbugħa u kien għalhekk li kif konna fiż-żifna dawn saru wkoll.

Dawn huma ftit mix-xogħlijiet illi saru waqt li l-każin kien magħluq. Bħal kull xogħol ieħor ta’ manutenzjoni, wara jkun imiss ukoll tindifa sewwa u għalhekk minn hawn nirringrazzja fost oħrajn lin-nisa tal-Kummissjoni Banda u Kor illi ġew u taw daqqa t’id biex meta l-każin reġa’ fetaħ il-bibien tiegħu, dan kien nadif kif jixraq.

Nixtieq nawgura l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha, lil sħabi tal-Kumitat u lil dawk li qed jaqraw din il-pubblikazzjoni biex, fiċ-ċirkustanzi illi ninsabu fihom ilkoll, bi prudenza xierqa nieħdu pjaċir flimkien.

Żuru l-website tal-Għaqda Mużikali Imperial
**www.imperialbandclub.com**
Segwu l-paġna facebook tal-Għaqda fuq
**https://www.facebook.com/imperialAD1930**
Ikkuntattjawna fuq
**info@imperialbandclub.com**


TRAMUN TAGHNA
You're in for a treat
3 hours
Free Parking
on a first come first served basis &
Kids Menu
available!
Seabank
RESORT + SPA
Reservations - +356 2289 1774


PARADISE BAY
RESORT
THE PERFECT GET-AWAY FOR A UNIQUE
DINING EXPERIENCE!
K
LOUNGE
bar and restaurant
The K-Lounge, within the Paradise Bay Resort,
offers an a la carte menu, serving salads, pasta, pizza,
grills and desserts with a Mediterranean influence within
a relaxed, friendly atmosphere and breathtaking views.
For bookings please call 21 521166
info@paradise-bay.com
Find us on
www.paradise-bay.com



# Riflessjonijiet...

**Mro Anthony Borg**
*Surmast Direttur*

### *COVID-19*

Il-wasla tal-pandemija COVID-19 qalbitilna ta' taħt fuq il-mod ta' kif ngħixu. Ġara dak li qatt ma ħsibna jew bsarna li seta' jiġri. Filli konna ngħixu mod, filli mil-lum għal għada spiċċajna ngħixu totalment mod ieħor. Għal kull wieħed u waħda minna kien, u sa ċertu punt għadu, żmien diffiċli. Biżżejjed jekk wieħed kien jasal saċ-ċentru ta' fejn ngħixu, il-Mellieħa. Kien hemm għaddejja attività reliġjuża, soċjali, kulturali, turistika u ekonomika, u f'kemm tfaqqa' subgħajk waqaf kollox kif ngħidu bil-Malti - ċimiterju. Nistqarr li l-għeluq tal-Każin Imperial għal xi ġimgħat waqt il-pandemija kien mument diffiċli ħafna. Lanqas qatt ma għaddieli minn moħħi li dan qatt seta' jiġri. Hadd qatt ma bassar li din is-sena ser niċċelebraw il-festa ta' Marija Bambina b'dan il-mod, mingħajr dik il-ħeġġa u l-entużjażmu li kien ikun hemm fis-snin ta' qabel.

Imma dan iż-żmien xejn faċli kien għalija mument ta' riflessjoni. Għaraft ...

- kemm huwa sabiħ li tgħix f'komunità u li nkunu altruwisti, f'kelma waħda, ngħinu u naħsbu f' xulxin;
- kemm huwa importanti li napprezzaw dak kollu li għandna madwarna, xejn ma ġie mix-xejn;
- kemm għandna nkunu rikonoxxenti u nuru apprezzament lejn dawk kollha li jagħtu l-ħin u l-enerġija tagħhom fl-għaqdiet reliġjużi, soċjali u kulturali fir-raħal tagħna;
- kemm ngħixu f'soċjetà monotona kieku dawn l-għaqdiet ma jeżistux;
- kemm għandna tant tajjeb u sabiħ ġewwa fina u madwarna li minħabba l-ħajja mgħaġġla li ngħixu fiha, ninsewh jew ma nagħtux kasu.

### *Toni, Charlie u Carmen*

Insellem il-memorja tal-ħbieb tiegħi Toni, Charlie u Carmen li għaddew għal ħajja aħjar. Nafhom kollha mill-qrib ħafna. Għandi memorji sbieħ tagħhom li jmorru lura sa minn tfuliti. Ilkoll kellhom imħabba bla qies għall-Għaqda Mużikali Imperial.

Lil Toni Grech niftakru snin twal ilu jdoqq il-klarinett meta jien bdejt indoqq għall-ewwel darba. Għamel snin twal idoqq il-klarinett mal-Banda Imperial. Niftakru tajjeb jaħdem bis-sħiħ fuq il-ħadid tal-planċier l-antik biex ikun jista' jiżżanżan għall-festa tal-Vitorja. Il-Banda baqa' jħobbha sal-aħħar nifs. Meta konna nkunu nagħmlu l-provi dejjem kien jittawwal. Kien ikun fis-seba' sema meta jara lit-tliet neputijiet idoqqu mal-Banda Imperial meta jkunu għall-btala f'Malta.

Lil Charlie Borg, jew kif aktar konna nafuh Charlie ż-żgħir, ilni nafu sa minn ċkuniti. Raġel ġenwin, ġeneruż, li dejjem issibu lest biex jgħin mingħajr daqq ta' trombi. Kien ta' ftit kliem imma kellu mħabba kbira lejn l-Għaqda Mużikali Imperial. Serva wkoll fil-Kumitat Direttiv. Meta kien joqrob xi programm mużikali kien isibni u jistaqsini x'għandi bżonn qabel ma nitolbu jien, biex ikun jista' jillesti kollox minn qabel. Meta nkunu qegħdin narmaw għall-programm kien jitlaq l-aħħar wieħed. Ma jitlaqx qabel ma jkun ċert li kollox jinsab kif ippjanajna u li kollox qiegħed sew. Ma kienx jistrieħ qabel jgħaddi kollox b'wiċċ il-ġid. Ta' dan kollu nroddlu ħajr.

Lil Carmen ilni nafha sa minn meta kont tifel ċkejken. Lil ħuti u lili kienet tqisna parti mill-familja tagħha. Mara dħulija u ġeneruża immens. Dejjem niftakarha taħdem u tirsisti, daqqa b'mod u daqqa b'mod ieħor, imma b'għan wieħed li tgħin lill-każin. Minbarra li serviet kemm fil-Kumitat tan-Nisa kif ukoll bħala membru fil-Kumitat Direttiv, lil Carmen kont issibha għalkollox. Min jaf kemm tlabtha biex tkun compere waqt il-programmi mużikali (ġieli anke fl-aħħar ħinijiet) u dejjem qaltli iva. Għalkemm ma kinitx membru fil-Kummissjoni Banda u Kor, impenjat ruħha sal-aħħar biex tgħin waqt l-attivitajiet ta' ġbir ta' fondi organizzati mill-istess kummissjoni. Ta' dan jien grat ħafna lejha.

*L-Università*

Din is-sena temmejt kors ta' sentejn *Diploma in Wind Band Studies*. Dan il-kors li huwa organizzat mid-Dipartiment tal-Mużika fi ħdan l-Università ta' Malta bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda, huwa magħmul speċifikament għal dawk li jixtiequ jinvolvu ruħhom fi rwoli mużikali fi ħdan il-baned Maltin. Kien kors tassew interessanti. Nixtieq inrodd ħajr lill-Għaqda Mużikali Imperial li kienu l-isponsors tiegħi għal dan il-kors.

Fl-aħħar nett, aktar minn qatt qabel nixtieq nirringrazzja lil kull min ta l-kontribut tiegħu speċjalment f'dan iż-żmien tant diffiċli, biex minkejja kollox il-Banda u l-Kor Imperial




**Marianna Stationery**

**Pjazza tal-Parroċċa**
**Il-Mellieħa**
**Tel: 21 523468 / 21 522267**

Issibu: Gazzetti, *Cards*, *Stationery*, Rigali, Ganutell, *Pergamano*, Eċċ.

**SANTA MARIA**
**Service Station**
Prop. B. & O. Farrugia

**Car wash**
**Valeting**
**Internal Steam**
**Vulcanising & Wheel Balancing**
**Batteries & Car Accessories**
**Car Repairs & Servicing**




Jevon's Fruit Shop
27, Ġorġ Borg Olivier Street
Mellieħa MLH 1024
Tel: 2152 3546
Mob: 9947 3825
Free Delivery

Manuel Bezzina Co Ltd
MALTESE FALCON
IMPORT - EXPORT
ŻERRIEGĦA TAL-PATATA U
FERTILIZZANT ĠERMANIŻ TA' L-AQWA KWALITÀ
DERBY
Bikrija
SLANEY
Bajda
DRUID
Ħamra
ALPHA
Safra
SAVANNA
Bajda
CARA
Ta' Għajnha
Ħamra
DERBY
Patata bikrija, reżistenti għall-mard u
għammiela ħafna li ser tiġi esportata
lejn il-Ġermanja u l-Olanda.
ARRAN BANNER
LISETA
Aktar Tagħrif Manuel Bezzina Co Ltd
'Springfield', 24, Excelsior Street, Għargħur NXR 1112
Tel: (Res) 21410204, (Ta' Qali) 21418192
Mob: 99497346 • Fax: 21412587
E-mail: manuelbezzina@hotmail.com

# Festa differenti



**Ryan Micallef**
*Membru, Kummissjoni Banda u Kor*

Għaddiet sena oħra mill-festa tal-Vitorja, sena li bdiet bħala waħda impenjattiva ferm mimlija b'ħafna xogħol ippjanat b'risq l-għaqda tagħna. Wara l-festa, il-Kummissjoni Banda u Kor bdiet timpenja ruħha f'attivitajiet diversi organizzati minnha u minn fergħat oħra fi ħdan l-Għaqda. Fost dawn insibu l-Festa tal-Madonna tal-Mellieħa, 'Jum it-Tifkira' fejn fiha nfakkru l-memorja ta' sħabna li rħewlha għal ħajja aħjar, u l-attivitajiet tal-Milied. Il-qofol ta' dan tal-aħħar kienu l-programm tal-Milied nhar l-14 ta' Diċembru fis-sala tal-każin u programm ieħor li sar fil-Pjazza tal-Parroċċa lejlet il-Milied.

Minn hemm bdew it-tħejjijiet għall-programm ta' Hadd il-Palm li mbagħad sfortunatament kellu jitħassar flimkien mal-wirja 'Iċ-Ċaħda' li kellha tittella' mill-Kummissjoni Żgħażagħ minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Minn hemm, flimkien ma' nies oħra, il-Kummissjoni bdiet tagħti sehem f'xogħol ta' manutenzjoni fil-każin. Għalhekk, f'dan iż-żmien xejn faċli stajna nutilizzaw il-ħin biex isir xogħol bżonjuż li minnu jibbenefika l-każin u l-membri tiegħu. B'hekk wieħed jista' jinnota kif filwaqt li ttieħdu l-prekawzjonijiet kollha meħtiega, is-sehem tagħna fil-każin ma waqafx u fortunatament nistgħu ngħidu li sar ħafna xogħol li kien ilna nixtiequ jsir.

Hekk kif is-sitwazzjoni kienet tidher li qiegħda tiċċara, il-kunċert ta' kull ġimgħa reġa' ħa postu fuq il-bejt tal-każin biex filwaqt li tiġi preparata l-mużika, il-Banda tibqa' attiva avolja ikkaratterizzata b'ċerti miżuri li jassiguraw iġjene sħiħa kontra l-virus. Sfortunatament, dawn is-siltiet mhux ser ikunu jistgħu jiġu esegwiti għall-komunità minħabba f'iżjed restrizzjonijiet tal-massa li ddaħħlu ġewwa pajjiżna f'dawn l-aħħar ġimgħat.

Nittamaw li s-sena d-dieħla jkollna festa ikbar u isbaħ ad unur ta' Marija Bambina!

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

Ħeġġu lil uliedkom jitgħallmu
l-Mużika mal-Banda Imperial

George's Bakery

22, Main Street, Mellieħa
Tel: 21 520685

Jawgura l-Festa t-Tajba lil Kulħadd


MALTA BUS
COOP.
Nostalgic?
Here's a way to make some new fantastic memories...
GROUP TRANSPORTATION FOR EVERY SPECIAL OCCASION
T: +356 21573900 / M: +356 79005559 • E: info@maltabuscoop.com • W: maltabuscoop.com • Find us on


Meet Garage
Cab & Minibus Services
• Chauffeur Driven Cab/Minibus Service
• Exclusive Airport Transfer
• Wedding Transport Organisers
• Corporate Event Transport Service
• Exclusive Individual Tours
• Any Occasion Transport Providers
Cab Service to all local destinations 24/7
Make your booking on - Mob: +356 7900 9698 email: meetgarage@gmail.com
Find us on: facebook.



# Pjanijiet posposti

**Damian Vella**

*Chairperson, Kummissjoni Żgħażagħ*

Din is-sena, ħa tibqa' mfakkra bħala waħda mill-aktar snin ibsin għas-soċjetà Maltija. Il-każini tal-banda huma wħud mill-aktar li ġew affettwati għax minħabba s-sitwazzjoni li qegħdin fiha, aħna ma stajniex inkomplu bir-rutina tas-soltu, u kellna nippruvaw nadattaw għas-sitwazzjoni li ġejna fiha.

Aħna, il-Kummissjoni Żgħażagħ, bħal kwalunkwe kummissjoni fi ħdan għaqdiet oħra, kellna nikkanċellaw bosta attivitajiet li kellna ppjanati. Il-wirja bl-isem 'Iċ-Ċaħda' kienet diġà waslet fi preparamenti avvanzati meta kellna nikkanċellaw il-ftuħ tagħha għal din is-sena. Ma nistax ma nirringrazzjax lil dawk kollha li kienu ħa jkunu involuti fil-wirja, fosthom Edmund u Ġanni Camilleri, John Sammut u l-Grupp Organizzattiv Mejda tal-Appostli Mellieħa AD 1980, Michael Cauchi, Vince Parnis, Carmen Vella, Carl Caruana minn Caruana Lighting Decorations, John Vic Borg, Nicolette Borg, Gary Fenech, Isaac Vella, il-Kor Imperial, il-Kumitat Direttiv u sħabi ż-żgħażagħ. Jekk imur kollox kif inhu ppjanat, is-sena d-dieħla jkollna wirja akbar u aqwa. Fost l-attivitajiet li kellna nikkanċellaw matul din is-sena kellna bosta ikliet preparati, boat trip kif ukoll l-attivitajiet tal-festa. Inħarsu 'l quddiem biex norganizzaw dawn l-attivitajiet meta ż-żmien ikun xieraq u dan ikun jista' jsir mingħajr ebda riskji. Nassigurawkom li l-Kummissjoni ma waqfitx taħdem matul dan iż-żmien u żammejna l-kuntatt ma' xulxin b'mod online.

Qabel nagħlaq nixtieq nirringrazzja lil sħabi ż-żgħażagħ talli meta jkun hemm bżonn dejjem issibhom biex ixammru l-kmiem u flimkien inkomplu naħdmu għall-Għaqda tagħna. Nirringrazzja wkoll lill-Kumitat Direttiv u lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor jgħinu lill-kummissjoni tagħna biex nimxu 'l quddiem.

Nixtieq nawgura l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha u s-saħħa lil kulħadd. Dan iż-żmien diffiċli ħa jgħaddi u nqumu aktar b'saħħitna minn qatt qabel. Sħabna li jinsabu fis-sema żgur li qed iħarsuna u jkomplu jimlewna bil-kuraġġ.

Viva Marija Bambina u Viva l-Banda Imperial!

ID-DROGA TEQIRDEK...
Ħajtek f'idejk... TITLIFHIEX!!

CLD
Caruana Light Decorations
Mob: 7984 5121



Eight24
PROPERTY & INTERIORS

It's a year of change - But change can also be for the better. A fresh start. Even for your home. Eight24 is a bespoke property planning, design and turnkey service covering from A to Z of your project needs. From the drawing board to the cushion covers and everything else in between. Delivered on time and on budget. It's time to enjoy your space.

info@eight24.mt | +356 2752 1035 | +356 7982 6535 | 68, Triq is-Saghtar, Mellieħa | www.eight24.mt

# GROW YOUR BUSINESS

## TRANSFORM YOUR BUSINESS WITH A PROFESSIONAL WEBSITE

## FROM JUST EURO 95+Vat

### *OUR SERVICES:*

WEBSITE DESIGN / WEBSITE HOSTING / DOMAIN NAMES /
EMAIL SERVICES / CLOUD SOLUTIONS / WEB APPLICATIONS /
ONLINE BOOKING SYSTEMS / PAYMENT GATEWAY INTEGRATION /
E-COMMERCE SERVICES / CMS - ONLINE CONTENT MANAGEMENT /
SEO - SEARCH ENGINE RANKING OPTIMISATION / DATABASE SOLUTIONS /
FACEBOOK PAGE MANAGEMENT / ONLINE MARKETING STRATEGIES /
PORTAL DEVELOPMENT / MOBILE APPLICATION DEVELOPMENT

BOOK YOUR ***www.companyname.com*** before it's too late!!!

Free Basic Search Engine Marketing with every new website design.

We have ready-made solutions for:
- Property Developers & Real Estate Agents
- Travel Agencies
- Organisations & Clubs
- Photographers and Artists
- Restaurants & Bars
- Spas / Hair & Beauty Clinics
- Accommodation Services
- Radio & TV Stations

Contact Us for more information:

Ivan Vella (Foto Creative)
Office: 21578930
Mobile: 99824811
Email: info@fotocreative.com
Website: www.fotocreative.com

Microsoft Partner Windows Azure HTML 5 ADWORDS QUALIFIED COMPANY Google Google Developers facebook developers

# When will we sing together again?

**Julie Thomas**
*Director of Imperial Choir*



How strange life is these days. From a most successful festa concert at the beginning of last September with the joy and fun of bands marching, the choir singing and the glittering displays of fireworks, to the now empty rehearsal room, silence, and the fear of meeting up again. My little family of lovely ladies who love to sing - when will we sing together again?

We were flying high after our annual concert in the square. The choir gained a new member when Jan Gauci joined the sopranos and how she loved singing in her first festa concert! We then sang at a concert with the band for il-Festa tal-Madonna tal-Mellieħa at the end of September and, even though Geoff and I had booked a long holiday down-under during October and November, the ladies were still kept busy. They sang at the remembrance service in the Parish Church and, later in the month, sang at the mass in the lovely Monastery of St Catherine in Valletta with Miriam Muscat kindly stepping in to rehearse the ladies and play the organ during the service.

When we returned from our travels early in December, it was full on for Christmas. A joint concert at the band club with the band on the 14$^{th}$ was followed by our usual carols and Christmas songs at the Paradise Bay Hotel on the 19$^{th}$ and at The Maritim Antonine Hotel on the 26$^{th}$. We also took part at Milied Mellieħi on the 22$^{nd}$ of the same month on a very windy night that set the whole pavilion shaking and billowing. All was prepared for an exciting 2020 with a visiting ladies choir from Doncaster coming to us in May for a joint concert (with the hope that they would host us over in the UK in the near future), together with taking part at the opening of the Easter exhibition at the Club and the annual Palm Sunday concert at the Parish Church. It was not to be.

The year 2020 started with two funerals. It was, perhaps, a portent of what was to follow. We lost two wonderful members from our Imperial Band Club committee, Charlie Borg and Carmen Cini, within a few days of each other.

Rehearsals continued as we put together our beautiful pieces for the Palm Sunday concert. Then, on March the 7$^{th}$, another funeral. A true gentleman and musician, Mro Joseph Sammut, passed away. The world was by now slipping into a dark time with the virus spreading like wildfire. We stopped rehearsing on the 12$^{th}$ of March and the club shut its doors to music-making for the first time in its history on March the 18$^{th}$.

Our concerts were cancelled one by one as Malta went into lockdown. Our gorgeous music for the Palm Sunday concert was never heard. The choir from Doncaster pulled out of their tour. Our traditional Maltese concert for the celebration of San Ġwann tal-Ħġejjeġ did not happen and, of course, the hard work towards a festa programme was never started. A small ray of hope came when the band club opened its doors again on the 22$^{nd}$ of May. The band started rehearsing again on the 6$^{th}$ of July and we had a meeting on the 9$^{th}$ of July, agreeing to start rehearsing the following Thursday up on the roof in the open air. It worked well until the number of COVID-19 cases started to soar again. Now we are back to no rehearsals. The singing has stopped again. We are so disappointed.

I would like to share this post from Facebook with you as it reflects many things I feel about the choir. It was posted by Joseph Woolf, an American music teacher, who had set an online assignment to his students to define a choir. This is what he wrote to me when I asked for permission to share the post.

'I'm so glad you found Chloe's writing as inspiring as I did. Chloe has given her permission to use her writing. The more that hear her message the better.'

***Choir – by Chloe***

*If you had asked me what choir was 7 years ago, I would have told you that it was a bunch of people singing a song that they'd practiced.*

*If you had asked me what a choir was 5 years ago, I would have told you that it was a bunch of people having fun learning songs and then performing them.*

*If you had asked me what a choir was 4 years ago, I would have told you that it was a bunch of people working together on songs, even when they didn't feel like it, and even when they had bad days, and creating something beautiful. I would have told you that it was what I wanted to do in my life, but I didn't think I was good enough to.*

*If you had asked me what a choir was 2 years ago, I would have told you that it was a bunch of people that worked on a collection of pieces and tried to sing them exactly right so that the judges would like their performance. I would have told you that you could only be as good as the choir you were in.*

*If you had asked me what a choir was 1 year ago, I would have told you that it was a group of people that spent hours together perfecting music, and working to make people feel something when you sang that music. I would have told you that this is a group of people that are bonded together by the emotional connections they find with a song, and that, even though they might not all see eye to eye or be the best of friends, they are one.*

*Today I can tell you that a choir is a family. A choir is a family that is held together not by mutual interests or blood, but by a love of music. A choir is a family that has bonded over the hearts they have poured into their music, a family that may not always like each other but always loves each other, and a family that doesn't give up on anyone. I would have told you that a choir is one of the things I have done with my life, and that my choir family has faced disappointment and heartache and fear and that maybe we still are. Maybe there isn't a single guarantee that we will ever sing together again, and maybe our last performance together already passed and we didn't know. But I don't believe that. Because a choir is more than just a bunch of people singing a song they've practiced. It is hours and days and months and years of commitment all built on top of itself and no virus is going to change that.*

I don't know who you are Chloe, but you know exactly what it is to be a part of something so special as a choir. Stay safe my lovely ladies. Thank you for all the time and commitment you give to our choir. I wish you, your families, and all who support the Imperial Band Club all the very best for the future, and in particular for whatever these strange times may bring us.

IMPERIAL BAND CLUB MELLIEĦA

**Interested in joining the Imperial Choir?**

*New Members Welcome!*

Contact us on **info@imperialbandclub.com**


fieldsports
Shooting Sports & The Outdoor Life
IMPORTERS & DISTRIBUTORS OF THE WORLD'S LEADING BRANDS
HAND GUNS - SHOTGUNS - RIFLES - AIR GUNS - AMMUNITION - SCOPES - KNIVES - FOOTWEAR - EYEWEAR - CLOTHING - ACCESSORIES
**Shop:** 21/22 Parish Square, Mellieha. **Telephone:** 21523036. **Email:** info@fieldsportsmalta.com. **Website:** www.fieldsportsmalta.com.
Benelli
BERETTA
BROWNING
COLT
Perazzi
GAMO Precision Airguns
FIOCCHI
Rizzini
B&P Baschieri & Pellagri
WINCHESTER
EOTech
GLOCK
Blaser
BUCK KNIVES
Aimpoint
CCI
meopta
RED WING SHOES IRISH SETTER


Art in Beauty
MED-AESTHETIC CLINIC
Botox & Dermal Fillers
Laser Hair Removal
Advanced Aesthetic Facials
Semi Permanent Make Up
Nail Bar, Lash Bar & Pedi Spa
Solarium Tanning
Vein Treatments & Tattoo Removal
Body Shaping Treatments
Laser Resurfacing Peels
HIFU - Facelifts
Stretch Marks & Pigmentation
Acne & Rejuvination
Massage
Cosmetics & much more...
132 Triq il-Kbira, Mellieħa
+356 21 522 123
+356 99 843 941
info@artinbeauty.com
www.artinbeauty.com
Art in Beauty



# Wara l-maltemp, il-bnazzi

**Philip Schembri**

*Għalliem tal-Mużika*

Xi dnub! L-attivitajiet li kellna ppreparati għal din is-sena, speċjalment dawk tal-festa għażiża tagħna spiċċaw fix-xejn tort tal-COVID-19. Però, għalkemm qegħdin ngħixu sitwazzjoni straordinarja qed nagħmlu ħilitna kollha sabiex fiċ-ċirkostanzi l-ispirtu tal-festa nżommuh ħaj kemm nistgħu.

Bil-pandemija tiddomina sa minn nofs Marzu li għadda, l-Għaqda tagħna rnexxielha tibqa' għaddejja, għalkemm b'mod limitat. Il-preparamenti għall-kunċert ta' Hadd il-Palm kienu fl-aqwa tagħhom sakemm il-pandemija waqqfitna ħesrem. It-tagħlim tal-mużika baqa' għaddej permezz tal-mezzi teknoloġiċi online u bl-impenn tagħna l-għalliema mmexxija mis-Surmast Tonio Borg u bil-koperazzjoni tal-istudenti u l-ġenituri tagħhom. Din it-teknoloġija għallmitna ħafna kif nadattaw rwieħna fit-tagħlim b'mod differenti minn dak tradizzjonali u l-istudenti tagħna xorta waħda qed juru l-progress mixtieq. Jeħtieġ li nkomplu nsibu l-bilanċ bejn il-bżonn li nħarsu s-saħħa tagħna fiżika u mentali, filwaqt li naraw li l-Għaqda tagħna tibqa' ħajja u attiva mil-lat kulturali, soċjali u edukattiv.

Nieħu l-okkażjoni sabiex nirringrazzja lill-Kumitat, lill-Kummissjoni Banda u Kor, lis-Surmast Direttur, lill-għalliema l-oħrajn kollegi tiegħi u lill-istudenti tagħna flimkien mal-partitarji u l-ammiraturi għall-ħidma u l-impenn tagħhom f'dan iż-żmien diffiċli. Grazzi speċjali tmur ukoll lis-Sur John Baptist Gauci (Segretarju) għall-impenn tiegħu biex jikkordina laqgħat magħna l-għalliema b'mod virtwali fl-interess tagħna u tal-istudenti sabiex ma jiġġammjax kollox. Ejjew nimpenjaw ruħna matul din il-maltempata sabiex nikkontrollaw kemm nistgħu kull ostaklu ħalli noħorġu iktar b'saħħitna meta jiġi l-bnazzi!

Il-festa t-tajba.

**SPECIAL OFFERS AVAILABLE IN STORE**



Opening hours:
Mon – Tues 06.00 – 18.00
Wed 06.00 – 13.00
Thurs - Fri 06.00 – 18.00
Sat 06.00 – 14.00
Sun Closed

**Ġo Ġo**
**MINI MARKET**
**Mario & Joanne Vella**
Snajjin Street
Mellieħa, Malta
Tel: 21521445
**Free Deliveries**



CrossKeys
RESTAURANT PIZZERIA INDIAN CUISINE
Tel: 21523744 (Restaurant)
21522605 (Pizzeria & Indian)


THE CATERER
Ernest Vella,
Triq in-Nahal, Mellieha
+356 2152 3023
+356 9923 8591
Fresh Bread, Frozen Food, Cakes, Pastries, Sweets & More!
We also cater for Weddings, Parties, Events & Outside Catering
Visit our shop for our full range of products!
www.thecaterer.com.mt
info@thecaterer.com.mt
Find us on Facebook


KOMATSU
NEW HOLLAND
P&C Cauchi
Demolition Excavation
9989 9839/7925 9208 .M
crs.cauchi@gmail.com .E

# John Buttigieg
# CIKKIES

**Fruit & Vegetables Wholesaler & Retailer**
**To Hotels, Caterers & Vendors**




**Store: Cikkies Garage, Cross Street, Mellieħa**

**Office: 32, New Mill Street, Il-Mellieħa**

**Tel: 21 521 945  Mob: 99 460 572**



# The importance of family

**Geoff Thomas**
*Music Teacher*

When Julie and I first came to Malta, one of the first things we noted was that very few surnames were available. We know better now, but it appeared that everyone was called Borg, Camilleri, Vella, Farrugia, Zammit, Galea, Micallef, Grech, Attard, Spiteri, or Azzopardi. Everyone knew where their family was from (Cini from Żebbuġ, Xuereb from Għajnsielem, Aquilina from Għargħur), knew whether their names were originally Semitic, Romance, or British, and knew who all their relatives were - in amazing detail!

Then I began thinking about the problems I had tracing my own family tree. The top five surnames in Wales are Jones, Davies, Williams, Evans, and Thomas. My parents were Thomas and Jones so probably not a good start. They came from the same village and, as my research has continued, I found that the vast majority of my family came from within a range of only 13km (no wonder I feel at home in Malta). Shouldn't that make it easier? Unfortunately, no. So what are the problems?

Unlike Malta where surnames have obvious meanings (Chetcuti, Buttigieġ, Busuttil, Vella) or even England (Taylor, Wright, Smith, Farmer), in Wales surnames are mostly first names. So in my family tree there is a Thomas Thomas, Evan Evans, David Davies (seven times!), and John Jones (at least five). The composer of the famous Welsh hymn-tune *Aberystwyth* is known as William Williams (*Pantycelyn*) to differentiate him from all the other William Williamses!

As an aside, it is worth noting that many countries, Wales included, use the son-of or daughter-of patronymic. In most countries this is quite straightforward. Iceland won their first Oscar through the composer Hildur Ingveldardóttir Guðnadóttir and her score for *The Joker*. She is Hildur, daughter of Ingveldur (Guðrún Ólafsdóttir) and Guðni (Franzson). Many countries have the suffix -s (Roberts), -es (Pires), -z (Hernández), -x (Hendrix), son (Thomson), sen (Petersen), all of which mean son. In the UK there are prefixes too: Mac- (Mackenzie – son of Kenneth) and Fitz- (Fitzroy – son of the king).

However, in Wales we had a problem: the English! After the Laws in Wales acts of 1535 and 1542, Welsh was 'downgraded' as a language. Henry VIII tried to eradicate Welsh and parts of the 1535 Act relating to the Welsh language were finally repealed only in 1993! Until the time of Henry VIII, the Welsh used nicknames or patronyms, using mab (son). As an example of the effect of this, the patronyms ap Robert, ab Ieuan, ap Hugh, ap Rhys, ap Richard, ap Owain, and ap Hywel gradually became Probert, Evans, Pugh, Price, Pritchard, Bowen, and Powell. The spelling of these and many other names changed over time.

So, by the time we had official censuses they were taken in English, often by people who had no Welsh, and the resulting spelling mistakes are a source of frustration for those of us trying to track down particular names. Add to that the changing pronunciation and you have a real recipe for disaster. One example in my family tree is the name Mainwaring. This is an old name from Le Mesnil Varin (the manor of Varin), some 25km NW of Rouen. It can be pronounced and spelled Mainwaring, Manwaring, Mannering or even Mandry. All four spellings appear in my family tree and some members of the same generation differed in their choices. This is just one example. Now,



***My great-great-grandmother***

imagine someone who only spoke English writing down Maltese names. We had the same problem with Welsh. This is a language with an alphabet of 29 letters, including 7 vowels and 8 digraphs. Can you imagine the fun with places like Porthyrhyd, Bancffosfelen, or streets such as Heol Llethryd or Maesyfelin?

There are many other errors on censuses due to lack of literacy (my father's grandmother signed her wedding certificate with a cross), or lack of understanding (you had to state if you spoke Welsh, English, or both; what if you didn't understand the question?), or vanity – especially over women's ages. Some people were known by diminutives or other variations (e.g. Nellie instead of Helen, Maggie instead of Margaret), some used their second or third name then used an abbreviation (thank you Auntie Freda), some pretended to get married, or remarried, or moved away to be married or give birth, for various reasons! Some census-takers had beautiful copperplate handwriting, others an illegible scrawl. Online records are scanned and 'read' by machine which can waste hours in detective work. Even gravestones and newspaper reports have errors, especially in ages and dates. My mother's cousin died tragically young at the age of 8 years but the headstone states 9 years; it was only the fact that she had an unusual first name that enabled me to find so much out about her.

Children were often named after the last relative to die (this applied to both my parents), after their father (mum's grandfather, great-grandfather, and great-great-grandfather were all David), or after their grandfather (between 1660 and 1766 I have Edward, John, Edward, John). It is so easy to get mixed up when the names in three, four, or even five generations are exactly the same.

Occasionally you get surprises when doing family research. The village where my parents grew up erected a memorial in 2002 (picture above) to those who died in a mining tragedy some 150 years previously. This provided the final evidence I needed for two brothers who had died in 1852. More recently, I received an email totally out of the blue from someone in Australia who was researching her family tree and discovered a link to mine and she asked for my help. It transpired that the father of two of my cousins had had a brother no-one knew anything about. He'd been born out of wedlock, brought up by relatives and, at the age of 13, was shipped off to Australia. He never forgave his family, but his descendants are now back in touch with a family they didn't know existed.

Write down your family history while you remember it and while your family are still alive. I really do wish I'd asked more questions years ago. It's too late when they've passed on. It can be hard work tracing your family, but worth it. As a bit of relief, I thought I'd tackle Julie's family tree. "What's your mum's maiden name?" I asked. "Thomas," she replied, "and her mum was Jones."




***Photograph of the memorial in Pontyberem used by kind permission of Mick Lobb***

# Sala Imperial

* * * **mgħammra b'arja kundizzjonata** * * *

Ideali għal kull tip ta' **riċeviment**, bħal tal-Magħmudijiet, tal-Praċett, tal-Griżma, tal-*Engagements* u tal-Anniversarji





Tintrama ukoll għal **konferenzi**, ***workshops*** u ***seminars***

*Jekk qed tipprepara għal xi **attività soċjali**, kellimna u toħroġ sodisfatt żgur!*

***Għal aktar informazzjoni, avviċinaw lill-membri tal-Kumitat***

Tel.: 21 520 536
e-mail: info@imperialbandclub.com
facebook: fb.me/imperialAD1930

# Messaġġ mill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda

**Joseph C. Azzopardi**
*Segretarju Ġenerali - Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda*

Ħbieb, il-festi jiġu kull sena u nħejju għalihom bil-kbir. Din is-sena differenti mill-passat. Il-pandemija gerfxet lil kull settur u strata tas-soċjetà. Imma l-Għaqda baqgħet attiva, u flimkien f'diskussjoni mal-Awtorità tal-Knisja, instabet triq onorabbli kif niċċelebraw il-festa tal-qaddisa tagħna b'mod ridott. Nappella biex nimxu mad-direttivi tal-Kurja u tal-Għaqda biex bla eċċessi u bi spirtu Nisrani nagħtu ġieħ u qima lill-qaddisa waqt il-pellegrinaġġi li (sal-ħin li qed nikteb dan il-messaġġ) għandhom isiru.

L-Għaqda, apparti li ħadmet mill-qrib mal-Knisja, ħadmet ukoll mal-Gvern biex il-każini tagħna ngħataw għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-flus li tilfu jew spejjeż li daħlu għalihom. Dan billi ġiet maħluqa l-Iskema COVID-19 Każini tal-Banda. F'din l-iskema, il-Gvern ta €200,000 li ġew mqassma lis-soċjetajiet mużikali b'mod ugwali. Nixtieq nirringrazzja lill-kumitati kollha li sabu l-ħin sabiex niltaqgħu magħhom b'mod virtwali u flimkien iddiskutejna l-isfidi li s-soċjetajiet tagħna sabu fi żmien il-pandemija.

Bil-ħidma tal-Għaqda ħarġu diversi fondi oħra li jkopru oqsma diversi. Nittama li dawk eleġibbli japplikaw u jimxu strettament mal-linji gwida.

Il-każini għad baqgħalhom għeruq sodi f'kull belt u raħal, u xorta għad baqa' lok għal xiex jagħtu kontribut kulturali u mużikali fis-snin li ġejjin. Nittama li għalkemm ser nirtira, nibqa' nsegwi dak li jkun qed iseħħ fl-Għaqda. Ma nixtieqx nara jinħatt dak li b'tant impenn ħdimna għalih matul is-snin.

Nagħlaq billi nsellem lid-diriġenti tal-każini kollha, li għal bosta snin ħdimt magħhom fil-qrib. Grazzi tal-appoġġ li tajtuni u l-koperazzjoni li sibt. Tafu li għaddejt minn esperjenza xejn pjaċevoli u għadni ma ġejtx f'sikkti. Kontra qalbi se jkolli nsellmilkom u nirtira; però nittama li nkun nista' nagħti sehem modest jekk Alla jrid nirkupra xi ftit. Ħudu ħsieb iċċelebraw b'mod dinjituż, biex fil-futur mal-Kurja nibqgħu ntejbu r-relazzjonijiet għall-ġid tal-qasam tal-festi.

*Nota editorjali*

L-Għaqda Mużikali Imperial tixtieq tieħu din l-opportunità sabiex tirringrazzja lis-Sur Joseph C. Azzopardi tas-snin twal ta' ħidma li għamel b'risq il-każini tal-banda, fejn serva għal għoxrin sena sħaħ bħala Segretarju Ġenerali tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda. F'dan il-perjodu, l-Għaqda li aħna membri tagħha għamlet passi ta' ġgant 'il quddiem u flimkien mad-diversi Kumitati Eżekuttivi li ħadem fi ħdanhom rajna l-isem tas-soċjetajiet mużikali Maltin u l-qasam bandistiku Malti jkomplu jiksbu r-rispett li jixirqilhom. Minn qalbna nawgurawlu s-saħħa u l-fejqan f'dan iż-żmien tant diffiċli.

***Grazzi JC!***





120 BAR
Open Daily
Showing All Major Sporting Events
120Bar
00356 2289 2000
www.maritim.com.mt
George Borg Olivier Street, Mellieha MLH 1021




AL PONTE
PIZZERIA • RESTAURANT
Open Daily
for lunch and dinner
2289 2289
Take Away Available
alponterestaurant
www.alponterestaurant.com
MARITIM
Antonine Hotel & Spa
George Borg Olivier Street, Mellieha




GYM
SLIMMING TREATMENTS
SPA TREATMENTS
MARION MIZZI
WELLBEING
Maritim Antonine Hotel & Spa in Mellieha
(+356) 22623421 (+356) 21524025
€20 OFF ON PRESENTATION OF THIS ADVERT

# Djarju 2019 -- 2020

23 t'Awwissu 2019 - Barbecue tal-festa fil-Pjazza tal-Parroċċa.

27 t'Awwissu 2019 - Tombla speċjali tal-festa organizzata mill-Kumitat Nisa tal-Għaqda Mużikali Imperial.

29 t'Awwissu 2019 - Kunċert ġenerali tal-Programm tal-Festa mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala tal-Każin taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg.

30 t'Awwissu 2019 - Delegazzjoni mill-Kumitat ħadet sehem fiċ-ċelebrazzjoni reliġjuża fil-Knisja Arċipretali fl-okkażjoni ta' 'Jum l-Għaqdiet Ċiviċi'.

30 t'Awwissu 2019 - Laqgħa soċjali għall-emigranti Melleħin fl-okkażjoni tal-festa tal-Vitorja.

31 t'Awwissu 2019 - Festa Gathering organizzata mill-Kummssjoni Żgħażagħ fil-Każin.

31 t'Awwissu 2019 – Il-President u s-Segretarju Ġenerali ħadu sehem fil-programm 'Mill-Briju tal-Festi 2019' fl-istudios ta' ONE Radio fil-Marsa.

1 ta' Settembru 2019 - Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet il-festin tal-festa fil-Każin tal-Partit Laburista tal-Mellieħa.

1 ta' Settembru 2019 - Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet il-Programm Vokali u Strumentali tal-Festa mtella' mill-Għaqda Korali u Orkestrali Marija Bambina.

2 ta' Settembru 2019 - Programm Vokali u Strumentali mill-Banda u l-Kor Imperial taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg fil-Pjazza tal-Parroċċa. Wara sar riċeviment fis-Sala tal-Każin.

3 ta' Settembru 2019 - Riċeviment fil-Każin għall-Kumitati, bandisti, u membri tal-Kor, flimkien mal-familjari tagħhom.

4 ta' Settembru 2019 - Marċ mill-Banda Imperial li beda minn Triq l-Għerien u spiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

4 ta' Settembru 2019 - Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet il-Programm Mużikali mtella' fl-okkażjoni tal-festa mis-Società Filarmonica La Vittoria.

5 ta' Settembru 2019 - Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet il-festin tal-festa organizzat mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti Melleħin fil-Mellieħa Sports Club.

5 ta' Settembru 2019 - Marċ mill-Banda L'Isle Adam tar-Rabat, Malta, li beda minn Triq N. Caruana Dingli u spiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

5 ta' Settembru 2019 – Grupp ta' żgħażagħ membri tal-Għaqda Mużikali Imperial ħadu sehem what iċ-ċelebrazzjoni fil-Knisja Arċipretali fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Bambina.

6 ta' Settembru 2019 - Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet il-festin tal-festa organizzat mill-Mellieħa Sports Club.

6 ta' Settembru 2019 - Marċ mill-Banda Imperial li beda minn Triq V. Ciappara u spiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

7 ta' Settembru 2019 - Marċ mill-Banda Imperial li beda minn Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq is-Salib u spiċċa f'Misraħ il-Parroċċa. Wara, il-Banda u l-Kor Imperial esegwew l-Innu Ad Unur Marija Bambina.

8 ta' Settembru 2019 – Rappreżentanti tal-Għaqda Mużikali Imperial ħadu sehem waqt ix-xandira diretta tal-programm "Mill-Festa" imxandar fuq One TV.

8 ta' Settembru 2019 - Marċ mill-Banda San Sebastjan tas-Soċjetà Filarmonika Pinto ta' Ħal Qormi minn Triq Sant'Anna sa Misraħ il-Parroċċa. Wara ttella' programm mużikali mill-istess banda quddiem il-Każin li laħaq il-qofol tiegħu bid-daqq tal-Innu lil Marija Bambina mal-wasla tal-istatwa tal-Bambina quddiem il-Każin.

9 ta' Settembru 2019 - Ħarġa tal-festa bil-lanċa mill-Għadira sal-Valletta Waterfront u



lura organizzata mill-Kumitat Nisa fost briju organizzat mis-Sezzjoni Żgħażagħ.

10 ta' Settembru 2019 - Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet il-festin tal-festa organizzat mill-Partit Nazzjonalista tal-Mellieħa.

21 ta' Settembru 2019 - Żgħażagħ mill-Għaqda Mużikali Imperial ingħaqdu mal-Kunsill Lokali Mellieħa waqt il-'Mellieħa Community Clean-up' fl-Aħrax tal-Madonna fl-okkażjoni tal-World Clean-up Day 2019.



22 ta' Settembru 2019 - Programm Vokali u Strumentali mill-Banda u l-Kor tal-Għaqda Mużikali Imperial f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa, il-Mellieħa, fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Mellieħa meqjuma ġewwa s-Santwarju Nazzjonali.

30 ta' Settembru 2019 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet il-laqgħa ġenerali tal-Kunsill tal-Għaqda Każini tal-Banda li saret fil-Każin tas-Soċjetà Mużikali Queen Victoria, iż-Żurrieq.

1 t'Ottubru 2019 – Sar il-funeral tas-Sur Anthony Grech, membru tal-Kumitat Direttiv tal-Għaqda Mużikali Imperial. Il-Banda Imperial daqqet waqt il-korteo funebri u membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

2 t'Ottubru 2019 - Sar Coffee Morning fis-sala ewlenija tal-Każin.

8 t'Ottubru 2019 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet it-tnedija tal-proġett tal-Batterija ta' Westreme organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

11 t'Ottubru 2019 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet il-laqgħa organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa għall-għaqdiet mużikali tal-Mellieħa.

12 t'Ottubru 2019 – Numru ta' bandisti mill-Banda Imperial attendew laqgħa organizzata mill-Għaqda Każini tal-Banda fil-Każin tal-Banda Sant'Antnin, Birkirkara, fejn ġew diskussi r-regolamenti ġodda tal-etika bejn il-baned u l-bandisti.

20 t'Ottubru 2019 – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzata mill-Kummissjoni Banda u Kor.

21 t'Ottubru 2019 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet laqgħa li saret fil-Kunsill Lokali tal-Mellieħa dwar il-fondi mħaddma mill-Majjistral Action Group Foundation f'Miżura 2 "Strengthening a Healthy Cultural Identity".

4 ta' Novembru 2019 – Delegazzjoni mil-Kumitat attendiet laqgħa organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa dwar il-kompetizzjoni tal-isnooker fil-Mellieħa.

6 ta' Novembru 2019 - Sar Coffee Morning fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial.

9 ta' Novembru 2019 - Delegazzjoni mill-kunsilli ta' Aya Napa u Cavriglia akkumpanjati mis-Sindku tal-Mellieħa u xi kunsilliera mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa għamlu żjara ta' korteżija fil-Każin Imperial.



10 ta' Novembru 2019 - Ġiet organizzata quddiesa fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa għar-ruħ il-mejtin kollha tas-Soċjetà Imperial. F'din il-quddiesa ħadu sehem membri tal-Banda u l-Kor Imperial. Wara sar korteo għaċ-ċimiterju fejn indaqqet fanfara mill-membri tal-Banda Imperial, tkantaw innijiet, sar it-tberik tal-oqbra u tpoġġew fjuri fuq l-istess oqbra.



16 ta’ Novembru 2019 - Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet quddiesa fil-Konkatidral ta’ San Ġwann, il-Belt Valletta, fl-okkażjoni tal-festa ta’ Santa Ċeċilja, organizzata mill-Għaqda Każini tal-Banda. Wara ħadu sehem fl-isfilata tal-baned mat-toroq tal-Belt.

17 ta’ Novembru 2019 – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzata mill-Kummissjoni Banda u Kor.

21 ta' Novembru 2019 – Il-Kor Imperial ħa sehem f’quddiesa għand is-Sorijiet tal-Klawsura fil-Monasteru ta' Santa Katerina fil-Belt Valletta. Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal din l-okkażjoni.

23 ta’ Novembru 2019 – Il-Kummissjoni Żgħażagħ fi ħdan l-Għaqda Mużikali Imperial organizzat ġurnata Sqallija bil-katamaran. Waqt din il-mawra saret żjara f’sit fejn jinħadem iż-żejt taż-żebbuġa u oħra f’mużew f’Chiaramonte Gulfi.



30 ta’ Novembru 2019 - Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet il-Kunċert Mużikali Annwali mtella’ mill-Banda La Vittoria fid-db Seabank Resort & Spa, il-Mellieħa.

7 ta’ Diċembru 2019 – Membri tal-Għaqda Mużikali Imperial ingħaqdu ma’ membri ġejjin minn soċjetajiet mużikali ta’ Malta f’kampanja nazzjonali ta’ għoti ta’ demm organizzata minn One Group fiċ-Ċentru tal-Għoti tad-Demm fi Gwardamanġa.

9 ta’ Diċembru 2019 - Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet laqgħa organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa dwar il-“Milied Mellieħi 2019”.

14 ta’ Diċembru 2019 – Programm Vokali u Strumentali tal-Milied mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala tal-Każin Imperial.

15 ta’ Diċembru 2019 - Sar Coffee Morning speċjali tal-Milied fis-Sala ewlenija tal-każin.

18 ta’ Diċembru 2019 – Membri tal-Kummissjoni Żgħażagħ attendew quddiesa għaż-żgħażagħ organizzata mill-Parroċċa tal-Mellieħa fis-Santwarju tal-Madonna tal-



Mellieħa bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Milied 2019.

19 ta’ Diċembru 2019 - Il-Kor Imperial esegwixxa programm ta’ għanjiet tal-Milied fil-Paradise Bay Resort, il-Marfa.

19 ta’ Diċembru 2019 – Delegazzjoni mill-Kumitat ħadet sehem waqt il-ftuħ uffiċjali tal-attività “Milied Mellieħi 2019” organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa fil-Knisja Parrokjali tal-Manikata.

20-22 ta’ Diċembru 2019 – Il-Kummissjoni Żgħażagħ ħadet sehem permezz ta’ bejgħ ta’ mqaret waqt l-attività “Milied Mellieħi 2019” organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa f’Misraħ il-Parroċċa.

20 ta’ Diċembru 2019 - Il-Kor Imperial esegwixxa programm ta’ għanjiet tal-Milied fil-Paradise Bay Resort Hotel, il-Marfa.

22 ta’ Diċembru 2019 - Il-Kor Imperial esegwixxa programm ta’ għanjiet tal-Milied waqt l-attività “Milied Mellieħi 2019” organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa f’Misraħ il-Parroċċa.

23 ta' Diċembru 2019 - Il-Banda Imperial esegwiet programm ta’ għanjiet tal-Milied fir-Riviera Resort, il-Marfa.

24 ta’ Diċembru 2019 - Il-Banda Imperial esegwiet programm ta’ għanjiet tal-Milied quddiem il-Każin tal-istess Għaqda f’Misraħ il-Parroċċa bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Milied 2019.

26 ta’ Diċembru 2019 - Il-Banda Imperial esegwew programm ta’ għanjiet tal-Milied fid-Dar tal-Anzjani “Dar il-Madonna tal-Mellieħa”, il-Mellieħa.

26 ta’ Diċembru 2019 - Il-Kor Imperial esegwixxa programm ta’ għanjiet tal-Milied fil-Maritim Antonin Hotel & Spa, il-Mellieħa.

4 ta’ Jannar 2020 – Sar il-funeral tas-Sur Carmel Borg, membru tal-Kumitat Direttiv tal-Għaqda Mużikali Imperial. Il-Banda Imperial daqqet waqt il-korteo funebri u membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

7 ta' Jannar 2020 - Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet il-funeral ta' Frans Caruana li kien akkumpanjat waqt il-korteo funebri mill-Banda La Vittoria.

9 ta' Jannar 2020 – Sar il-funeral tas-Sinjura Carmen Cini, membru tal-Kumitat Direttiv tal-Għaqda Mużikali Imperial. Il-Banda Imperial daqqet waqt il-korteo funebri u membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

11 ta' Jannar 2020 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet riċeviment organizzat mill-Għaqda Każini tal-Banda bħala awgurju għall-ħidma matul is-Sena l-Ġdida li sar fil-Każin tal-Banda Madonna tal-Ġilju, l-Imqabba.

14 ta' Jannar 2020 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet l-ewwel laqgħa msejħa mir-Reġjun tat-Tramuntana fejn ġie diskuss il-Festival tal-Baned u Nar 2020.

15 ta' Jannar 2020 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet laqgħa straordinarja urġenti tal-Għaqda Każini tal-Banda li saret fil-Każin tal-Banda San Ġorġ f'Ħal Qormi.

19 ta' Jannar 2020 – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

5 ta' Frar 2020 - Sar Coffee Morning fis-sala ewlenija tal-Każin.

8 ta' Frar 2020 – Fil-Każin saret l-ikla annwali għall-bandisti, il-membri tal-Kor u l-membri tal-Kumitati u tal-Kummissjonijiet tal-Għaqda Mużikali Imperial flimkien mal-familjari tagħhom.

13 ta' Frar 2020 – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet iċ-ċerimonja uffiċjali fejn tqassmu fondi parti mill-iskemi mmexxija mill-Aġenzija Żgħażagħ. Din saret fis-Salini Resort, is-Salini.

16 ta' Frar 2020 – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

17 ta' Frar 2020 – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet iċ-ċerimonja uffiċjali fejn tqassmu fondi parti mill-iskemi mmexxija mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat.

18 ta' Frar 2020 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet laqgħa organizzata mill-Kunsill Malti għall-Volontarjat dwar l-iskema "Voluntary Organisations Project Scheme 2020".

28 ta' Frar 2020 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet il-laqgħa ġenerali tal-Kunsill tal-Għaqda Każini tal-Banda li saret fil-Forti Sant'Anġlu, il-Birgu. F'din il-laqgħa nħatru l-membri tal-Eżekuttiv il-ġdid għas-snin 2020-2021.

4 ta' Marzu 2020 - Sar Coffee Morning fis-sala ewlenija tal-Każin.

6 ta' Marzu 2020 - Sar il-funeral ta' John Stellini, membru tas-Soċjetà. Indaqqet fanfara u membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

7 ta' Marzu 2020 - Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet il-funeral tas-Surmast Joseph N. Sammut li kien akkumpanjat waqt il-korteo funebri mill-Banda La Vittoria. Mro Sammut kien membru tal-Għaqda Mużikali Imperial u ndaqqet il-fanfara mal-wasla tal-korteo quddiem il-Każin Imperial.

7 ta' Marzu 2020 - Saret is-Seduta Ġenerali tal-Għaqda Mużikali Imperial fis-sala ewlenija tal-Każin. Matul din il-laqgħa ngħata rendikont tal-ħidma fi ħdan l-Għaqda tul is-sena 2019 u ġie elett Kumitat Direttiv ġdid għas-snin 2020-2021.

18 ta' Marzu – 21 t'April 2020 - Il-Każin Imperial kien bil-bibien magħluqa minħabba l-pandemija tal-COVID-19 fuq direttivi maħruġa mill-Awtoritajiet tas-Saħħa Pubblika.

5 – 12 t'April 2020 – Xandiriet live fuq l-internet tal-programm ta' attivitajiet organizzati mill-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa 2020.



19 ta' Ġunju 2020 - Daqq ta' fanfara fil-Purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesù. Membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-purċissjoni.

1 ta' Lulju 2020 - L-Għaqda Mużikali Imperial ingħaqdet fiċ-ċelebrazzjoni VisitMalta Now Celebration bil-mixegħla tal-festun u l-faċċata tal-Każin.

6 ta' Lulju 2020 - Il-Banda Imperial reġgħet bdiet bil-provi tagħha ta' kull ġimgħa fir-rispett tal-miżuri tad-distanza soċjali u iġjene.

31 ta' Lulju 2020 – Bingo Evening fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzata mill-Kummissjoni Banda u Kor.



26 t'Awwissu 2020 – Żjara ta' korteżija fil-Każin Imperial mis-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Clayton Bartolo, ex bandist tal-Banda Imperial u Membru Onorarju tal-istess Għaqda.

29 t'Awwissu 2020 – Ġew intervistati ż-żewġ membri tal-Għaqda Mużikali Imperial, is-Sinjuri Julie u Geoff Thomas, bħala parti mix-xogħol li qed isir mill-Għaqda Każini tal-Banda sabiex il-festa Maltija tiġi meqjusa mill-UNESCO bħala Wirt Kulturali Intanġibbli.



5 ta' Settembru 2020 – Żjara ta' korteżija fil-Każin Imperial mill-Membru Parlamentari Ewropew, l-Onorevoli Josianne Cutajar.

## Nifirħu lil...

- Carl Borg, membru tal-Banda Imperial, li temm b'suċċess bil-grad ta' First Class Honours il-kors B.Mus. (Hons.) mogħti mid-Dipartiment għall-Istudju fil-Mużika fi ħdan l-Università ta' Malta.
- Is-Surmast Direttur tal-Għaqda Mużikali Imperial, Mro Anthony Borg, li temm b'suċċess l-kors li jwassal għal Diploma in Wind Band Studies mill-Università ta' Malta bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Każini tal-Banda.
- Lil dawk kollha li għamlu suċċess fl-istudji jew f'xi dixxiplina partikolari li jipprattikaw u nawgurawlhom iktar suċċess f'dak kollu li jaħdmu għalih.




LOCAL & OVERSEAS
funeral arrangements
Offering
UNDERSTANDING &
INTEGRITY
PRE-ARRANGEMENT
services available
CREMATION & BURIAL AT SEA services available
WE DON'T
just arrange funerals,
WE HELP
create meaningful days
John Bray
& Family
FUNERAL SERVICES
John Bray - Funeral Director
PROFESSIONAL
GUIDANCE
through difficult times
24/7 Service
Local & Overseas funeral directors
Moderate Prices
John Bray
& Family
Funeral Services
Est. 1981
Garage/Office Funeral Services, Lampuki Street, St Paul's Bay
Office Funeral Services, Triq Salvinu Vella, Mellieha
Residence 117, Our Lady of Fatima, Parades Street, St Paul's Bay
Tel: 21585716 | 21573588 | 21571260 | 21522400 (Mellieħa office)
Mob: 99493479 | 79493479 | 99477153
Email: johnbrayandson@yahoo.com
www.johnbrayandsonmalta.com



# Niftakru f'ħutna li ħallewna

**Anthony Grech**
29 ta' Settembru 2019

**Carmel Borg**
28 ta' Diċembru 2019

**Carmen Cini**
4 ta' Jannar 2020

**Mro Joseph N. Sammut**
4 ta' Marzu 2020

**John Stellini**
4 ta' Marzu 2020

Nella's™
by Antonella

hairdressing | beauty | nails
skincare | make-up

Fortizza Street, Il-Mellieħa

e: antonellavella82@gmail.com
t: 2152 2705 | 2752 2705
m: 9989 8335

JIMCAM
ENTERPRISES LIMITED

*Agents and Distributors of:*

sikkens
AUTOMOTIVE PAINTS

Meguiar's
SURFACE CARE

Colad Abrasives, Masking Tapes & Materials,
Hamach Sanding & Polishing Tools,
Anest Iwata Spray Guns & Paint curing Systems,
Garage Equipment, Car Polishes &
Boat Care Products

*Also available*
Care Hire • 24 Hour Taxi Service
Accommodation in Villas & Apartments
with or without pool

Office: 12, Triq l-Għoljiet, Mellieħa MLH 2013
Tel: 7952 0330, 2152 2579
Fax: 2152 0330 Email: sales@jimcam.com.mt

# SALA IMPERIAL

* * * **mgħammra b'arja kundizzjonata** * * *

Ideali għal kull tip ta' **riċeviment**, bħal tal-Magħmudijiet, tal-Praċett, tal-Griżma, tal-*Engagements* u tal-Anniversarji





Tintrama ukoll għal **konferenzi**, ***workshops*** u ***seminars***

*Jekk qed tipprepara għal xi **attività soċjali**, kellimna u toħroġ sodisfatt żgur!*

***Għal aktar informazzjoni, avviċinaw lill-membri tal-Kumitat***

Tel.: 21 520 536
e-mail: info@imperialbandclub.com
facebook: fb.me/imperialAD1930

# 90 Sena Anniversarju tal-Għaqda Mużikali Imperial

**Xogħol il-Kummissjoni Żgħażagħ biex l-Għaqda tfakkar dan l-anniversarju**






# Għotjiet lill-Għaqda Mużikali Imperial 2019



*L-Onorevoli Robert Cutajar jippreżenta donazzjoni.*



*L-Onorevoli Segretarju Parlamentari Clayton Bartolo jippreżenta donazzjoni.*



*L-Onorevoli Segretarju Parlamentari Anthony Agius Decelis jippreżenta għotja mill-Fond Festi Inklussivi.*



*L-Onorevoli Ministru Evarist Bartolo jippreżenta donazzjoni.*



*L-Onorevoli Ministru Michael Farrugia jippreżenta donazzjoni.*



*Is-Sindku Dario Vella u l-Kunsillier Gabriel Micallef jippreżentaw donazzjoni bħala parti mill-ftehim kulturali bejn il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa u l-għaqdiet Melleħin.*



*Is-Sinjuri Marvin Abela u Ivan Castillo jagħmlu donazzjoni f'isem il-Partit Nazzjonalista - Mellieħa.*



*Is-Sinjura Mariella Barbara tippreżenta donazzjoni f'isem il-familji Barbara u Borg.*



*Is-Sur Carmelo Fenech jippreżenta silta mużikali biex tindaqq mill-Banda Imperial.*



*Is-Sur Brandon Vella jippreżenta donazzjoni f'isem il-familji Caruana, Cuschieri u Vella.*



*Il-Kunsillier Marvin Abela jippreżenta donazzjoni.*



*Il-Kunsillier Ivan Castillo jippreżenta donazzjoni.*



*Is-Sur Anthony Schembri f'isem is-Sur Alfred Muscat jippreżenta kopja oriġinali tal-ewwel programm tal-Banda Imperial.*



*Is-Surmast Anthony Borg jippreżenta donazzjoni f'isem numru ta' emigranti minn Sydney u Melbourne fl-Awstralja u minn California fl-Istati Uniti.*

Joanneville Hair Studio
21525260
Joanna
Hair stylist
44 Parish Square Mellieha

# MARK TALIANA
## GARDENER
*For professional gardening, maintenance & landscaping*
Mob: 7783 0983





*For Quality Metal Works at Competitive Prices*



JOE GAUCI
METAL WORKS

7 Marfa Road, Mellieħa
Tel: 2152 0566 • Mob: 7904 6976

# Tislima lil Toni, Charlie u Carmen

**Dr John Baptist Gauci**

Min jafni jaf li l-Għaqda Mużikali Imperial hi għalija t-tieni familja. Hemm kbirt tista' tgħid minn meta kelli seba' snin, hemm tgħallimt il-ftit mużika li naf u minn hemm qbadt il-ġibda lejn ix-xogħol volontarju. Hu għalhekk li kull meta jonqos xi ħadd minn din il-familja, b'mod speċjali jekk ikun mar jiltaqa' mal-Ħallieq, ma tistax ma tħossx dik it-telfa, dak il-vojt, li tħalli dik il-persuna li titbiegħed mill-Għaqda darba għal dejjem. Imbagħad, meta dik il-persuna tkun ħdimt magħha fil-qrib għal diversi snin, kont tpoġġi bilqiegħda magħha madwar l-istess mejda, u tkun qsamt magħha l-esperjenzi diversi, kemm sbieħ u kemm koroħ, li toffri l-ħajja ta' soċjetà bħal tagħna, imbagħad dik it-telfa tħossha bil-wisq iktar.



***Ritratt tal-Kumitat Direttiv għas-snin 2018-2019. Carmen Cini, Carmel Borg u Anthony Grech qegħdin fuq wara fl-ewwel, it-tieni u l-ħames post mix-xellug.***

Mill-festa tal-Vitorja tas-sena l-oħra, l-Għaqda Mużikali Imperial tilfet tliet membri tal-Kumitat Direttiv, tliet membri li kien għadhom iservu bis-sħiħ u b'mod attiv fl-Għaqda li tant ħabbew, tliet persuni li ħallew vojt kbir warajhom. Qed nirreferi għal sħabna Toni Grech, Charlie Borg u Carmen Cini. Permezz ta' dawn il-ftit linji xtaqt naqsam magħkom il-qarrejja xi esperjenzi tiegħi personali li kelli magħhom, u b'hekk nipprova nsellem l-memorja tagħhom kif jixirqilhom u mill-aħjar li nista' u li naf.

Toni sirt nafu sew pjuttost riċenti, meta xi ħames snin ilu hu u jien dħalna flimkien fil-Kumitat Direttiv. Bniedem kwiet, kelma jqisha sew qabel ma jgħidha, dejjem meqjus f'għemilu, u qalbu tad-deheb. Maż-żmien sirt naf li Toni kien involut sew fil-każin minn qabel ma twelidt jien u għamel żmien idoqq il-klarinett mal-Banda Imperial, allavolja jien ma lħaqtux. Għal xi snin kien saħansitra jagħti daqqa t'id fit-tagħlim tal-mużika fil-każin, dejjem mill-aħjar li jista'. Imbagħad kien raġel tal-mestier, fuq ix-xogħol tal-ħadid ma tilgħablux. Kien ħadem diversi armi tal-każin fuq il-ħadid, xogħol mirqum u mill-isbaħ, waħda minnhom qiegħda tiddandan fuq il-bar tal-każin. Qaluli wkoll li kien ħadem fl-istruttura tal-ħadid tal-planċier l-antik tal-banda. Ngħidilkom is-sew, xi wħud mit-tfal ta' Toni kont nafhom qabel ma kont naf li huma t-tfal tiegħu, imbagħad darba ltqajna f'wieħed mill-festini li kien iħobb jagħmel hu u martu Ċensa fil-każin għall-okkażjoni tal-anniversarju tat-tieġ tagħhom. Meta konna niltaqgħu għas-seduta, kien ikun ftit minuti qabel u meta kont inlaħħaq nasal kmieni jien ukoll, kont nintefa' ftit bilqiegħda ħdejh ngħidu kelma. Daqqa naqbduha fuq il-banda, daqqa fuq l-għelieqi li kellu u daqqa fuq mitt ħaġa oħra. Dejjem bil-kwiet u dejjem bil-kalma, l-għaġla ma kinitx ħabiba tiegħu. Darba minnhom narah ġej fl-uffiċċju tas-segretarju qabel ma bdejna s-seduta b'borża tal-plastik u kaxxa fiha. Qalli "Din għalik", u jien għidtlu, "Biex ġej Ton?". Riħa taqsam ta' frawli friska mill-għalqa tiegħu, u




nistqarr magħkom li ma bgħattux lura biha! Toni mar jiltaqa' mal-Mulej nhar id-29 ta' Settembru 2019 fl-età ta' 87 sena.

Charlie 'iż-żgħir', għax kulħadd hekk kien jafu, sirt nafu ħafna snin ilu, ma niftakarx sew meta. Dan l-aħħar kien reġa' daħal membru fil-Kumitat Direttiv, għax kellu iktar ħin fuq idejh, imma l-ħin li kien jiddedika lill-każin qatt ma naqas matul is-snin. Niftakru dejjem jagħti daqqa t'id fejn kien ikun hemm bżonn, m'hemmx ħin jew ġurnata, iċċempillu u jara kif jagħmel biex jiġi ġirja jara kif jista' jgħin. Dejjem bil-pass imgħaġġel, l-għażż ma kienx jaf fejn joqgħod, raġel bieżel u ħabrieki, imma l-affarijiet kien jagħmilhom sew u bil-galbu. Imbagħad, xħin nillestu milli jkollna nagħmlu, inpoġġu bilqiegħda nieħdu flixkun birra flimkien. L-aqwa li x-xogħol ikun lest u jkun sar tajjeb. Minn dejjem kelli l-kurżità għalfejn kienu jgħidulu 'iż-żgħir', probabbli kont wieħed mill-ftit li ma kontx naf, imma qisni qatt ma kelli l-kuraġġ nistaqsih. Sakemm darba ġie d-diskors u ħadt ix-xoqqa f'moxtha. Sirt naf li meta kien għadu ġuvnott, fil-każin kien hemm tliet membri attivi sew li kien jisimhom Charlie, u hu kien l-iżgħar fosthom. Għad li kiber fl-età xorta baqa' ż-żgħir! Ftit qabel il-Milied tas-sena l-oħra kien fis-seba' sema għax kien sejjer l-Ingilterra fejn il-familja ta' martu Anne biex iqatta' l-Milied hemmhekk. Malli jiġi lura u jgħaddu l-festi tal-Ewwel tas-Sena, kellna diversi proġetti li ridna nkomplu naħdmu fuqhom u oħrajn biex nibdewhom. Imma ma kellux ikun. Lanqas fhimt sew x'kien qed jgħidli meta l-President tal-Għaqda ċempilli kmieni l-Ħadd filgħodu u beda jgħidli fuq xi inċident fejn l-ajruport li fih kien involut Charlie. Bħal sajjetta fil-bnazzi, Charlie għadda għall-ħajja ta' dejjem traġikament nhar it-28 ta' Diċembru 2019 fl-età ta' 67 sena.

Carmen kienet tista' tgħid ommi tal-każin; ovvjament flimkien ma' oħtha Vivie. Dejjem flimkien kont tarahom, sakemm Vivie ħallitna fl-2016. Imma naħseb li mhux lili biss kienu adottaw, speċjalment meta dak iż-żmien in-nisa li kienu jkunu regolarment il-każin kienu ftit. Carmen kienet mara dejjem ferreħija u kont tkun taf fejn qiegħed magħha. Lill-Għaqda kienet tħobbha bis-serjetà. Meta tkun ġejja xi okkażjoni kont taraha tmidd idejha għax-xogħol u tgħaqqad grupp ta' nisa oħra biex inaddfu fejn ikun hemm bżonn. Mhux l-ewwel darba li kienet tinqala' xi persuna importanti l-każin mingħajr mistennija, u jien kont inċemplilha fl-aħħar minuta, għax inkun insejt ngħidilha qabel, biex tiċċekkja li kollox hemm fl-aħjar kundizzjoni. Naħseb kien ikollha aptit tkellimni sew bil-Malti, u kien ikollha raġun





biex tbigħ, imma qatt ma qaltli xejn ħlief "Iva, sejra", u kienet tħalli kollox minn idejha u terħilha lejn il-każin. Serviet għal ħafna snin fil-Kumitat tan-Nisa, u kienet l-ewwel mara li daħlet fil-Kumitat Direttiv tal-Għaqda tagħna, fi żmien meta nisa fil-kumitati tal-każini f'Malta u Għawdex kont tgħoddhom fuq is-swaba ta' id waħda. Ċert li fil-lista tal-prijoritajiet tagħha, wara żewġha Frans u l-familja tagħhom, il-Każin kien ta' fuq nett u kważi tgħid li għexet ħajjitha kollha għal u fil-każin. Fil-festi tal-Milied u tal-Għid kienet tħobb tagħmel il-ħelu tradizzjonali, u kien jiġiha tajjeb għax ħafna drabi kienet iddewwaqni minn dak li tkun għamlet. U naħseb li fuq il-ħelu konna qed nitkellmu l-każin madwar mejda b'kikkra te quddiemha, ftit wara l-funeral ta' Charlie, ftit sigħat qabel ħallietna ħabta u sabta biex tmur tiltaqa' m'oħtha Vivie għand il-Mulej. Kien nhar l-4 ta' Jannar 2020 fl-età ta' 71 sena.

Is-soċjetà inġenerali ħadet ħafna mingħand Toni, Charlie u Carmen, u mingħand il-bosta nies oħra li bħalhom taw il-kontribut volontarju tagħhom fil-komunità, u ta' dan għandna għalfejn nirringrazzjawhom. L-Għaqda Mużikali Imperial kompliet timxi 'l quddiem matul is-snin għax kienet u għadha mogħnija b'nies bħal dawn li ħadmu u għadhom jaħdmu qatigħ b'risq l-għanijiet li għalihom kienet imwaqqfa l-Għaqda tagħna disgħin sena ilu. Għalhekk l-Għaqda Mużikali Imperial, li huma tant kienu jħobbu minn qalbhom, tathom l-aħħar tislima minn qalbha u minn qalb il-membri kollha billi akkumpanjat waqt il-funeral tagħhom. Dan ukoll bħala ġest żgħir ta' apprezzament lejn il-familjari tagħhom li min jaf kemm -il darba ċċaħħdu minnhom sabiex huma setgħu jaħdmu fi ħdan l-Għaqda tagħna.

Personalment, ninsab ferm grat u onorat li kont naf li dawn it-tlett iħbieb u kollegi, li flimkien ma' ħafna nies oħra għallmuni immens. It-tagħlim li ħadt mingħandhom ma tieħdu qatt minn fuq il-bank tal-iskola, jew minn fuq il-kotba. Tagħlim bil-fatti u mhux bid-diskors biss ta' kif tgħix f'għaqda u ta' kif taħdem għal interess komuni u mhux dak personali. Toni, Charlie u Carmen dan il-prinċipju ta' solidarjetà u volontarjat ħaddnuh u għexuh fil-prattika.

Il-Mulej jagħtihom il-mistrieħ ta' dejjem kif tassew jixirqilhom u jagħti s-sabar lill-familji tagħhom.



*Apprezzament*

# Mro Joseph N. Sammut (1941 -2020)

**Mro Anthony Borg**



It-telfa ta' xi ħadd li tkun taf, huwa mument ta' diqa, imma meta titlef lil xi ħadd li tkun ilek tafu snin twal, li ssibu qrib tiegħek, onest u ġenwin fil-ħsibijiet u l-pariri tiegħu, u li dejjem xtaqlek il-ġid daqs kemm xtaq lilu nnifsu jekk mhux aktar, id-diqa tat-telfa tkun ħafna u ħafna aktar. B'dan il-ħsieb nixtieq li nsellem il-memorja tas-Surmast Joseph Nazzareno Sammut.

L-ewwel darba li ltqajt miegħu kien 'il fuq minn erbgħin sena ilu meta kont mort kunċert flimkien ma' missieri mal-Banda San Pio X ta' Ħal Lija. Niftakar tant tajjeb l-intruduzzjoni ta' missieri, Alla jaħfirlu, *"dan huwa s-Surmast J.N. Sammut li kiteb il-marċ numru ... li għandna (il-Banda Imperial) fis-sett tal-marċi ta' din is-sena."* Wara numru ta' snin erġajna ltqajna meta dħalt indoqq it-trumbetta mal-Kor u Orkestra Maria Bambina fejn Mro Sammut kien idoqq ukoll it-tuba. Ftit taż-żmien wara li dħalt mal-Kor u Orkestra Maria Bambina, Ronnie Sultana bil-mod tipiku tiegħu, beda jħeġġiġni biex inkompli bl-istudji mużikali tiegħi u kien kellem lil missieri biex mill-aktar fis nibda nieħu l-lezzjonijiet tat-teorija mas-Surmast Sammut. Kien il-bidu ta' ħbiberija ġenwina mas-Surmast Sammut ta' madwar erbgħin sena.

Niftakar tajjeb meta flimkien ma' ħafna oħrajn, tani l-kuraġġ meħtieġ biex inkompli ndoqq u nistudja l-mużika f'mument diffiċli meta ġie nieqes missieri għal għarrieda. Ħeġġiġni u inkoraġġieni biex ningħaqad bħala mużiċist mal-Soc. Fil. Nazionale La Valette, dak iż-żmien taħt Mro Joseph Sammut (surmast bravu u ddixxiplinat ħafna) biex nikseb esperjenza kemm bħala mużiċista kif ukoll fid-direzzjoni. Kien huwa li tani l-ewwel esperjenza, u bħali lil mużiċisti żgħażagħ oħra Melleħin fit-tieni nofs tas-snin tmenin, li ndoqqu *f'ensemble* bit-twaqqif *Brass Quintet* u aktar tard bil-*Brass Ensemble*. Ma kinitx faċli għalih li jagħmel l-arranġamenti kollha huwa. Xogħol li ħadlu ħafna ħin u enerġija imma li għamlu bil-qalb.

Niftakar meta ġejt mitlub biex inkun għalliem tar-ram u Assistent Surmast mal-Banda Imperial u aktar tard Surmast tal-istess banda, u tant ieħor meta nħtart għalliem u aktar tard Direttur Mużikali tal-Banda Prekursur tax-Xewkija Għawdex, kont tlabt il-parir tiegħu fost ta' oħrajn. Nistqarr li mhux biss inkoraġġieni, imma offrieli kull għajnuna li jista' jagħtini. Ma kienx diskors fieragħ jew għal kirjanza, tant li kien jiġi jarani nidderieġi programmi mużikali u wara dejjem jagħtini l-opinjoni tiegħu. Meta kien jinduna li kwazi nkun qed negħreq bix-xogħol, minn jeddu kien jiġi u joffrili l-għajnuna, l-aktar jagħmilli l-kopji tal-mużika. Kellu kitba pulita u sabiħa. Qatt ma smajt l-ebda bandist igerger fuq il-kitba tiegħu.

Qattajna sigħat twal niddiskutu suġġetti dwar il-mużika, waqt li nkunu sejrin għall-provi jew servizzi, kemm bil-karozza jew waqt it-



***L-awtur flimkien mal-preżentatur ta' 'Marċifest' Daniel Vella u s-Surmast Sammut (Ritratt: Daniel Vella)***

traġitt bejn Malta u Għawdex. Kien hemm waqtiet li qbilna u waqtiet oħra li ma qbilniex u ġieli argumentajna wkoll, imma dejjem irrispettajna l-opinjoni ta' xulxin. Membri tal-Kumitat u bandisti tal-baned li tagħhom kien Surmast Direttur, jiġifieri tal-Banda San Ġużepp ta' Għajnsielem, Għawdex, u dik ta' Marija Reġina tal-Marsa, ġieli tarrfuli kemm kien jieħu x-xogħol bis-serjetà. Niftakru waqt il-lezzjoni b'daqqa ġentili tipikament tiegħu fuq il-kustilji tal-lemin, jwissini li kulma nagħmel irrid nagħmlu sew, inkella aħjar ma nagħmel xejn. Kien jgħidli li din kienet waħda mill-ħafna tagħlimiet li ħa mingħand il-Brothers ta' De La Salle u mid-*Dockyard School* fiż-żmien it-Tarzna tal-Ammirall.

Minbarra li kien Surmast Direttur ta' żewġ baned u dderieġa kemm -il darba il-Banda tat-Tarzna (fejn kien jaħdem), is-Surmast Sammut kiteb għadd ta' xogħlijiet mużikali, l-aktar kompożizzjonijiet għall-banda. Hemm minnhom diġà ġew esegwiti minn diversi baned waqt li hemm għadd ieħor li għadhom qatt ma nstemgħu. Forsi ftit huwa magħruf li is-Surmast Sammut kien idoqq strumenti oħra minbarra it-tuba. Kien idoqq il-pjanu u l-kitarra, tant li għal numru ta' snin huwa kien membru tal-grupp *'Gira Sole'* .

Għal snin twal is-Surmast Sammut għallem il-mużika lil għadd kbir ta' studenti, kemm fil-każini tal-banda fejn huwa serva kemm bħala Assistent Direttur Mużikali u Direttur Mużikali, kif ukoll privatament. It-tagħlim tal-mużika kien għal qalbu wisq. Kien jagħmel sigħat twal jgħallem il-mużika kemm fil-każini u kemm privat. Kellu paċenzja enormi. Qatt ma għamel għall-flus, imma l-interess tiegħu kien li kull student jimxi 'l quddiem. Kien ikun kburi immens meta jara l-istudenti tiegħu jirnexxu. Fost l-aħħar studenti li għallem kien hemm it-tifel tiegħi u n-neputi tiegħu Samuel. Wiċċu kien jixgħel meta kien jarah idoqq it-trumbun, waqt li b'nofs ċajta dejjem kien itarraflu kelma ta' ġid.

Bħal kull wieħed minna li għażilna karriera mużkali, is-Surmast Sammut fil-karriera mużikali tiegħu, iffaċċja sfidi, kellu għadd ta' suċċessi kif ukoll diżappunti. Wara kollox din hija l-verità ta' kull wieħed minna, li aħna involuti f'dan il-mestier. Għalkemm is-Surmast Sammut għadda għal ħajja aħjar nhar l-4 ta' Marzu 2020, għadna lkoll ngawdu mill-ħidma mużikali tiegħu. Uħud mill-mużiċisti li huma involuti fit-tliet għaqdiet mużikali Melleħin, flimkien ma' oħrajn kemm Melleħin u kemm mhumiex, jafu l-karriera mużikali tagħhom lis-Surmast Sammut.

Għalhekk kienet xierqa t-tislima li ngħatatlu waqt il-funeral tiegħu. Din it-tislima kienet wirja ta' apprezzament ta' dak kollu li s-Surmast Sammut għamel fil-qasam mużikali matul ħajtu, miegħi l-ewwel wieħed. Ta' dan jiena grat ħafna u ħafna lejh.

Il-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem.

ALKOVA
SHOES FOR ALL THE FAMILY
SELECTION OF HANDBAGS
Opening Hours
Monday to Saturday 9.30am - 1.30pm & 4.00pm - 8.00pm
Ġorġ Borg Olivier Street, Mellieħa
Tel: 2152 1211 Mob: 7992 3060




General Contractors • Civil Engineering Work
• Building Components Manufacturers
• Sand – Spalls – Torba – Soil
• Ready Mix Concrete

CARMEL VELLA LIMITED

CENTRAL ASPHALT LIMITED

Labour Ave., Naxxar NXR 9027, Malta • Tel: 2141 2061, 2141 2469 • Fax: 2143 7067 • E-mail: info@centralasphaltltd.com

# Wheelchair Dancing and COVID-19

Pippa Roberts

Wheelchair dancing has been affected by the COVID-19 virus, as the athletes are in the high-risk category and also due to the fact that it is a contact sport. Steve, who is the main dancer in this sport, is practicing at home improving on his ability with the wheelchair and working on his own individual training, including body work.

The bi-annual Malta Open Dance Spectacular which was due to be held at the end of November 2019 has been postponed until it is safe to welcome all dancers to Malta. So, the MWDA have been busy looking for ways to stay active and keep contact with other dancers who normally attend the event via Facebook and Zoom.

Staying positive is the way to beat the virus and we look forward to welcoming people to this fantastic sport in the future. It is a sport/hobby which is very important for socialising. Young people who end in a wheelchair after an illness, married people who may end up with mobility problems due to an accident, or even older couples who might need walking aides, can still enjoy a social hobby together. At the last Malta Open Dance Spectacular, we also included blind dancers, and this shows that dancing is for all. It has been proven that dancing is something you can do "forever", keeping you healthy as well as keeping spirits uplifted. Ask



Steve, he is living proof. Even though this year all competitions got cancelled we hope that we can start again next year.

For more information, you can contact
the MWDA Secretary Steve Fenech at:
[maltawda@yahoo.co.uk](mailto:maltawda@yahoo.co.uk)
or on the facebook page
[https://www.facebook.com/maltawda](https://www.facebook.com/maltawda)




## From design to delivery

**BEST**

**Print** CO. LTD

OFFSET AND DIGITAL PRINTERS

DESIGN • DIGITAL PRINTING • OFFSET PRINTING

Żurrieq Road, Qrendi QRD 1814 | Tel: 2168 0789 | 2164 9012 | Mob: 9925 9084 | 9949 9084
E-mail: bestprintqrendi@gmail.com | www.bestprintmalta.com

# Il-volontarjat preġju soċjali fil-komunità Melleħija

**Onor. Clayton Bartolo**
*Segretarju Parlamentari għas-Servizzi Finanzjarji u l-Ekonomija Diġitali*



L-Għaqda Mużikali Imperial hija parti integrali mill-komunità Melleħija. Hija għaqda mużikali li matul iż-żminijiet irnexxielha tikkontribwixxi bil-kbir biex isem il-Mellieħa jkompli tiela 'l fuq fejn jidħol il-qasam kulturali.

Ilkoll naqblu li qatt daqs din is-sena m'aħna napprezzaw it-tradizzjonijiet u l-festi marbutin mal-patruna tagħna Marija Bambina. Nifhmu li din il-pandemija ġabet magħha sfidi kbar għall-poplu u għas-soċjetajiet mużikali.

Anke f'dawn iż-żminijiet ta' sfida, l-Għaqda Mużikali Imperial ma naqsitx mill-ħidma tagħha u dan għandu jkompli jimla lil din is-soċjetà mużikali b'iżjed kuraġġ għaż-żmien li ġej.

Għalija l-volontarjat dejjem kien preġju soċjali fil-komunità tagħna. In-nies tal-każin jagħmlu xogħol imprezzabbli mingħajr daqq ta' trombi. Nemmen bis-sħiħ li mingħajr dawn il-persuni l-lokalità tagħna kienet tkun differenti.

Għalhekk, irrid nirringrazzja lill-President u l-Kumitat, is-surmast u l-bandisti u l-membri tal-Għaqda Mużikali Imperial għax-xogħol u l-appoġġ tagħhom b'risq il-Mellieħa f'dawn l-aħħar xhur fost l-aktar ibsin li qatt ħabbat wiċċu magħhom pajjiżna.

Nieħu din l-okkażjoni biex nawgura l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha.

Anke jekk din is-sena differenti, Marija Bambina tibqa' f'qalbna ma' kull għodwa li nisbħu taħt is-Santwarju tagħha.

Viva Marija Bambina!



# The Veggie Truck

**Mobile Fruit And Veg Specializing in the very best local and imported produce**

*David Vella (Owner)*
*9962 9372 / 9965 7483*

*Delivery Service Available*
*jovella1@gmail.com*



# C. Vella & Sons Ltd.

your one stop shop for cigarettes, cigars, tobacco, confectionery, wines and spirits in the heart of Mellieha

George Borg Olivier Street Mellieha • Tel: 21520883 • Mob: 99498855 • cvellasons@gmail.com

# Il Bagno

*We offer a selection of wall and floor tiles in different sizes, starting from €7.50 per meter.*
*We also have mirrors, bathroom cabinets, Grohe mixers & fittings, water heaters, etc...*
*Clearance sale on various bathrooms accessories like, shower cubicles, cabinets, mirrors & more...*

**For more information visit our showroom at**
**37, Main Street, Mellieħa or call us on 2152 4585 or 7986 5292**

# L-għaqda

**Onor. Evarist Bartolo**
*Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej*

Għeżież sħabi, ħbieb tiegħi Melliħin, din is-sena qed nikteb dawn il-kelmtejn fi żmien meta l-pandemija ħarbtet il-pjanijiet mhux biss tagħna, iżda tal-irħula u l-ibliet madwar id-dinja kollha. Iżda l-messaġġ tiegħi jibqa' l-istess – wieħed ta' għaqda fost il-komunità sabiħa tal-Mellieħa. Huwa proprju f'dan iż-żmien li tbegħidna minn xulxin li għarafna kemm hu importanti li nkunu magħqudin. Bħal masġar bis-siġar differenti minn xulxin, iżda bl-għeruq tagħhom kobba ta' faraġ għal xulxin, lesti għal kull maltemp u sfida. Hekk għandna nkunu ma' xulxin, mhux l-inqas f'dan iż-żmien tal-festa li minkejja mhux bħas-soltu, se niċċelebraw xorta waħda kif jixraq lil din il-parroċċa.

Nieħu din l-opportunità biex insellem u nirringrazzja lill-voluntiera li ta' kull sena, b'impenn u dedikazzjoni eżemplari, iżejnu triqatna u jdawlu s-smewwiet bi lwien li jferrħu l-qlub. Ferħ li naqsam magħkom waqt li minn qalbi nawguralkom ilkoll il-festa t-tajba!

aġenzija żgħażagħ

L-Għaqda Mużikali Imperial tilqa' applikazzjonijiet għat-tagħlim tal-mużika mingħajr ħlas f'dawn il-kategoriji:

- Teorija tal-Mużika
- Strumenti tal-Injam
- Strumenti tar-Ramm
- Strumenti tal-Perkussjoni

Email: **info@imperialbandclub.com**


Pâtisserie
Bakers & Caterers Ltd.
WE ACCEPT ORDERS FOR ANY SPECIAL OCCASION CAKES
OUTSIDE CATERING
HOT SNACKS & CREAM CAKES
FRESHLY BAKED BREAD DAILY
MAIN STREET, MELLIEHA MLH 2315
T: 2152 0920 / 2152 3920

*Proġett fl-iskema*

# Finanzjament għall-Ħidma fil-Każini tal-Banda

## Restawr tal-istandard u tal-kopertini tal-mużika






Din l-iskema kienet amministrata mill-**Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda** u l-**Kunsill Malti għall-Arti**.

GĦAQDA KAŻINI TAL-BANDA

ARTS COUNCIL MALTA



# IFFRANKA IŻJED BIL-KARTA ANZJAN!

**KELLEM LILL-*CUSTOMER CARE* GĦAL AKTAR INFORMAZZJONI**




60+

*Il-festa t-tajba!*

valyou

SUPERMARKETS

*your home for fresh*



**NAXXAR OPENING HOURS**
**DAILY** 7.30AM - 8.00PM
**FRIDAYS** 7.30AM - 9.00PM
**SATURDAYS** 7.30AM - 8.00PM
**SUNDAYS** 9.00AM - 5.00PM

**MELLIEHA OPENING HOURS**
**DAILY** 7.30AM - 8.00PM
**SATURDAYS** 7.00AM - 8.00PM
**SUNDAYS** 8.00AM - 6.00PM

**PENDERGARDENS OPENING HOURS**
**DAILY** 8.30AM - 10.00PM
**SUNDAYS** 9.00AM - 9.00PM

/ValyouSupermarkets

valyou.com.mt

# Summer of ’61

**Joseph Felix Cachia**

“Ġuż, nannuk marid ħafna. Mhux ta’ min iħallih waħdu. Xi ħadd irid joqgħod miegħu”, qaltli ommi. “Allura x’nista’ nagħmel jien? M’iniex tabib!” weġibtha.

“Jeħtieġ li xi ħadd minna jmur jorqod hemm”.

“M’hemmx iz-zija Gerit?” għedtilha.

“Le, għax dik tkun trid toqgħod miegħu u xi ħadd irid jgħidilna jekk jinqala’ xi ħaġa.”

Dak iż-żmien fl-1961, lanqas kurrent elettriku ma kellhom ir-razzett tan-nannu, Ġamri ta’ Feliċ tan-Nar! Aħseb u ara telefown! Insomma, weġibtha iva la kont il-kbir u minkejja li kelli l-eżamijiet tal-O Levels ġejjin.



***Ir-razzett ta' Ġamri ta' Feliċ***



***Il-kċina u l-bejt fejn kont norqod***

Peress li ommi kellha tliet ħutha oħrajn hawn Malta, kont bdejt immur darba kull erbat ijiem, però ma domtx ma kelli nibda mmur darba iva u darba le. Dan għaliex iz-ziju Salvu ma tantx seta’ jibqa’ jmur hu u offra li jagħtini xi ħaġa jekk nagħmillu xi xift jien. Xelin kien ħafna flus dak iż-żmien u l-istudenti ma kellhomx ħlas, lanqas.

Minbarra l-istudji u l-eżamijiet imminenti, jien kont ukoll attiv ħafna fil-Youth Association tal-Mellieħa Sports Club. Kont segretarju u ħlief għal lejlet l-eżami kont indum il-każin sat-tard. Karozza ma kellniex. Rota qatt ma tgħallimt insuq; allura kont nimxiha minn Snajjin sa Selmun. Dak iż-żmien il-Mellieħa kienet tintemm mad-dar ta’ Wenzu tal-Ġir u jien kelli żewġ toroq imnejn nagħżel.

L-iqsar kienet minn fuq il-Qigħan għal tal-Ibraġ, il-Latnija u l-Ħawwiexa. Imma din kienet triq tal-karettuni u għalhekk mudlama. Kien hemm ukoll il-bir fejn kienet saret traġedja meta bodbod kien ta daqqa ta’ ras lil tifel ragħaj u tefgħu fil-bir. Allura kont nevitaha.

L-oħra kienet li niġbed lejn il-Migduma u nitla’ mit-triq il-qadima lejn Ta’ Ġgejna; imbagħad nimxi mat-triq li sserrep lejn il-Palazz. Din kienet ferm iktar komda peress li bil-qatran. Jerġa’, fid-dawl tal-qamar, kemm kont nieħu gost nara x-Xagħra tal-Għansar, u l-Masġar tal-Miżieb faċċata, jien u nimxi lejn Ta’ Żakkew.



***Tlugħ ix-xemx minn wara l-Palazz***

Id-dlam ma kienx jinkwetani. Karozzi ftit li xejn kont tara. Bħala kumpanija, kelli biċċa transistor radio Sony. Ġieli kont nisma' d-diski pop minn fuq Radio Luxemburg. Imma l-hena tiegħi kienet li naqleb bejn Radio Moscow u l-Wheelies Air Base (Stazzjon tal-Airforce, Amerikan) mil-Libja. Kien hemm il-famuża kriżi ta' Kuba u mnalla kien hemm Kennedy li evita t-Tielet Gwerra Dinjija. Kont nisma' ż-żewġ naħat mingħajr l-indħil, u ċ-ċensura, li kellna f'Malta mir-Redifussion.

Malli nasal fir-razzett, l-ewwel nittawwal ftit lin-nannu, biex wara nidħol fil-kamra l-kbira fejn nintasab nistudja bil-lampa tal-pitrolju. Imbagħad, nimtedd fuq is-sodda biex norqod. Għall-ewwel li kont immur, imma, konna noqogħdu għall-frisk fil-bitħa u ngħidu r-rużarju, bil-Litanija b'Latin imkisser. Kemm-il darba żammejt lura milli ninfaqa' bid-daħk, meta nisma' 'Stilla Matutina', 'Turri Iburnja', 'Salvus Infirmorum', eċċ.

Fl-iljieli sħan ta' Lulju u Awwissu kont nitfa' kutra mas-siment tal-bitħa li kien hemm bejn il-kmamar. Għadni sal-lum nisma' liz-zija Gerit twissini li "Għad jiekluk il-ġrieden" jew "Tibla' xi wirdiena".

Għalhekk, biex neħles mit-tgergir (kif ukoll għax kien ikun hemm iktar frisk u kelli veduta ferm isbaħ), bdejt nitla' fuq il-bejt l-iktar għoli. Biex nagħmel hekk, ridt nitla' bis-sellum, l-ewwel fuq il-bejt tal-kċina, u wara nimxi lejn it-tielet kamra. Din kienet fil-rokna u tħares lejn tliet toroq. Minn fuq il-bejt kien jidher sew ukoll San Pawl il-Baħar, u d-dwal tas-Sirens. Dak iż-żmien, hemmhekk kienet il-mekka taż-żgħażagħ, minħabba il-jukebox. Ġieli kont anke nisma' l-ħoss ta' xi diski, u iktar nixxennaq li kont ninsab hemmhekk u mhux f'Selmun.

Iktar minn hekk, kont nimtedd b'wiċċi jħares lejn il-Palazz, u fil-għodu kienet tqajjimni x-xemx, tiela' minn wara l-kampnar tal-Palazz.

Jien kont bdejt ninteressa ruħi fl-astronomija u l-hena tiegħi kienet li nagħraf il-pjaneti, l-istilla Polaris, il-Minġel, u xi kostellazzjoniet oħrajn. Kienet ukoll tidher ċarissima t-Triq ta' Sant'Anna, peress li ma kienx hemm dwal xi jtellfu.

Xi gidma ta' nemusa ma kinitx tonqos. Ziti issa dawret id-diska għal "Ara jtik xi ħmar il-lejl", jew "Jiġu għalik tas-setta". Qatt ma nkwetajt fuqhom, u dejjem qomt maż-żerniq, b'xi serduk jidden. Imbagħad tibda tisma' xi żiemel jiżher, jew xi karettun irambal mat-triq, f'dik il-kantuniera li kienet miksija bil-konkos. Xi kelb jinbaħ ma kienx jonqos li jsemma' leħnu biex jara li jien ma nitgħażżinx!

Wara li ninżel minn hemm fuq, kont naħsel wiċċi fuq fuq, ġo friskatur tal-enamel imqiegħed ġo trepied tal-ħadid. Nixrob tazza kafè iswed li ziti kienet tlestili, mill-misħun ta' stanjata blu, mgħolli fuq il-kuċiniera Valor, u nitlaq lejn id-dar. Meta ma kontx inkun mgħaġġel, kont nidħol fil-Kappella tal-Madonna tal-Mercedes (Ħniena) fil-Palazz u nisma' l-quddiesa ta' Dun Ġużepp.

Imbagħad ġirja lejn il-Ħawwiexa biex insaqqi t-tadam jew niekol xi ftit bajtar ta' San Ġwann, frisk, maħsul min-nida. Dik tjubija! Imma jekk kien ikolli xi eżami, ġirja waħda lejn id-dar minn taħt ix-Xagħra ta' Għekek. Hemm ninħasel aħjar, inbiddel u fis-7.00 naqbad tal-linja lejn il-Belt u s-Sala tan-Knightshall.



***It-telgħa mil-Latnija tal-Hawwiexa lejn il-Palazz***

Insomma, hekk qattajthom l-iljieli tas-sajf, u ftit mill-ewwel jiem t'Ottubru meta bdejt is-Sixth Form. In-nannu mar għall-agħar u ma ħallewnix immur iktar. Ma tantx dam ibati u mar jiltaqa' mal-Mulej nhar l-20 ta' Novembru tal-1961.

Nannuwi telaq minn dan il-wied tad-dmugħ biex ingħaqad man-nanna li kienet mietet għoxrin sena qablu, fis-6 ta' Diċembru tal-1941. Rigal mistħoqq tat-tbatija li bata biex rabba familja ta' disgħa. Lili ħallieli wirt kbir, l-imħabba lejn in-natura. Lill-poplu Malti ħallielhom ir-razzett li llum sar Ċentru tal-Viżitaturi biswit il-Palazz ta' Selmun. Għalija tassew li kienu "*the best days of my life*".



***Id-dwal ta' San Pawl il-Baħar u s-Sirens, kif jidhru mir-razzett***




FOSSIL
FOSSIL
FOSSIL
HERBIES
JEWELLERY LTD.
44, Triq Gorg Borg Olivier, Mellieha Tel: 21525906 www.herbiesmalta.com


ALLNEEDS THE D.I.Y. STORE
ALLNEEDS
IRONMONGERY
19, St.Anne Street,Mellieħa
Tel: 21521167
www.allneeds.com.mt



# L-Imqaddsa Verġni Marija Omm Alla fil-Misteru ta' Kristu u tal-Knisja

## mill-Konċilju Vatikan it-Tieni

**Mons. Mosè Debono**

### Il-Verġni Mqaddsa fil-Misteru ta' Kristu

**52.** Alla, tal-akbar tjubija u tal-ogħla għerf, ried illi jtemm il-fidwa tad-dinja, u għalhekk, "meta waslet il-milja taż-żminijiet, bagħat lil ibnu, imwieled minn mara… biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied" (Galatin 4.4-5). Għalina l-bnedmin u għal-fidwa tagħna, niżel mis-smewwiet u ħa l-ġisem bis-setgħa tal-Ispirtu s-Santu minn Marija verġni". Dan il-misteru ta' salvazzjoni kien irrevelat lilna u jitkompla fil-Knisja, li l-Mulej għamilha Ġismu, u li fiha l-fidili kollha, f'għaqda ma' Kristu, ir-Ras tagħhom, u f'xirka mal-Qaddisin kollha, għandhom iqimu, qabel kollox, lill-Glorjuża dejjem Verġni Marija, Omma Alla u Sidna Ġesù Kristu.

### Marija u l-Knisja

**53.** Infatti, il-Verġni Marija, li mat-tħabbira tal-Anġlu, laqgħet f'qalbha u f'ġisimha l-Verb ta' Alla, u tat il-ħajja lid-dinja, hija magħrufa u meqjusa, bħala vera Omm ta' Alla u tal-Feddej. Mifdija b'mod iżjed sublimi minħabba l-merti ta' binha, u magħquda miegħu b'rabta qawwija li ma tinħallx. Il-Verġni Marija kienet mogħnija bir-responsabbiltà u bid-dinjità ta' Omm l-Iben ta' Alla. Għalhekk hija l-Bint l-aktar maħbuba tal-Missier, u s-Santwarju tal-Ispirtu s-Santu. Bl-għoti ta' din il-grazzja, hekk kbira, hija tiżboq bil-ħafna lill-kreaturi l-oħra kollha – fis-sema u fl-art. Fl-istess ħin hija tinsab magħquda, min-nisel ta' Adam, mal-bnedmin kollha (ta' Kristu) … "għaliex hija kkoperat bl-imħabba tagħha għat-twelid fil-Knisja tal-Insara li huma membri tal-istess Ras". Huwa għalhekk illi hi magħrufa bħala Membru għoli u singulari, u bħala x-Xbieha u l-Mudell tagħha l-aktar perfett fil-fidi u l-karità. Mgħallma mill-Ispirtu s-Santu b'sentimenti ta' mħabba ta' Bint, il-Knisja Kattolika tqimha bħala Omm l-aktar maħbuba.

### L-Intenzjoni tal-Konċilju

**54.** Għalhekk, il-Konċilju Mqaddes, waqt li qiegħed jesprimi t-tagħlim dwar il-Knisja li biha l-Feddej Divin iħaddem is-salvazzjoni, irid b'mod xieraq, ifisser x'kien is-sehem tal-Verġni Mqaddsa fil-misteru tal-Verb magħmul Bniedem u tal-Ġisem Mistiku, u x'inhuma d-dmirijiet tal-bnedmin mifdija lejn Omm Alla, Omm Kristu u Omm il-bnedmin u, fuq kollox, Omm il-fidili. Iżda l-Konċilju, m'għandux ħsieb jagħti tagħlim sħiħ dwar Marija, u lanqas irid jaqta' l-kwistjonijiet li l-istudji teoloġiċi għad ma waslux biex jitfgħu dawl sħiħ fuqhom. Bid-dritt kollu, għalhekk, jistgħu jibqgħu jinżammu dawk l-opinjonijiet li huma mgħallma bil-libertà kollha fl-iskejjel Kattoliċi, dwar dik li fil-Knisja Mqaddsa tokkupa, wara Kristu, il-post l-aktar għoli, u fl-istess ħin, l-aktar qrib lejna.

**Ningħaqdu mad-Dinja kollha ħalli nagħtu qima lill-**

**IMQADDSA VERĠNI MARIJA**

**f'għeluq sninha nhar it-8 ta' Settembru.**

**Agħtiha r-Rużarju bħala rigal**

**"Mur u pprietka r-Rużarju u l-għadu ta' kull ġid jiġi mirbuħ."** - il-Madonna lil San Duminku

**"Wieħed mill-mezzi l-iżjed tajba biex naslu li nbiddlu ħajjitna m'huwiex ħaġa oħra ħlief ir-reċita tar-Rużarju."** - Papa Ljun XIII

# DINGLI BUTCHER

67, P. P. Magri Street,
Mellieħa

**Tel: 2152 3588**

**Specialising in
Maltese & European Fresh Meat,
Marinated Meats and Poultry,
Fresh made Kebabs,
Home Made Sausages & Burgers,
Local Fresh Rabbits**

***Opening Hours:***

| | |
|---|---|
| Mon / Tues | 07.00am till 12.30pm |
| Wed / Thurs / Fri | 07.00am till 12.30pm |
| | 03.30pm till 06.30pm |
| Saturday | 07.00am till 01.00pm |

***Free Delivery***

# TONY'S BAKERY

***Triq il-Madonna Tal-Għar,
Il-Mellieħa MLH 1174 - Malta***

***Tel: 2152 3432
Mob: 9945 1519
99451514***

Jixtieq lill-klijenti u 'l-Melleħin
kollha l-Festa t-Tajba

# ta' titta
## confectionery

152, Triq il-Mitħna l-Ġdida
Mellieħa

Mob: 79366078



# DAINTY
CLOTHING & FOOTWEAR

85, G. Borg Olivier Street
Mellieha
Malta

**Tel.: 21523538**

***We accept one4all gift vouchers***

adidas RIP CURL

SCOTCH & SODA
AMSTERDAM COUTURE

TIMEZONE

# Festa li ser tibqa' mmarkata fl-istorja tagħna

**Christopher Bartolo**
*Sagristan*

Il-festa ta' din is-sena 2020 żgur li ser inkunu niffesteġjawha u ngħixuha b'mod differenti minn snin oħra. Dan għaliex aħna ma nistgħux nagħmlu festa bħas-soltu minħabba r-restrizzjonijiet u l-prekawzjonijiet mitlubin mill-awtoritajiet tas-saħħa għall-ġid tagħna u ta' dawk ta' madwarna.

Bħal kull festa oħra li tkun iċċelebrata fl-istaġun tal-festi, il-komunità Melleħija ser tiċċelebra nhar it-8 ta' Settembru l-festa titulari tal-Bambina – festa li ilha tkun iċċelebrata minn żmien il-qedem minn missirijietna u l-antenati tagħna b'ħafna ferħ iżda fil-kwiet u b'ħafna maturità. Għalhekk, hija ħaġa xierqa li anke llum, il-poplu Mellieħi tal-lum għandu jkompli jiċċelebra t-twelid tal-Verġni Marija Omm Alla bir-rispett, paċenzja, responsabiltà u trankwillità. B'hekk inkunu qegħdin nagħmlu festa li tagħmlilna ġieħ u b'ħafna valuri bħala komunità Nisranija.

Malli wieħed jidħol fil-knisja, wara l-artal maġġur, wieħed jista' jara kwadru b'pittura mill-isbaħ tal-pittur Ġużeppi Calì. Fil-parti ta' fuq tal-kwadru naraw il-figuri ta' Sant'Anna bil-Madonna ċkejkna f'idejha u San Ġwakkin, waqt li fil-parti t'isfel tal-kwadru naraw ir-rebħa tal-Maltin fuq il-Misilmin fl-Assedju l-Kbir. Ftit 'il fuq minn dan il-kwadru – eżattament fuq iċ-ċinta tal-kor biswit l-apsidè, naraw minquxa fil-ġebla bajdanija Melleħija l-kliem "It-Twelid Tiegħek Verġni Marija ferraħ id-dinja". Hekk hu! Bla ebda dubju, dan il-ferħ aħna l-Melleħin inħossuh kull sena meta niċċelebraw dan it-twelid qaddis tal-Verġni Mqaddsa.

Fil-festa tagħna, il-Knisja dejjem tat ħafna importanza l-aspett liturġiku. Għalhekk, minn xhur qabel, l-Arċipriet flimkien mal-kleru, il-Kunsill Parrokkjali u l-Kummissjoni Liturġija jiltaqgħu biex ifasslu u jippjanaw il-funzjonijiet kollha li jkunu se jsiru matul il-ġranet tal-festa fil-knisja. Xi ħaġa partikulari għall-festa tagħna hija li l-ewwel parti tal-purċissjoni tkun waħda devozzjonali. Fl-1973, il-mibki eks kappillan Mons. Ġużeppi Schembri kien xtaq u ġietu l-idea li malli l-purċissjoni tasal ħdejn is-Santwarju tal-Madonna, il-kleru jidħol fis-Santwarju għal ftit ħin ta' talb. Wara titkompla l-purċissjoni u jingħadu t-talba tar-Ružarju u xi riflessjonijiet adatti għall-festa tagħna. Għall-grazzja t'Alla, minn dik is-sena sal-lum għadna naraw ħafna nies, fosthom ħafna familji, jieħdu sehem fil-purċissjoni wara x-xbieha tal-Verġni Mqaddsa.

It-tieni parti tal-purċissjoni tibda meta din tasal fil-pjazza tal-knisja. Fil-pjazza, l-istatwa tal-Bambina tieqaf quddiem iż-żewġ każini tal-banda għall-eżekuzzjoni taż-żewġ innijiet mill-isbaħ f'ġieħ il-Verġni Mqaddsa. Quddiem il-każin tal-Banda Imperial jindaqq l-innu miktub mis-Surmast Vincenzo Ciappara u lirika ta' Nicola Biancardi, waqt li quddiem il-każin tal-Banda La Vittoria jindaqq l-innu miktub mis-Surmast William Attard u lirika tal-Avukat Ġorġ Żammit. Wara, il-purċissjoni titkompla lejn il-knisja fejn isir xi talb u kant fuq iz-zuntier qabel mal-istatwa tidħol lura fil-knisja.

Din is-sena tajjeb li niftakru f'ħutna l-emigranti li, minħabba ċ-ċirkustanzi preżenti, ma jistgħux ikunu magħna jaqsmu l-ferħ tal-festa. Xieraq ukoll li nsellmu u niftakru f'dawk kollha li huma involuti fil-festa tagħna li ta' kull sena jaħdmu bla heda sabiex ikollna festa sabiħa u kompluta minn kollox, fosthom l-Arċipriet u l-kleru, u dawk kollha li jgħinuni biex ikollna knisja mżejna u sabiħa. Insellem lill-Grupp Santa Marta li jgħinu fit-tindif tal-knisja, lill-Grupp tal-Qniepen, lill-abbatini, lill-fratelli u lid-diversi korijiet, liż-żewġ baned La Vittoria u Imperial u lill-Orkestra Marija Bambina. Insellem ukoll lill-Grupp tal-Armar li jieħu ħsieb l-armar u t-tiżjin kollu li jsir fil-pjazza u t-toroq tagħna u lill-Għaqda Piroteknika tal-Mellieħa li ta' kull sena jagħtuna spettaklu ta' logħob tan-nar kemm tal-art kif ukoll tal-ajru.

Fl-aħħarnett, nixtieq ngħid grazzi lil Josef Borg u lill-kumitat kollu tal-Banda Imperial li reġa' stedinni sabiex naqsam dawn il-ftit ħsibijiet għall-festa ta' din is-sena li ser ngħixu u niffesteġġjaw b'mod differenti minn snin oħra. Jalla l-Mulej u Ommna l-Verġni Marija jagħtuna l-grazzja li ma ndumux ma nerġgħu nibdew niċċelebraw u ngawdu l-festa kif aħna mdorrijin bħas-snin l-oħra.


Ta' Peter
Bar, Restaurant &
Games Room
Specialising in
Maltese Cuisine
&
Fresh Fish Dishes.
Ġorġ Borg Olivier Str.
Il-Mellieħa - Malta
Tel: 21 523537


Kafè Borg
Coffee Pods,
Instant Coffee,
Instant Coffee Sticks
& Freshly Roasted Coffee
KAFE BORG - Coffee Roasters,
Tal-Balal Road, San Gwann SGN 9018 - Malta.
Tel: 2137 1626, 2137 3208
www.kafeborg.com


Tal-Puzzu
Pizza . Pasta . Grill
We are also catering for Kid's Parties, Events, Majjalati, Fenkati, Buffets and more
Wood Fire Oven
Take Away Available
11, Ġorġ Borg Olivier Street
Mellieħa
Mob: 79707755


J. Vella
Għal
kull xogħol
ta' kisi, żebgħa
u tikħil fuq il-fil.
200, Triq Vincenzo Ciappara,
Il-Mellieħa - Malta
Mob: 9949 5126


A.F. SKIP HIRE
Mellieha
Toni (ta' Rasu)
Mob: 9925 3837
9935 3837
SKIP HIRE
HIRE A SKIP 9925 3897
Ġbir ta' ħadid mingħajr ħlas


MT SERVICE STATION
MELLIEHA BYPASS - MELLIEHA
Tel: 2752 5200 Email: mtservicesmalta@gmail.com
your car deserves it!
We have a wide range of batteries along with 2 years warranty. No extra charges are applied when we change your car battery.
We offer a free carwash with every purchase of 4 tyres.
We stock various brands of tyres of all sizes at competitive prices and we change and repair all types of tyres, tubeless or with tube.
We sell various types of alloy wheels.
We check and top oil, brake fluid, airfilters, power steering fluid and windscreen washer fluid.

# Human security in pandemic times

**Professor Stephen C. Calleya**
*University of Malta*

The COVID-19 pandemic provides us with an opportunity to conduct a reality check on the state of affairs of international relations in the 21st century. By definition, a pandemic will usher in a new chapter in international relations in that it upsets the pattern of relations that is taking place as each actor in the international system seeks to crisis manage the health scare in a manner that is least disruptive economically and politically.

The massive health crisis plus economic shutdown that reverberated across the globe forced states and international organisations to adopt rapid draconian measures to try and prevent the pandemic from evolving into complete pandemonium. The COVID-19 contagion had a domino effect across the entire world commencing in China and quickly spreading to Europe and the Americas. The interdependent global system of states facilitated the rapid spreading of the coronavirus to all parts of the world.

The fact that the post COVID-19 pandemic character and structure of world politics will be radically altered is indisputable. But it is too soon to interpret whether this new phase will be a transitory or permanent one. Some observers claim that the post-pandemic period will be a temporary phase that may have a negative impact that lasts a few years and will largely consist of trial and error episodes of managing to live with the new normal. Others argue that the new uncertain moment we are in is here to stay as the international system of states comes to terms with the fragility of living in a globalized world of close to 8 billion people.

The reaction to the Coronavirus pandemic in 2020 has highlighted how decentralized and anarchic the international system of states remains. Given the highly effective and elaborate global intelligence network that the World Health Organization (WHO) had at its disposal, how was the pandemic not anticipated before it spread across the globe? Why weren't




global alarm bells rung and borders closed to contain the spread of the virus? The largely ineffective stance adopted by the system wide authority in this regard, the WHO, has undermined any semblance of order in world politics.

The task at hand is to ensure that the new post-pandemic chapter ushers in a new world reorder that maintains stability in the international system and does not give way to a new world disorder where regional fragmentation and a resurgence of nationalism is rampant. If such a modality of co-operative security is to emerge, it is essential that scholars focus more of their attention on formulating crisis management practical guidelines to contend with transnational security challenges that have become a permanent fixture in geopolitics.

The COVID-19 pandemic has provided us with a real time case study of the transnational nature of security in a world of global mobility.

If such a borderless world is to continue to be the hallmark of twenty-first century relations, what contingency planning and mechanisms are going to be set up to contend with this new reality? It is essential that action be taken to implement a more holistic security agenda that embraces human and environmental security policy action plans. In the decade ahead, a much higher proportion of future security budgets need to be dedicated to enhance human security by ensuring access to universal health care. Malta's excellent management of the pandemic to date serves as a model in this regard.

Security is all about planning for the worse and hoping for the best. But when it comes to health care, in some countries the strategy seems to have been plan for the best and hope the worse does not happen. The time has come to recalibrate security priorities by adopting a much more holistic security framework that places a premium on health care, environmental protection and universal education. In future, expenditure on military procurement should only focus on resources required to defend one's country.

The lockdown that was imposed by most governments resulted in a breakdown of the fabric of society and undermined globalisation in all sectors. The COVID-19 pandemic has accelerated the pace at which technology has become an even more fundamental factor in our daily lives, as can be witnessed by the fact that social media has grown exponentially via Twitter, Facebook, WhatsApp, Zoom, and other technological platforms. Yet, while technology can assist in making up for the absence of human contact during an emergency, it is clear that technology is no substitute to humans being able to interact with one another on a permanent basis. Social interaction is fundamentally important if the mental wellbeing of the people is to be maintained.

Globally, most states went into a three-month full or partial lockdown. While the scope of such an achievement is bewildering, restarting social and economic activity is proving to be the hard part. As the disruption to global political and economic activity results in massive job losses in all sectors especially those linked to the service industry such as tourism, it is impossible to predict in which direction the global economy will eventually turn. One certainty is that the outlook will be a volatile one. Instability is a sign of the times. Individuals and corporations everywhere are finding that they must either learn to live with instability or drown. The so-called new normal will consist of more security challenges and less resources to combat such threats and risks. One of the most important lessons to learn from the pandemic is that we must not return to a world that operates upon a false sense of security doctrine.






**IR-RAZZETT FRUIT SHOP**

**BEST QUALITY FRUIT AND VEGETABLES!!**

244, Main Street, Mellieħa
2152 1473 / 9944 6545

MĠARR United Bar & Restaurant
Since 1995

**MĠARR UNITED BAR & RESTAURANT**

Triq il-Magħkuba, Mġarr
(close to Football Ground)

**T: 2157 4630   M: 7905 0283**




# Gaulos Exclusive Art

*Għal kull tip ta' rakkmu sew għall-Każini tal-Baned, Knejjes jew mudelli tal-Knejjes.*

*Nagħmlu wkoll kull tip ta' restawr u transport ta' rakkmu antik.*

*Issibilna kull tip ta' pittura kemm oriġinali kif ukoll kopji jew portraits impittra minn artisti barranin.*

9, Triq Sir Arturo Mercieca, Victoria, Għawdex
Tel: 2156 4401 / 2756 4401   Mob: 7956 4401
Email: contact@eastermalta.org

# Il-Pesta, pandemiji u epidemiji oħra f'Malta matul iż-żmien

**David Bartolo**
*B.European Studies with History(Hons)(Melit.)*

Din is-sena, pajjiżna bħall-kumplament tad-dinja kollha, inħakem mill-marda COVID-19 jew il-Coronavirus. Tiftaħ il-gazzetti, rivisti, tara t-televiżjoni, tisma' r-radju, tqalleb fuq l-Internet l-aktar l-midja soċjali bħal Facebook, is-suġġett ewlieni huwa dan l-virus misterjuż.

Dan il-virus ġab ħafna biża' fost in-nies l-aktar bl-użu tal-faċilitajiet li semmejna li faċli tużahom mill-kumdità ta' darna u kważi kullimkien l-aktar bil-mezzi ċellulari, u ħalla effett fuq kull strata tal-ħajja inkluż il-festi tradizzjonali Maltin. Ħafna festi, l-aktar dawk li jsiru mill-aħħar ta' Lulju 'l quddiem ġew mħassra u dawk li saru qabel, saru fuq skala ferm iżgħar milli kienu jsiru qabel. Waħda minn dawn l-festi li ntlaqtu hija dik li aħna niċċelebraw fil-Mellieħa, il-festa tal-Vitorja fit-8 ta' Settembru.

Din is-sena ddeċidejt li fl-isfond ta' din il-marda, nagħti ħarsa ħafifa lejn mard matul iż-żmien fil-gżejjer Maltin bħalma kienet il-pesta, pandemiji, imxijiet u mikrobi oħra li jolqtu kemm lill-bniedem kif ukoll lill-annimali, l-aktar dawk li jipprovdu xi forma ta' provvista lill-bnedmin.

## Il-Pesta f'Malta

Matul il-milja taż-żmien f'diversi perjodi fl-istorja globali u dik tal-umanità feġġet il-marda qerrieda tal-pesta. Malta mhix eċċezzjoni għax daħlet ukoll u ħalliet il-marki tagħha f'pajjiżna.

Huwa maħsub li l-ewwel pesta li laqtet lil Malta kien fiż-żmien il-Medjuevu tard fis-seklu 13. Jingħad li ġewwa ċimiterju fir-Rabat Għawdex li llum m'għadux jeżisti kien hemm fdalijiet ta' vittmi ta' din l-pesta. L-istess marda daħlet ukoll snin wara, bħal fl-1348, bejn l-1427 u l-1428, u l-1453. Feġġħet ukoll mill-ġdid fis-seklu ta' wara, dak sittax, bħall-1501, l-1519 u l-1523[1].

Bejn l-1592 u l-1593, kien hawn l-ewwel pesta dokumentata. Tajjeb li wieħed jagħmel nota li dan seħħ fi żmien meta Malta kienet taħt il-Kavallieri ta' San Ġwann u dawn kellhom struttura organizzata b'mod differenti mill-perjodu tal-Medjuevu, meta Malta kienet parti mir-Renju ta' Aragona (Spanja) fejn qalja kien hemm xi interess f'dawn l-gżejjer u nieshom. Din il-marda daħlet f'Malta f'Mejju tal-1592 minn xi xwieni u bdiet tinfierex bi stanzi u f'perjodi differenti, fejn b'kollox kien hemm tlieta f'dawn is-sentejn.

Huwa maħsub li din il-pesta ħalliet madwar 840 ruħ mejta minn popolazzjoni ta' 27,000[2], u matul din l-marda beda jsir użu għall-ewwel darba mill-Gżira Manoel għall-iżolament. Hemmhekk kien hemm xi 900 persuna fejn kienu miżmuna iżolati minn xulxin f'dan l-post[3].

L-istess marda reġgħet feġġet f'Malta ftit snin wara fl-1623 u fl-1655. Matul il-pesta tal-1623 kienu mietu madwar 40 persuna[4], waqt li f'dik tal-1655 kienu mietu madwar 50 persuna[5]. Bejn dawn it-tnejn, l-Ordni ta' San Ġwann waqqaf il-Lazzarett fuq il-Gzira Manoel fl-1643 biex iservi bħala post ta' kwarantina[6].

Fl-1675 faqqet l-agħar pesta li qatt kellha Malta. Din damet sal-1676 u mietu 11,278 persuna minn popolazzjoni totali ta' 51,114. Fil-Mellieħa u l-inħawi kienu mietu 4 persuni[7]. Mill-imwiet totali, 9,000 minnhom mietu fil-Belt Valletta u t-Tlett Ibliet[8]. Wara din il-pesta saru ħafna wegħdi u purċissjonijiet. L-ikbar pellegrinaġġ li sar kien dak tat-Tlieta ta' wara l-Għid fit-22 t'April 1677, u kien telaq minn San Pawl l-Baħar sas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa[9].

Fil-bidu tal-ħakma Ingliża f'Malta bejn l-1813 u l-1814, reġa' kien hawn il-pesta. F'dan il-perjodu kienu mietu 4,668 persuna[10]. B'referenza għall-festa tal-Vitorja fil-Mellieha, fl-1813 din ma kinitx saret minħabba dan l-flaġell[11]. Fil-Mellieħa jidher ukoll li kien hemm xi mwiet għax il-bdiewa tqabbdu jaħarqu l-għelieqi tal-qoton[12].

Waqt l-Ewwel Gwerra Dinjija f'Ottubru 1917, reġa' kien hawn il-pesta li fortunatament ma tantx ħalliet vittmi u ma tantx kienet mifruxa[13]. Ftit qabel u fl-aħħar tat-Tieni Gwerra Dinjija, reġa' kien hawn każi oħra tal-pesta. L-ewwel waħda kienet bejn l-1936 u l-1937 u l-oħra fl-



***Inkwatru fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa li sar b'wegħda b'rabta mal-ħelsien mill- mewt waqt il-pesta tal-1813-1814*** [14]

1945. Fl-ewwel waħda kienu madwar tnax-il persuna li mietu[15], waqt li fit-tieni waħda kien hemm 22 mewta[16].

### Il-Pandemija tal-Influwenza Spanjola

Din il-marda, li baqgħet magħrufa f'Malta bħala l-Ispanjola, qatlet bejn 20 u 40 miljun ruħ minn madwar id-dinja kollha, numru akbar minn kemm mietu nies fl-Ewwel Gwerra Dinjija[17].

Din il-pandemija ħalliet il-marka tagħha f'Malta fl-aħħar tal-Ewwel Gwerra Dinjija fil-perjodu bejn l-1918 u l-1919. Din kellha 20,388 każ bi 807 mwiet minn popolazzjoni ta' 224,859. Rigward il-Mellieħa, minn popolazzjoni ta' 3,031, kien hemm 31 mewta. Din il-pandemija nfirxet fi tliet fażijiet. L-ewwel waħda kienet ħafifa u damet tliet xhur bejn Ġunju u Awwissu 1918. It-tieni fażi kienet bejn Settembru u Novembru li kienet severa ħafna, filwaqt li t-tielet waħda kienet bejn Frar u Marzu 1919 ftit qabel l-avvenimenti li wasslu għall-irvellijiet tas-7 ta' Ġunju 1919[18].

### Imxijiet f'Malta

Matul iż-żmien Malta sofriet minn diversi mxijiet bħal epidemiji u pandemiji tal-influwenza, il-ġidri u l-kolera fost l-oħrajn. F'din l-parti ħa nduru ftit ħafif fuq xi uħud minnhom.

- Bejn l-1453 u l-1455, faqqgħet ġewwa Malta l-iskarlatina u din ħalliet warajha diversi vittmi[19].
- L-ewwel referenza għall-epidemija tal-influwenza kien fis-sena 1682 u din kienet f'petizzjoni li ntbagħtet minn Għawdex lill-Gran Mastru.
- Fi Frar tal-1730 kien hawn influwenza bid-deni li laqtet kważi l-popolazzjoni kollha ta' Malta.
- F'Marzu tal-1733, influwenza gravi bl-uġigħ ta' ras u deni.
- F'Jannar tal-1746, imxija qabdet fost l-ekwipaġġ tal-flotta tal-Ordni ta' San Ġwann u wara bdiet tinfirex fost il-popolazzjoni u wasslet għal diversi mwiet.
- Imxija oħra simili seħħet fl-1754 li fiha mietu diversi nies fl-Imdina u s-Seminarju li kien hemm ġewwa din l-belt kien ġie evakwat.
- Fl-1830 daħlet il-ġidri minn Napli u kien hemm 11,351 każ b'1,523 mewta.
- Fl-1836 kien hemm imxija oħra tal-influwenza fejn ftit ma ġewx affettwati.
- Fl-1837 reġa' kien hawn il-ġidri.
- Fl-1837 ukoll kien hawn il-kolera, li għamlet ħerba fi tliet xhur. Din kellha 8,785 każ u ħalliet 4,252 persuna mejta minn popolazzjoni ta' 120,000 persuna.
- Epidemija tal-influwenza laqtet xi partijiet ta' Malta fl-1837 ukoll, li fortunatament għal ħafna nies li ġew affettwati, ir-rata tal-imwiet kienet baxxa.
- Imxija oħra li laqtet sew lil Malta seħħet f'Novembru tal-1847.
- Imxija tal-ġidri oħra seħħet fl-1861 fejn kienu mietu 362 persuna.
- Fl-1867, epidemija tal-kolera reġgħet ħakmet Malta. Din kellha 733 każ u mietu 378 persuna.
- Fis-sena 1870 il-ġidri reġa' wera snienu b'7,000 każ u 700 mejta.
- Fl-aħħar jiem tas-sena 1889 u fil-bidu tal-1890, l-influwenza Asjatika laħqet lil Malta u minn total ta' 859 każ, kien hemm 39 mewta.
- Din l-influwenza reġgħet dehret mill-ġdid fl-ewwel xhur tal-1892 fejn kien hemm 2017 każ. Kien hemm imxijiet simili fl-1894 b'615 każ u l-istess fl-1904 u 1905 fejn kien hemm 760 każ.
- Fl-1911 kien hawn il-ħożba li kellha 2,882 każ u qatlet 144 persuna.
- Fl-1913, 549 każ u 104 persuni mejta kienu ġew irrapportati mit-tifojde.
- Fl-1916 reġa' feġġet il-ħożba li għolliet rasha u li b'riżultat tagħha kien hawn 5,586 każ u 235 persuna mejta.



*Iċ-Ċimiterju Sultana tal-Vitorji li nbena bejn l-1853 u l-1854 minħabba l-mard tal-ġidri* [20]

- Fis-sena 1917 kien hawn l-epidemija tas-sogħla konvulsiva b'3,146 każ u 166 mewta.
- Fl-istess perjodu bejn Ġunju 1918 u Ottubru 1920, kien hemm l-epidemija tal-influwenza b'9,444 każ u 356 mewta.
- Epidemija ta' influwenza oħra gravi seħħet fi stanzi differenti bejn l-1921 u l-1922. F'dawn is-sentejn kien hemm 5,508 każ u mietu 99 persuna.
- Fi Frar tal-1929, imxija oħra ġiet irrapportata b' 'il fuq min elf każ b'ħafna minnhom fl-età ta' bejn l-20 u l-45 sena.
- L-aħħar epidemija tal-ġidri seħħet fl-1946 b'7 każi u mewta waħda.
- Imxijiet oħra iżgħar seħħew fl-1936 u l-1937, fl-1940 u l-1943, fl-1948 u l-1951 u l-1952.
- Fl-1957, feġġet f'Malta l-Pandemija Asjatika (H2N2) fejn kien hemm 8,783 każ u 11-il ruħ mejta.
- L-Influwenza ta' Hong Kong (l-H3N2) laqtet lil Malta bejn l-1968 u l-1969. F'din l-imxija kien hemm 1,024 każ u mietu 23 persuna.
- Riċenti kien hawn il-pandemija tal-influwenza l-H1N1 (Swine Flu). Din seħħet bejn l-2009 u l-2010 u seħħet madwar id-dinja kollha. F'Malta kienu rrapportati 622 każ u ħamest imwiet. Fl-2019 reġa' kien hawn l-istess influwenza b' madwar 30 każ.

Mard ieħor li kien iħalli ħafna vittmi kien it-tuberkolożi. Ġara hekk fis-sena 1917 fejn kien hemm 258 mewta relatati ma' din il-marda.

Rigward il-Mellieħa, fejn illum hemm iċ-Ċimiterju Sultana tal-Vitorji, li jiġi wara l-knisja arċipretali, qabel ma nbena l-istess ċimiterju, fis-sit kienu jiġu midfuna l-persuni li kienu jmutu b'mard infettiv. Dan iċ-ċimiterju nbena meta fl-1853 kienu mietu sitt persuni bil-ġidri u għalhekk inħasset il-ħtieġa ta' ċimiterju għal dan it-tip ta' mwiet, peress li dawn ma setgħux jiġu midfuna fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa kif kienet il-prattika dak iż-żmien[21].

### Id-Deni Rqiq

Il-mikrobu tad-deni rqiq, jew kif inhu magħruf bħala l-Maltese Fever, kien ġej mill-mogħoż tal-ħalib. Fis-seklu dsatax dan il-mikrobu beda jħalli ħafna nies tas-sevizzi Ingliżi invalidati u dan beda joħloq piż kbir fuq it-Teżor Ingliż. Fl-1886, tabib militari Ingliż skopra li dan il-mard kien ġej minn xi mikrobu.

Wara ħafna aktar studji u investigazzjonijiet, kien it-tabib Malti Sir Temi Żammit li fil-25 ta' Ġunju 1905, skopra dan il-mikrobu fid-demm tal-mogħoż u kif dan kien qed jinfetta n-nies permezz tal-konsum tal-ħalib mhux pasturizzat.



*Mogħoż tal-ħalib fil-Belt Valletta* [22]

Din il-problema xorta baqgħet tkarkar matul is-snin u l-mogħoż baqgħu jiġu maħluba fit-toroq biex jipprovdu l-ħalib dirett lin-nies u kien biss li fl-1938 li l-pasturizzazzjoni kienet ġiet introdotta u ġie pprojbit il-bejgħ u x-xiri tal-ħalib mhux pasturizzat[23].

### Epidemiji tal-annimali

Fl-1975, kien hawn l-ewwel marda tal-ilsien u d-dwiefer fi tletin sena, bl-ewwel każ ikun fil-5 ta' Ġunju tal-imsemmija sena. B'kollox b'effett ta' din l-marda, 251 baqra, 25 nagħġa, 155 mogħża u 1,368 ħanżir kellhom jinqatlu b'effett ta' din l-marda. Fl-istess sena wkoll feġġet il-marda tas-Swine Vesicular Disease u din kienet affettwat il-ħnieżer[24].

F'Marzu tal-1978, f'Malta kienet feġġet l-African Swine Fever li attakkat il-ħnieżer, madwar 25,000 u kien hemm danni ta' madwar 5 miljun lira Maltin[25]. Minħabba din il-marda, il-Gvern Malti fl-1979 bena r-razzett tal-ħnieżer fuq Kemmuna biex terġa' tibda t-trobbija tal-ħnieżer f'Malta.

Jalla meta tasal din l-kitba għandkom, il-COVID-19 ikun naqqas sew l-effetti tiegħu b'inqas każijiet ġodda u iktar fejqan ta' każijiet. Jalla wkoll li s-sena d-dieħla l-istaġun tal-festi jkun jista' jitgawda mill-ġdid bi spettakli sbieħ tan-nar li jdawlu l-iljieli Maltin, il-mużika li tpaxxi l-widnejn, is-solennità reliġjuża li tfakkar id-drawwiet Maltin u l-armar li jagħti l-kulur lit-toroq u l-imsieraħ Maltin fost l-oħrajn. Fl-aħħar u mhux l-inqas, tajjeb li jintwera aktar apprezzament lejn dawk kollha li jaħdmu biex dawn l-elementi jseħħu fir-realtà. Apprezzament kbir ukoll jmur għal dawk kollha minn kull settur jissieltu kontra l-COVID-19.

### Referenzi

1 Savona Ventura, C. (1997), pp 19-24
2 Vella, A. (n.d.), p 1159.
3 Cassar, P. (1987), pp 369-380
4 Abela, G. (1780), p 188
5 Brogini, A. (2004), pp 17-26
6 Cassar, P. (1987), pp 369-380
7 Micallef, J. (2015), p 165
8 Fiorini, S. (1993), p 305
9 Micallef, J. (2015), p 173
10 Public Health Reports (1896-1970), pp 50-53
11 D'Anastas, N. (1995), p 48
12 Muscat, D. (1997), p 10
13 Public Health Reports (1896-1970), pp. 50-53
14 Muscat, J. ( 2009), p 25
15 Attard, C. (2011)
16 Barnett, S. A. (1948), pp 10-20
17 Zarb-Dimech, A. (2014), p 168
18 Savona Ventura, C. (2005), pp 16-19
19 Savona Ventura, C. (1997), pp 19-24
20 https://www.flickr.com/photos/leslievella64/4205989451
21 Bonnici, E. (2019), p 230
22 Cassar, P. (n.d.), p 107
23 Ibid, pp 106-108
24 Ford, G. W. (1976), pp 42-44
25 Wikinson, P. J., Lawman, M.J., Johnston, R.S. (1980), pp 94-97

### Biblijografija

Abela, G.F. (1780), *Malta illustrata.*

Attard, C. (2011), Malta's plague epidemic 75 years ago, f'*Times of Malta 1st May 2011.*

Barnett, S.A. (1948), Rat control in a plague outbreak in Malta, f'*The Journal of Hygiene Vol 46, No 1, March 1948.*

Bonnici, E. (2019), *Id-Dfin f'Malta*, Horizons.

Bonnici, W. (1993), The Blue Epidemic Cholera - Some Aspects of Treatment in the Mid-19th Century, f'*JR Army Med Corps(1993), 139.*

Brogini, A. (2004), La population de Malte au XVIIe siècle, reflet d'une modernité, f'*Cashiers de la Mediterranee Nr 68,2004*, Centre de la Méditerranée Moderne et Contemporaine.

Cassar, P.(n.d.), The Discovery of the microbe of undulant fever in the goat, f'*Heritage nr 6,* MidSea Publ.

Cassar, P.(1987), A tour of the Lazzaretto Buildings, f'*Melita Historica 1987 Vol IX nr 4*, Malta Historical Society.

Ċimiterju tal-Mellieħa, https://www.flickr.com/photos/leslievella64/4205989451

D'Anastas, N. (1995), L-attività mużikali fil-Mellieħa matul is-Seklu Dsatax, fil-*Festa Maria Bambina 1995 Mellieħa*, Parroċċa Mellieħa.

Fiorini, S. (1993), Demographic Growth and the Urbanization of the Maltese Countryside to 1798, f'Mallia-Milanes, V. (ed.), *Hospitaller Malta 1530-1798,* Mireva Publications.

Ford, G. W. (1976), The outbreaks of foot and mouth disease and swine vesicular disease in Malta, f'*World Animal Review. 1976, Vol.20.*

Galea, J. (2018), Doctors during the 1837 Cholera Epidemic in Malta: Unearthing the Truth, f'*Malta Medical Journal Vol 30 Nr 1 (2018).*

Ganado, H. (1977), *Rajt Malta Tinbidel L-Ewwel Ktieb 1900-1933,*Interprint.

Marmarà, V., Cook, A. R. & Kleczkowski, A. (2014), Estimation of force of infection based on different epidemiological proxies: 2009/2010 Influenza epidemic in Malta, f'*Epidemics nr 9 2014.*

Micallef, J. (2015), *Il-Pesta tal-1676,* BDL Publishers.

Muscat, D. (1997), Il-Mellieħa fil-bidu tas-Seklu 19, f'*Leħen l-Imperial Għid 1997*, Banda Imperial Mellieħa.

Muscat, J. ( 2009), *Ex Voto Santwarju tal-Madonna tal-Mellieha*, Best Print.

Pisani, S. (1970), The Malta cholera epidemic in 1837, f'*The St. Luke`s Hospital Gazette, 5(2).*

Public Health Reports (1896-1970), f'*Jan. 11, 1918, Vol. 33, No. 2 (Jan. 11, 1918*). Sage Publications.

Savona Ventura, C. (1997), *Outlines of Maltese Medical History*. MidSea Publ.

Savona Ventura, C. (2005), Past Influenza Pandemics and their effect in Malta - *Malta Medical Journal October 2005.*

Tripp, L. (2017), *Early Twentieth Century Infectious Diseases in the Colonial Mediterranean* – University of Toronto (teżi tal-Ph.D mhux ippublikata).

Vella, A. (n.d.), A Concise History of Malta: Developments in the Constitution of the Order of St John, f'*Heritage nru 58,* MidSea Publ.

Wikinson, P. J., Lawman, M. J., Johnston, R. S. (1980), African swine fever in Malta, 1978 f'*The Veterinary Record 1980 Feb 2;106(5).*

Zarb-Dimech, A. (2014), *Malta during the First World War 1914-1918,* BDL Publishers.

Glamorous
UNISEX HAIR BY JANET
+356 2152 2872
+356 7972 7795
Glamorous Hair by Janet
116 Triq in-Naħal, Mellieħa, Malta

Evergreen
Discount Mini Market
Triq Napuljun Caruana Dingli
Tel: 2152 2738
Mob: 9985 9100
Free Delivery
Ħinijiet tal-Ftuħ:
Kuljum mis-6.00am sas-6.00pm
ma nagħlqu xejn.
Fis-Sajf mis-6.00am sas-1.00pm
u mit-3.30pm sas-6.00pm.
L-Erbgħa mis-6.00am sas-1.00pm
u s-Sibt mis-6.00am sas-2.00pm.
Hanut fejn il-mara tad-dar issib kollox
bl-irħas prezzijiet

V. Debono
Ironmongery
Colour Tinting
and
Hardware Store
Tel: 21523892
No.8,
Triq l-Għoljiet,
il-Mellieħa


The Beach
AT PARADISE BAY
tripadvisor
(+356) 2157 5491
(+356) 9982 0621
thebeachmalta.com

# Jum Twelidek, Jum Ir-Rebħa

**Ġanni Camilleri**

Reġgħet magħna, bħal kull sena,
Il-festa tagħna u tal-Maltin;
Dik tat-tmienja ta' Settembru
L-egħżeż festa għall-Melleħin.

Sa minn ġranet wisq minn qabel,
Jibda x-xogħol, dak tat-tiżjin
Ġewwa l-knisja u fil-pjazza,
Kif ukoll dak tal-każin.

Wieħed jibda jisma' t-tokki,
Dawk tal-qniepen kbar ħelwin
Biex isejħu għan-novena
Kemm lil kbar, kemm liċ-ċkejknin.

U l-pjazza kbira tagħna
Tibda tilbes dak l-armar
Li matul is-snin żejjinha
B'libsa ħelwa mill-aħjar.

Iżda s-sena, mhux bħas-soltu,
Għax laqatna l-mard bis-sħiħ;
Għax żaritna l-pandemija;
Mard li żgur ħadd ma stennieh.

Virus ċkejken, bla ma jidher,
Tefa' lilna ġewwa d-djar.
B'ħafna biża' li nittieħdu.
Għax tassew virus mill-agħar.

U vaċċin għal din il-marda
Ma nstabx s'issa għall-fejqan.
U eluf mietu b'dil-marda,
Għax vaċċin ma nstabx għal dan.

Niżżel lilna għarkopptejna.
Umiljana lkoll bis-sħiħ.
U ċaħħadna milli nkunu
Aħna lkoll moħħna mistrieħ.

Tama waħda lkoll fadlilna
Jekk vaċċin qatt ma jinstab;
Nirrikorru lejn is-Sema;
It-talb dejjem rebħa ġab.

Nirrikorru lejn Marija
F'jum twelidha, f'jum ir-rebħ
Għax din l-Omm, jum tal-vittorji.
Biex naraw f'dal-Jum is-Sebħ.

HORACE ENTERPRISES LTD.
Trophies & Sports Goods
Importer & Wholesaler

Horace Micallef
Director

84, Gudja Road, Għaxaq, GXQ2172, Malta
Tel: (356) 2169 6302 • Mob: (356) 9942 0346 • Fax: (356) 2169 3397
Website: www.horace-ent.com • Email: horaceenltd@link.net.mt

icam Studios
PHOTOGRAPHY | DESIGN | PRINT

MATTHEW
CUTAJAR
DIRECTOR / PHOTOGRAPHER

M. +356 9948 9183
E. info@icamstudios.net
icamstudios.net

iCam Studios,
81, Mannarinu Rd,
Birkirkara, Malta

Green Valley
Triq il-Fortizza Mellieħa,
Tel: 21520080 • Mob: 7905 1874
E-mail: greenvalley.ra@gmail.com

This Discount Store with
daily Fresh Fruit and vegetables!
We are open 7 days a week
from 6.30am till 8.00pm
Sundays and public Holidays
from 8.00am till 1.00pm
We do free deliveries
Join our loyality card!

J & G
Discount
Discount Detergent Shop

Triq it-Tgħam, Il-Mellieħa
Tel: 21522658
Mob: 79057948

Opening Hours
Mon-Fri:
9.00 – 13.00 & 16.00 – 19.00
Sat: 9.00 – 14.00



Free
Delivery



# Akkomodazzjoni lil Refuġjati Maltin fil-Mellieħa fl-Ewwel Ġranet u Ġimgħat wara li faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija



**Charles Debono**
*Kuratur - Mużew Nazzjonali tal-Gwerra*

### Introduzzjoni

Mill-għodwa tal-11 ta' Ġunju 1940 'il quddiem, kju twil ta' trakkijiet, karozzi u karettuni qabdu t-triq għal postijiet iktar sikuri, bħall-Mellieħa. Il-problema kienet biex lill-evakwati ssibilhom akkomadazzjoni u titmagħhom. Hafna minnhom ftit li xejn kellhom il-possedimenti tagħhom magħhom. Minħabba f'hekk, ħafna minnhom sabu kenn għand il-qraba jew il-ħbieb tagħhom. Dawk li ma sabux min jgħinhom ingħataw kamra żejda fi djar privati u istituzzjonijiet privati. Il-kappillani taw l-assistenza billi offrew knejjes u kappelli dekonsagrati bħala xelters temporanji. Kien hemm min saħansitra waqqaf id-dar tiegħu f'għerien fil-blat bl-għamara li kellhom fuqhom.[1]

### Il-wasla tar-refuġjati Maltin

Il-Gvern beda jorganizza ċentri tar-refuġjati fi skejjel, garaxxijiet u bini ieħor fi stat tajjeb li ma kienx qed jintuża. L-iskejjel kienu l-ewwel post ta' rifuġju, wara li kienu għalqu f'Mejju 1940, u dawn ipprovdew ċentri ta' emerġenza, fejn ir-refuġjati Maltin f'ħafna każi ħadu ħsiebhom l-għalliema. F'qasir żmien il-Protection Officer tal-Mellieħa waqqaf ċentri ta' stabbiliment tar-refuġjati fejn kull refuġjat li ma setax isib akkomodazzjoni xi mkien ieħor kien imħajjar japplika. Dawk li kienu qegħdin jgħixu fiċ-ċentri tar-refuġjati kienu qegħdin jieħdu ħsiebhom il-pulizija, Special Constables u l-għalliema, kappillani u membri tad-District Committees. Salaħħar ta' Ġunju 1940, il-Protection Officer kien stabbilixxa li kollox kien miexi sew u taħt sigurtà stretta, saħħa, u l-welfare tal-evakwati.[2]

### Forma ta' ċensiment

Fit-18 ta' Ġunju 1940, il-Protection Officer tal-Mellieħa għamel stħarriġ ta' kemm-il akkomodazzjoni tista' tintuża mir-refuġjati Maltin li ġew wara l-ewwel attakki fuq Malta tal-11 ta' Ġunju 1940. Minn ittra mibgħuta mir-Regional Protection Officer il-ġurnata ta' wara, nafu li l-Protection Officer tal-Mellieħa f'dawn il-ġranet kien is-Sur F. Caruana Galizia, li kellu r-responsabiltà tal-Marfa u l-Mellieħa.

Sadanittant, eluf ta' nies ħarbu min-naħat tal-Kottonera u l-Belt Valletta u rħewlha lejn postijiet iktar sikuri, fosthom il-Mellieħa. Skont dan iċ-ċensiment, jekk nistgħu nsejħulu hekk, jingħad li ma kienx hemm iktar akkomodazzjoni fi djar privati. Li ġejjin huma postijiet ta' akkomodazzjoni li nstabu sa dik il-ġurnata:

| Djar li setgħu jiġu akkomodati refuġjati Maltin, 18 ta' Ġunju 1940 | |
|---|---|
| I | 77, 78 Triq il-Kbira |
| II | 67, 68 Triq il-Kbira (li fiha kien hemm forn mhux użat) |
| III | Tnejn fi Strada Ingraw |
| IV | 41, 42 Triq il-Kbira |
| V | 19, 20 Triq Sant'Anna |
| VI | Mezzanin, Triq Francis Zahra (kien stmat li fih joqogħdu 90 persuna) |

| Skejjel | | |
|---|---|---|
| | **Skola** | **Stima ta' akkomodazzjoni** |
| I | Skola Elementari tas-Subien | 80 |
| II | Skola Elementari tal-Bniet | 120 |
| III | Skola Elementari ta' Tfal ta' Età Żgħira | 60 |
| | *Total* | *260* |

| Każini tal-Banda | | |
|---|---|---|
| | **Każin** | **Stima ta' akkomodazzjoni** |
| I | Każin tal-Banda Imperial | 60 |
| II | Società Filarmonica La Vittoria | 90 |
| | *Total* | *150* |

Jidher li t-total ta' akkomodazzjoni li seta' jsir użu minnha fil-Mellieħa kienet tlaħħaq madwar 5,000. Kien hemm ukoll l-użu ta' garaxxijiet tal-karozzi tal-linja li ma kinux qegħdin jintużaw.[3] Din li ġejja hi informazzjoni meħuda minn rapport fuq lukandi u djar fil-Bajja tal-Għadira u l-Marfa.

### Akkomodazzjoni għar-refuġjati fil-Bajja tal-Għadira u l-Marfa

#### *Mellieħa Bay Hotel*

Din il-lukanda kellha erbat ikmamar tas-sodda, kamra tal-pranzu, bar u spazju għal entratura, kċina u kamra żgħira fejn jinżammu merfugħa oġġetti tal-ikel u għodod tal-kċina, kamra fejn taħżen, toilets adekwati u telefown. Il-lukanda ma kellhiex xelter fil-binja, però l-Gvern kellu kamra, magħrufa bħala l-Kamra tas-Sajjieda, li setgħet tiġi rranġata bħala xelter għal kontra l-attakki mill-ajru, mhux biss għal-lukanda, imma wkoll għall-abitanti tad-djar ħdejn il-lukanda. Din il-kamra ma kinetx mikrija u fil-fatt il-bieb ma kienx jissakkar.[4]

#### *Djar quddiem il-Mellieħa Bay Hotel*

Is-sid, is-Sur Agius, kellu dar b'erbat ikmamar tas-sodda. Kellha akkomodazzjoni sanitarja tajba.

Is-sid, is-Sur F. Scicluna mill-Mosta: kellha tlett ikmamar tas-sodda u entratura. Kellha akkomodazzjoni sanitarja tajba.

Is-sid, Fiorini Lowell: kellha żewġt ikmamar u toilet. Dawn id-djar kollha kellhom il-bir tagħhom. Id-djar l-oħra kienu mikrija.

#### *Marfa Palace Hotel*

**Sular terran** – Żewġt ikmamar kbar bil-kmamar tas-sodda u toilet użati mis-sid, il-familja tiegħu u l-qraba. Kamra minnhom kienet mikrija lill-Awtoritajiet Militari. Is-sala kbira tad-dħul setgħet tintuża bħala dormitorju, għalkemm il-ħġieġ tat-twieqi kbar kienu inkonvenjent.

**Sular ta' fuq** – Kellha erbat ikmamar kbar u erbat ikmamar żgħar, apparti kamra żgħira fid-dħul u sala tal-pranzu u spazju kbir fuq l-entratura, li setgħet issir sala tal-pranzu, waqt li s-sala tal-pranzu preżenti setgħet issir kamra tas-sodda. Waħda mill-kmamar il-kbar kienet riservata għall-Kappillan Militari matul l-iljieli ta' kull nhar ta' Sibt u fil-fatt l-ispazju kbir fuq l-entratura kien jintuża biex tiġi ċċelebrata l-quddiesa kull nhar ta' Ħadd. Kien hemm ħafna akkomodazzjoni sanitarja. Il-provvista tal-ilma kienet inadekwata, però setgħu jsiru arranġamenti mas-Sur Mortimer, Senior



*Il-Każin Imperial kien stmat li jista' jilqa' fih 60 refuġjat Malti. (Sors: Kollezzjoni tal-Awtur)*



*Il-Każin Società Filarmonica La Vittoria kien stmat li jista' jilqa' fih 90 refuġjat Malti. (Sors: Kollezzjoni tal-Awtur)*

Engineer tas-Servizzi tal-Ilma, peress li kien hemm tank fuq il-bejt jesa' 19,000 gallun.

### Ir-Reġjun tat-Tramuntana

Il-Mellieħa matul il-gwerra kienet taqa' taħt ir-Regional Protection Officer tar-Reġjun tat-Tramuntana. Skont ċirkulari li ntbagħtet mill-Uffiċċju tal-Logotenent Gvernatur E. St. J. Jackson fid-29 ta' Lulju 1942 lir-Regional Protection Officers, District Commissioners, Protection Officers u Assistant District Commissioners, nafu min kienu l-membri tal-istaff tar-Reġjun (murija hawn taħt).



***Il-Markiż Barbaro of St. George li kien Regional Protection Officer tar-Reġjun tat-Tramuntana. (Sors: NWM Archives)***

### Referenzi:

[1] NWMA, No.15 Evacuation
[2] Ibid.
[3] NAM, LGO 2300
[4] Ibid.
[5] Ibid
[6] NWMA, No 16. Protection Officers

| Reġjun tat-Tramuntana | |
|---|---|
| Il-Markiż Barbaro of St. George | Regional Protection Officer |
| Is-Sur Joseph Mercieca | Deputy Regional Protection Officer |
| Dr O. F. Gollcher, LL D | Protection Officer Il-Mosta |
| Is-Sur Anthony Valletta | Protection Officer In-Naxxar |
| Is-Sur F. Wettinger | Protection Officer Ħal Għargħur |
| Is-Sur J. A. Cilia | Protection Officer L-Imġarr |
| Is-Sur Joseph Ruggier | Protection Officer San Pawl il-Baħar |
| Is-Sur Louis Bartolo | Protection Officer Il-Mellieħa [6] |

CN Mifsud Marble Granite

Blokk D,
Midland Micro Enterprise Park,
Triq Burmarrad,
L/O Naxxar

Mobile
9988 5191

Web: www.cnmarbleandgranite.com
Email: contact@cnmarbleandgranite.com

MOSTA BACON ®

since 1970



BELLA VEDUTA
grocery & confectionery
Mr & Mrs D. Vella

Bella Veduta
Triq ta' Masrija
Il-Mellieħa
Tel: 21521306

delilahvella@hotmail.co.uk

VS WHOLESALE

244, Ta' Masrija, Mellieħa

Mobile: 79603243

THE HILLTOP
RESTAURANT
Est. 1972

Here is where seafood and meats come together
to bring you a modern multicultural cuisine



Gorg Borg Olivier Street Mellieħa
For reservations call
+356 21521101 or +35699445484
www.thehilltopmellieha.com





# Il-Bambin tal-Blat

**Paul P. Borg**

*Din li ġejja hi silta mir-rumanz Il-Kmandament numru Hdax, it-tieni volum, li ppubblikajt fl-2013. Fih nistħajjel ġuvnott Malti msejjaħ Mosè li jistħajjel li hu mġiegħel minn Alla biex iżid kmandament ieħor mal-Għaxra li ngħataw lil Mosè tal-Kotba Mqaddsa fuq il-muntanja Sinaj. Mosè l-Malti ikun iffissat jiġġerra madwar Malta jara fejn qed issir ħsara lill-ħolqien u jara kif jagħmel jiddefendih. Ukoll jekk bħala l-awtur tar-rumanz, jiena nemmen li l-vjolenza mhix f'lokha, xi drabi dan Mosè li ħloqt jiena taqbiżlu ċ-ċinga meta jara li bil-kelma t-tajba ma jista' jsir xejn.*

*Bħalma suldat tal-gwerra jkollu joqtol għal pajjiżu, hekk ukoll Mosè l-Malti tar-rumanz ħafna drabi jħossu li jkollu joqtol għall-ambjent Malti u għall-ħolqien!*

Meta jgħaddu l-festi tas-sajf kollha u jibda jinxtamm riesaq u joqrob il-Milied ma' kull ġimgħa li tgħaddi, Mosè kien jitla' fuq banketta, idendel xi karti tal-kulur matul l-intrata, u fis-salott kien jarma nitfa ta' presepju li kien ilu għandu minn żmien il-Mużew. Għall-ewwel ir-riħa tal-kartapesta kienet tabilħaqq timpesta kullimkien, imma matul is-snin ir-riħa marret u baqa' biss il-presepju umli u sempliċi jixgħel it-tifkiriet ta' żmien bla ħsieb ta' xejn.

Mosè ħares lejn il-Bambin u ma setax jifhem kif fi ċkunitu kien jarah hekk sabiħ meta fil-fatt kien ikrah, werċ, mibrux, qadim. Ġanni kien fuq banketta, minn taħt ħarstu lejn Mosè.

"Nixtru ieħor xi darba..." qal bħallikieku biex jaqbel mal-ħsieb ta' Mosè dwar bambin ikrah.

Mosè donnu lanqas kien jaf li tkellem missieru, imma bħallikieku jitkellem waħdu qal,

"Dol-bambin mhux tat-tafal? Halliena għal riħna..." kompla. Il-missier ma fehemx.

Dan x'Alla kien li ħoloq lil din il-gżira u ma ħax ħsiebha aktar? Iż-żagħżugħ baqa' jaħseb waħdu. Kultant leħnu jinstama, ta' kultant igedwed waħda. Jaf dan Alla x'kien qiegħed jiġri fuq dil-gżira, jew ma jafx?

Il-missier ikkonfonda. Kellhiex raġun martu taħseb li Mosè tagħhom kien qiegħed iħoss rasu? Biżżejjed wieħed jiffissa fuq xi ħaġa biex jinqaleb moħħu ta' taħt fuq!

Mosè kien qiegħed iħares lejn il-Madonna u San Ġużepp, xbihat taflija grotteska huma wkoll. Imma Mosè lilhom kien irid. Lilhom kien jara aċċettabbli, lilhom kien irid jara biex jagħtu sens lil dak li kien iħoss Milied wara ieħor. Bambin tat-tafal, ommu u missieru tat-tafal, għaġina tat-tfulija li tibqa' għaġina sa ma wieħed jixjieħ u tgħaffiġha kif jidhirlek.

"Dal-qaħba tafal tgħaffġu kif trid..." kien qiegħed jgħid.

"U issa nixtru ieħor għedtlek..."

"X'iġifieri nixtru ieħor?" ħatfu Mosè. "Dok tat-tafal appusta biex inkissruh kif irridu u biex ngħawġuh kif irridu!"

Madonna tal-Karmnu, ħaseb Ġanni. Dan x'qiegħed jagħtih Mosè.

"M'intix tara missier," għajjat ibnu. "Imma kemm aħna ċwieċ! M'intix tura li jeqblilna jkullna dan Alla tat-tafal biex nitnejku bih kemm irridu għax tafal mhux blot iebes!"

Ġanni radd salib.

"X'inti tgħid Mosè?"

U dak li kien qiegħed jiġrilu r-razzett, ħaseb Mosè waqt li ttawwal 'il barra mit-tieqa jara x-xita traxxax u ttektek imtajra mir-riħ.

"Missier, min iħores lejn ir-rezzett u l-umiltà u l-kruha tiegħew jaruwhom biss ftit sliem u ħemda naturoli, għax tqatta' inti siegħa ferħon, u min il-bini tar-rezzett u l-begħed bejnu u l-bqija tar-raħal jaruwhom biss gliegel ta' flus. Min jithenna bl-irwejjaħ jintnu mill-imniezel ta' demel - u min jintabaqlu l-ġewwieni tiegħew għax il-miżbla hi hiss theddida għas-saħħa u għall-but u xejn xejn aktar. U dol-bambin tat-tafal werċ u ma jarox sewwa!"

"Titħadditx hekk Mosè," qallu missieru bla ma kien qiegħed isegwi xejn kliem ibnu. Kien qiegħed jara lil Mosè mibdul mill-ġdid, ħarstu bħal trid tinqala' minn wiċċu, rasu mġebbda 'l barra, leħnu baxx, iebes, sod, ħuġbejh mibrumin 'il fuq, dehra tal-biża', dehra li lill-istess

missieru nisslitlu tregħida kiesħa matul ix-xewka ta' dahru.

"Qatt ma għedna dad-diskors haw' ġew..." kompla x-xiħ.

"Dok għax mejtin aħna!" ħatfu Mosè, leħnu fgat, qisu ġej minn qiegħ gerżumtu. Kelma kelma, bla għaġla ta' xejn ħalli x-xiħ jifhem sewwa. "Dok għax dan Alla ġbejna ma jitħarrekx waħda! Alla hu Alla. Alla mhux tafal! Alla tal-blot irid ikun!"

Imbagħad qabad il-bambin tat-tafal, ċkejken, mibrux.

"Don blota għandu jkun u mhux tafal merħi!" U b'saħħa mimlija qilla waddab lill-bambin mal-art, qabeż fuqu, għaffġu, taħnu b'riġlu sa ma sar ftit tafal niexef.

"Issa mmur nixtri wieħed tal-blot mela!" qal il-missier, maħsud.

"Lew tal-azzor!" żied Mosè.

Mosè ma qal xejn aktar. Qabad u ħareġ 'il barra bla kliem u bla sliem. Dakinhar ma kienx xogħol u kellu f'moħħu jarma ftit id-dar għax kien riesaq il-Milied, imma kien jaf issa li l-Milied ma kienx jeżisti tassew, imma kienet ħlieqa fl-imħuħ biex Alla jibqa' tat-tafal u d-dar t'Alla tibqa' tal-kartapesta. Minkejja x-xita u r-riħ li kien qed jonfoħ, irħielha lejn ir-razzett u l-għelieqi ta' madwaru. Lejn ix-xfarijiet ta' rdum ma jersaqx, ħaseb. Imma fi ftit ħin kien qiegħed jiġri fl-għelieqi, jipprova jneħħi d-dwejjaq li kienu qabduh malli ra quddiemu għal sena oħra Alla fil-forma ta' statwa ċkejkna tat-tafal. Minn taħt ir-riħ tal-mandra tal-bajtar, kien qiegħed iħoss ir-riħ jimbuttah minn ħabel għal ieħor, ħassu jiġri ferħan bħalma kien ilu jagħmel matul snin sħaħ, jaqa', jiżloq, jidħak, iqum, iniggeż saqajh, jilgħab, jaqbeż, jiġġieled u jimpika miegħu nnifsu, jitbiegħed mill-ħsara, kburi li qiegħed f'tagħhom, kburi li dan kollu ta' missieru.

Imma issa kien jaf bil-kefrija tar-realtà.

Dak ma kien xejn tagħhom. Dak kien biss imqabbel għandhom, u issa nqala' bniedem li jridu hu għalih, biex jibni fuqu, biex jiżviluppah, biex itella' vilel 'l hemm u 'l hawn. Issa seta' jiġi xi ħadd b'saħħtu aktar mill-kitba li kienet ilha hemmhekk min jaf kemm-il sena u jgħidlu li dak kollu jridu hu. Issa jiġu jaqgħu u jqumu minn dak li kien irid Alla dwar il-ħolqien tiegħu. Hekk jew hekk Alla kien għaġna tat-tafal u xejn aktar! Kulħadd jagħmel bih li jrid. Alla Karnival. Re tal-Karnival tabilħaqq. Imponenti, kbir, suppost ibażża' imma jdaħħak minflok. Issa jiġu xi żewġ periti jkejlu u xi żewġ skrivani mill-Belt, minn xi uffiċċju kollu dokumenti u pjanti u lil missieru jgħidulu jdabbar rasu. L-irdum għall-iżvilupp. Ix-xagħra għall-iżvilupp. Tersaqx lil hemm aktar. Il-wied għall-iżvilupp. Kollox għall-iżvilupp.

Mosè kien qiegħed jiġri u jaħseb, issa jaqbeż, issa jagħdab u issa jieqaf sogħbien ma' ħajt. Ir-razzett irid jinbidel, ħaseb. Ir-razzett ikun irid jinbidel u l-mogħdijiet koroh u maħmuġin kollha żlieq jagħmlu ċangatura tleqq barranija biex flok jimxu l-mogħoż u n-nagħaġ kollha ħmieġ u redus nieżel ma' saqajhom, jippassiġġaw nies għonja. Biex ma jinstamax il-ħoss melankoniku tal-kruxxun u tal-imgħażqa għajjiena, imma ħemda ġdida u stramba.

Ix-xita madwar, traxxax u mtajra mill-irwiefen tħalltet mal-frak irqiq tal-mewġ imkisser taħt l-irdum u mtella' 'l fuq mir-riħ. Mosè ma ssugrax jersaq lejn il-mogħdijiet ta' xifer l-irdumijiet, imma ġibed lejn in-naħa t'isfel tal-wied, mal-ġenb, qalb is-siġar tal-ħarrub. Ħass xi ħaġa fih li mlietu bi dwejjaq kbar, swied il-qalb li kien għoddu bikkieh imma fl-istess nifs ħassu ferħan, donnu kuntent li qiegħed iħossu hekk imħawwad. Kien qiegħed iġarrab għal darb'oħra f'ħajtu l-misteru li ftit kienu jistgħu jifhmu: *il-ferħ u l-hena bla tarf li jnisslu fih id-dwejjaq stramb u s-swied il-qalb qalil tas-solitudni qalb il-widien u l-irdumijiet bix-xita madwaru, ir-riħ kiesaħ u s-sema iswed bħallikieku kulħadd u kollox kien qiegħed jifhem il-qawwa tal-waqt.* Bħalli-kieku kollox fehem hu xi jrid. Donnu l-istess bebbux



***L-irdum fl-inħawi tat-Torri t'Għajn Hadid***
***(Sors: Norbert Vella Photography)***



*L-irdum fl-inħawi tat-Torri t'Għajn Ħadid*
*(Sors: Norbert Vella Photography)*

trufhom u kien jeħtieġ jiggranfa mal-ħajja bl-ispirtu tiegħu kollu kemm hu jekk saħħa m'għadx hemm fil-muskoli ta' ġismu. Ġaladarba ukoll Alla kien abbandunah. Le, ma kienx abbandunah Alla. Kien kellmu. Kien qallu bil-kmandament ġdid. Il-ħolqien. L-ambjent naturali. Kien jeħtieġ isir xi ħaġa, ħaseb Mosè mħawwad. L-ajru kien raġel xiħ jaf li qiegħed imut imma jibqa' jittama li xi mkien f'xi ħin sa tidher dik ix-xiħaġa li turih li qiegħed joħlom ħolm ikrah.

u qarsu qalb il-ġebliet qodma qodma fehmu issa li kienet waslet siegħa mhux tas-soltu. Donnu issa kollox u kulħadd kien qiegħed iħoss li b'xi mod kien wasal żmien li qatt qabel, qatt qatt qatt f'milja sħiħa ta' snin ma kienu raw bħalu qabel. Donnhom fehmu l-ħtieġa li jifirħu b'xulxin għall-aħħar darba għax sigħethom kienet riesqa ġmielha. Mhux sa jaraw xitwa oħra hekk, bħalma jinsabu llum u issa. Issa kien riesaq żmien l-iżvilupp.

Dak mhux ir-ragħad imgħaddab tas-soltu li qiegħed jinstama' imma diġà t-tkarwit tal-gaffa mġewħa. Għax, isma', dak mhux tfaqqigħ is-sajjetti imma ċ-ċekċik tat-tazzi tal-kristall għax il-kuntratti saru, il-kontijiet mexjin, il-bwiet intwieżnu sewwa u x-xaħam iddellek b'mod mill-aktar professjonali. U ara, dak mhux leħħ is-sajjetti fuq il-ħarrub jitbandal ferħan mar-riħ u l-ilma, lanqas il-beraq iċaqċaq madwar il-pal bikkej tal-bajtar tax-xewk ġol-mandra, imma d-dawl tar-ritratti għax qiegħdu l-ewwel ġebla tal-proġett ta' fejda kbira għall-ekonomija ta' dawn l-iskolli kbar kbar.

U dak mhux Toni l-ġar tagħkom inaqqax il-bħajra, imma xi ħadd jilgħab il-golf għax flok xagħra għamlu korsa tal-golf. U ara, dak mhux missierek jilgħab man-naħal, lanqas nannuk bl-ixkora fuq spallejh jirranġa ż-żinguwa tal-mogħoż fix-xita, imma dak il-kappillan qiegħed ibierek il-ġebla...

Iż-żagħżugħ beka. Mosè beka fil-ħemda, waħdu, fix-xita u r-riħ. Xtaqhom jifhmu lil ta' madwaru, xtaqhom għal darba jifhmu sewwa x'qiegħed jinħema għalihom. Xtaqhom jiċċaqalqu huma, imqar titheżżeż kemm kemm l-art ħalli tbażża' u tnaffar lil min ried ikisser dak is-sliem li kien hemm.

Il-qilla tal-ajru madwaru kienet l-aħħar sforz ta' min jaf fil-fond ta' qalbu li jiemu waslu fi

Mosè beka fil-ħemda waħdu għax intebaħ li kellu jkun propju fi żmienu li xi ħadd kien xeħet għajnejh fuq dawk l-inħawi u kien għalhekk sa jiġrilhom bħalma ġralhom ħafna nħawi oħra u jitbiddlu għalkollox. Kellu jkun hu, mela, li jara x'jagħmel. Dil-problema ma kienet qatt quddiem nannuh, mela nannuh ma seta' qatt jiġġildilha. Lanqas missieru. Ara kif f'ħafna bnadi fuq dawn l-iskolli u blatiet imkittfin inbnew binjiet bla qies. La kien hemm wisa' fl-imgħoddi mhux sa jkun hemm wisa' issa għas-sinjur? Kif jistgħu juru l-ħila u l-kobor tagħhom l-abitanti ta' dawn il-blatiet inkella? Kif jistgħu juru l-karattru Nisrani tagħhom inkella? La Alla ħallihom iwaqqgħu palazzi sbieħ u djar fini u qodma li kienu jiswew ħafna flus, taħseb li xi ħadd sa joqgħod iħabbel rasu jaqbad iwaqqa' żewġ għarajjex tas-sejjieħ, ftit xorok ibbattmati u xi żewġt imwieżeb? Kemm tiflaħ tkun baħnan Mosè! Xi tridu jagħmel Alla nnifsu ġaladarba saħansitra knisja tħokk m'oħra bnew, f'dan il-karnival ħaj, waħda ikbar mill-oħra? Taħseb li xi ħadd sa jiskrupla jwaqqa' razzett qadim ta' missierek xiħ, Mosè? Imbilli waħħaltha f'rasek li Alla mhux Re Karnival, taħseb Alla sa jiċċaqlaq għal biċċa razzett? Jew għal ġiex ħarrubiet?

Mosè beka fil-ħemda, waħdu waħdu waħdu u ma ħassx l-imluħa ta' raxx il-baħar u tad-dmugħ titħallat max-xita nieżla li żdiedet u qlielet. Ma ħassx il-kesħa tar-riħ. Ma rax il-ġebel madwaru u l-mogħdijiet li ġarrewh bla ma jaf lejn xifer l-irdum. Ma setax jifhem. Għaliex kienu jridu jeqirdu dan l-irdum u dawn is-siġar u dawn ix-xagħri u dan ir-raba' kollu? Min jaf kemm-il bidwi ħadem hemmhekk, min jaf kemm il-ġlieda seħħet mal-furbani li kienu jinżlu taħt ir-riħ u jitilgħu jisirqu u jfarrku waqt li missirijietu ġġieldu u tqatlu biex ħadd ma

jirbħilhom lil arthom!

Mosè kien riesaq sewwa lejn ix-xifer ta' rdum. U meta ntebaħ fejn kien sejjer ma fehmux lil dak l-ieħor ġewwieni li ġebbdu 'l hemmhekk. Il-mewġ ta' taħt ir-riħ jitkisser mal-blatiet kien donnu għajjat li Mosè ma fehemx mill-ewwel x'kien qiegħed jgħajjat.

Imbagħad mesaħ għajnejh u ra l-inutilità ta' kulma kien jittanta jagħmel. Fehem il-ħtieġa li t-tibdil inevitabbli ma jsirx kemm idum ħaj hu. Fehem il-ħtieġa li dak li kien miktub sa jkollu jsir. Fehem kemm kien ġifa hu. Fehem il-kilba tal-mewġiet. Fehem għaliex kien wasal sa dak ix-xifer. Hass il-buffuri tar-riħ jimbuttawh imidd pass ieħor għal isfel; ħass l-ieħor ġo fih jiġġieled miegħu u jgħajjatlu jersaq lura għax hu mhux ġifa, hu m'għandu jkun qatt ġifa, hu għandu jiġġieled, ukoll jekk jaf li sa jitlef żgur.

U fl-istess nifs ra kemm kellu raġun il-kappillan meta qallu li ħadd ma seta' jagħmel xejn. Ra kemm kien baħnan iħabbat rasu fuq biċċtejn irqajja' ħamrija u żewġ ħarrubiet xjuħ u xi tużżana gremxuliet u qniefed u sriep. Fehem kemm kien baħnan li qiegħed hemmhekk jixxarrab u jħoss il-bard mikdud għall-wied u għar-razzett, meta kien ikunlu aktar ta' ġid jekk jinxteħet quddiem it-televixin idawwar xi film u ma jaħseb xejn xejn xejn.

Issa xiber jew tnejn biss fadallu biex jasal sa fejn il-mewġ u jintaħan mal-blatiet t'hemm isfel, u ma kien jara jsir ebda tibdil madwaru li kieku jfettillu jmidd il-pass li jmiss! Ma kien jara ebda gaffa twitti l-inħawi. Biċċa pass biss kien jonqsu u ma jkollu ebda inkwiet ieħor!

Mosè beda jibki aktar għax fehem li kien ġifa, ħila ma kellux. Mhux biss ma kellux ħila jersaq aktar biex jinsa kollox, imma ħassu jitkexkex jaħseb x'kien qiegħed jhewden. U resaq lura.

Ħass il-kesħa madwaru. Kien hemm il-kesħa qawwija tal-bejn ħaltejn ta' min irid u ma jafx x'irid. Ta' min irid jitħarrek u ma jafx x'jaqbad jagħmel. Ta' min jinkedd jisma' bl-inġustizzji u ma jafx kif jista' jiġġildilhom għax dgħajjef, bla mezzi u bla flus. Imma fehem f'daqqa waħda li ma riedx ikun biss żagħżugħ ieħor fuq dawn l-iskolli u xejn aktar. Hass xi ħaġa fih tfaqqa' f'salt; ħassu jitriegħed bil-biża' kbir li qabdu. Ħassu kalm imma feroċi. Hass geddumu bħal jitfaqqam 'il barra. Hass għadab kbir ikkonċentrat ġo fih. Mosè ma riedx aktar ikun biss żagħżugħ ieħor f'Malta mikula bl-aljenazzjoni u bl-apatija. Ma riedx ikun żagħżugħ, miskin jaf jaħseb imma ma jafx jiċċaqlaq. Mosè ried ikun ġellied daqs l-għassiesa tal-qedem fit-torrijiet jitqabdu mal-għedewwa. Issa l-għadu mhux aktar furban barrani, imma hu Malti. Traditur ta' pajjiżu. Ma riedx aktar jibqa' ċass. Il-ħamrija, kull traba hemm fuq kienet ħamrija qaddisa, trab sagru, imsoqqi bid-demm ta' Maltin bħalu li kienu ċarċru ħajjithom biex illum hu jgħix ħieles u biex l-art tkun tiegħu. Ma jistax ikun li jkun il-ġifa hu. Kien sa jkollu jiċċaqlaq. Il-qilla li ħass tfaqqa' ġo fih ma kien sa jkun jista' jrażżanha b'xejn issa. Hass għajnejh ħodor ħodor jaqbżulu 'l barra. Issa kien sa jkollu jitħarrek biex ma jaħrabx mill-problema. Ma jkun ġifa qatt issa. Ħuġbejh jinbarmulu 'l fuq.



***It-Torri t'Għajn Ħadid***
***(Sors: Norbert Vella Photography)***

Ma kienx sa jibqa' żagħżugħ ma jaf jagħmel xejn xejn għajr jgħajjat u jħambaq u jwerżaq bħall-bqija tal-Maltin waqt li ħaddiehor jibqa' għaddej bil-gaffa mnejn irid u jiftillu hu sewwasew minn fuqu. Issa mhux aktar rieqed u mutu bħall-oħrajn.

Mosè mexa lura, maħsud għall-ħsibijiet li sab ruħu mgħaddas fihom. Kien jaf li kien wasal il-waqt tiegħu issa. Triegħed bil-bard li qabdu. Ma jimpurtax jekk jitlef. Ma jimpurtax. Imma l-gaffa mhux sa jħalliha tgħaddi minn fuqu. Kienet waslet sigħetu.

Qalbu ħebbritu lil Mosé Malti li kien wasal żmien it-traġedja tal-irdumijiet f'Għajn Ħadid. Kien issa żmien it-traġedja tal-irdumijiet fuq dawn il-Gżejjer. Ma jistax ikun jibqa' jinqered il-ħolqien. Ma jistax ikun aktar.

*Issa bambin tal-blat, mhux tat-tafal aktar.*

# Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni

A. Vella Borg & Sons Ltd........88
A.F. Skip Hire........73
Aalayah's Stop & Shop........10
Agalaya Beauty Clinic........13
Alkova........55
Allneeds........68
Angela's Flower Shop........53
Art in Beauty........30
Bayleaves........14
Bella Veduta........89
Best Print Co. Ltd........58
Bottles & Bottles........5
C. Vella & Sons Ltd........60
Carmel Vella Ltd........56
Cash & Carry........11
CLD........25
CN Mifsud........87
Cross Keys........31
CZ Imports........21
Dainty........70
Dingli Butcher........70
Drifter........3
Drivewell Motoring School........67
Eight24........26
Evergreen Discount Mini Market........81
Eyetech Ltd........8
Farmer's Fresh Green Grocer........7
Fieldsports........30
Foto Creative........27
Ġo Ġo Mini Market........31
Gaulos Exclusive Art........76
George's Bakery........23
Glamorous........81
Green Valley........84
HB Motors........59
Herbies Jewellery Ltd........68
Horace Enterprises Ltd........83
icam Studios........84
Il Bagno........60
Imperial Bar........11
Ir-Razzett Fruit Shop........76
J&G Discount........84
J. Attard........84
J. Vella........72
JDS........inside back
Jevon's Fruit Shop........22
Jimcam Enterprises Ltd........45
Joanneville Hair Studio........50
Joe Gauci Metal Works........50
John Bray & Family Funeral Services........44
John Buttigieg Ċikkies........33
Joseph Debono........16
Kafè Borg........72
Malta Bus Coop.........24
Manuel Bezzina Co. Ltd........22
Manuel's Garage........6
Marianna Stationery........21
Mario Gauci........6
Maritim Antonine Hotel & Spa........38
Mark Taliana Gardener........50
Meet Garage........24
Mġarr United Bar & Restaurant........76
Mosta Bacon........88
MT Service Station........73
Nella's........45
P&C Cauchi........32
Paradise Bay Resort........19
Pâtisserie........62
Pergola Hotel & Spa........2
Ph Borg Ltd........14
Reflections........3
ROCS Group........inside front
Roy Thai Specialist........10
Sala Imperial........36
Santa Maria Service Station........21
Solana Hotel & Spa........2
Stardust........43
Stoneage........8
Ta' Peter........72
Ta' Titta Confectionery........70
Tal-Puzzu........72
The Beach at Paradise Bay........82
The Caterer........32
The Hilltop........89
The Veggie Truck........60
Tony's Bakery........70
Tower Ladder Services........75
Tramun Tagħna........18
V. Debono Ironmongery........81
Valyou Supermarkets........64
VS Wholesale........89

# At JDS we offer:



A variety of custom made kitchens , bedrooms and bespoke furniture, both modern and traditional to suit your needs.

A variety of custom designs and local manufacture that can provide you with a range of materials and colour schemes of your choice.



All are manufactured locally in Marsa.



We also have a wide range of gifts and accessories. These include tableware, to cushions, runners, crystal vases, lamps and occasional furniture.



Visit our showroom in Mellieha to view our Himolla sofa collection. Carrying a 5 year guarantee, Himolla can bring more comfort to home.

Visit the Himolla website:
www.himolla.com







We also have a wide range of gifts and accessories. These include tableware, to cushions, runners, crystal vases, lamps and occasional furniture.



Ask us for any assistance, you may require.

**Save money with JDS DIY made to measure services.**

JDS Furniture Ltd.

Main Street, Mellieha | Garibaldi Street, Marsa | t: +356 2152 2390
e: info@jdsfurniture.com | s: www.jdsfurniture.com | fb: JDS Furniture

# Il-faċċata l-ġdida tal-Każin Imperial




**Emanuel Cini**
stone sculptor & restorer
17, Etna Street Mellieha,
M.L.H. 03
VAT Reg No: 1070-2013

Project:
Imperial Band Club Mellieha

| Date: | Scale: | Drawn: |
| --- | --- | --- |
| 25/04/2019 | 1:50 | Stephen Grima |